C/2024/4018

17.7.2024

P9_TA(2023)0253

Regolament ġdid dwar il-prodotti għall-bini

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Lulju 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (UE) 305/2011 (COM(2022)0144 – C9-0129/2022 – 2022/0094(COD)) [1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(C/2024/4018)

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Sabiex prodott għall-bini jitqiegħed fis-suq, il-manifattur huwa obbligat li jfassal dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għal tali prodott. Il-manifattur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodott ma' tali prestazzjoni ddikjarata. ***Huma pprovduti*** ċerti ***eżenzjonijiet għal*** dan l-obbligu.	(2) Sabiex prodott għall-bini ***kopert bi speċifikazzjoni teknika armonizzata*** jitqiegħed fis-suq, il-manifattur huwa obbligat li jfassal dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għal tali prodott. Il-manifattur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodott ma' tali prestazzjoni ddikjarata. Ċerti ***prodotti, bħal prodotti manifatturati individwalment jew prodotti magħmula skont l-ordni, jenħtieġ li jiġu eżentati minn*** dan l-obbligu.

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0207/2023).

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti flussi ta' informazzjoni li jiffunzjonaw tajjeb, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi, biex jiġi żgurat li informazzjoni koerenti u trasparenti dwar il-prestazzjonijiet tal-prodotti għall-bini tkun disponibbli tul il-katina tal-provvista. Dan huwa mistenni li jżid it-trasparenza u li jtejjeb l-effiċjenza f'termini ta' trasferiment ta' informazzjoni. L-iżgurar tal-aċċess diġitali għal informazzjoni komprensiva dwar il-prodotti għall-bini jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kostruzzjoni b'mod sħiħ, u b'hekk jagħmel il-qafas adattat għall-era diġitali. L-aċċess għal informazzjoni affidabbli u dejjiema jfisser ukoll li l-operaturi ekonomiċi u atturi oħrajn ma jikkontribwixxux għan-nuqqas ta' konformità ta' xulxin.	(4) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti flussi ta' informazzjoni li jiffunzjonaw tajjeb, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi ***u f'format li jinqara mill-magni***, biex jiġi żgurat li informazzjoni koerenti u trasparenti dwar il-prestazzjonijiet tal-prodotti għall-bini tkun disponibbli tul il-katina tal-provvista. Dan huwa mistenni li jżid it-trasparenza u li jtejjeb l-effiċjenza f'termini ta' trasferiment ta' informazzjoni. L-iżgurar tal-aċċess diġitali għal informazzjoni komprensiva dwar il-prodotti għall-bini jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kostruzzjoni b'mod sħiħ, u b'hekk jagħmel il-qafas adattat għall-era diġitali. L-aċċess għal informazzjoni affidabbli u dejjiema jfisser ukoll li l-operaturi ekonomiċi u atturi oħrajn ma jikkontribwixxux għan-nuqqas ta' konformità ta' xulxin.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-ilħuq tal-għanijiet ambjentali, inkluża l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, jagħmilha neċessarja li jiġu stabbiliti obbligi ambjentali ġodda u li ***tiġi stabbilita l-bażi għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta'*** metodu ta' valutazzjoni għall-kalkolu tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti għall-bini. Għall-istess raġuni, jeħtieġ li tiġi estiża l-firxa ta' operaturi ekonomiċi regolati, minħabba li d-distributuri, il-fornituri u l-manifatturi kollha għandhom rwol fil-kalkolu tas-sostenibbiltà ambjentali fis-settur tal-kostruzzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dik il-firxa tiġi estiża f'żewġ direzzjonijiet, 'l isfel mid-distributuri għall-operaturi ekonomiċi li jippreparaw l-użu mill-ġdid u l-manifattura mill-ġdid ta' prodotti għall-bini u 'l fuq mill-manifattur fuq	(7) L-ilħuq tal-għanijiet ambjentali, inkluża l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ***u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari***, jagħmilha neċessarja li jiġu stabbiliti obbligi ambjentali ġodda ***mingħajr ma jiżdiedu b'mod sproporzjonat il-burokrazija u l-kostijiet għall-operaturi ekonomiċi, speċjalment għall-SMEs,*** u li ***jiġi żviluppat u applikat*** metodu ta' valutazzjoni għall-kalkolu tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti għall-bini ***abbażi tal-istandard EN 15804 u d-Dikjarazzjonijiet Ambjentali tal-Prodotti (EPDs), li huma użati ħafna, mill-manifatturi tal-prodotti għall-kostruzzjoni. Dan huwa essenzjali biex jiġi żgurat il-kalkolu korrett tal-impatt ambjentali fil-livell tal-bini skont l-istandard EN 15978.*** Għall-istess raġuni, jeħtieġ li

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
il-forniturі ta' prodotti intermedji u/jew materja prima. Barra minn hekk, ċerti operaturi li jinvolvu ruħhom fil-kuntest taż-żarmar ta' prodotti użati jew ta' partijiet oħrajn ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew manifattura mill-ġdid u l-użu mill-ġdid tagħhom jeħtieġ li jikkontribwixxu għat-tieni ħajja sikura tal-prodotti għall-bini.	tiġi estiża l-firxa ta' operaturi ekonomiċi regolati, minħabba li d-distributuri, il-forniturі u l-manifatturi kollha għandhom rwol fil-kalkolu tas-sostenibbiltà ambjentali fis-settur tal-kostruzzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dik il-firxa tiġi estiża f'żewġ direzzjonijiet, 'l isfel mid-distributuri għall-operaturi ekonomiċi li jippreparaw l-użu mill-ġdid u l-manifattura mill-ġdid ta' prodotti għall-bini u 'l fuq mill-manifattur fuq il-forniturі ta' prodotti intermedji u/jew materja prima. Barra minn hekk, ċerti operaturi li jinvolvu ruħhom fil-kuntest taż-żarmar ta' prodotti użati jew ta' partijiet oħrajn ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew manifattura mill-ġdid u l-użu mill-ġdid tagħhom jeħtieġ li jikkontribwixxu għat-tieni ħajja sikura tal-prodotti għall-bini.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex jiġu żgurati s-sikurezza u l-funzjonalità tal-prodotti għall-bini u, b'estensjoni, tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni***, huwa meħtieġ li jiġi evitat li l-oġġetti li ma humiex maħsuba mill-manifatturi tagħhom biex ikunu prodotti għall-bini jitqiegħdu fis-suq bħala prodotti għall-bini. Għalhekk, jenħtieġ li l-importaturi, id-distributuri u operaturi ekonomiċi downstream oħrajn jiżguraw li dawk il-prodotti għall-bini psewdo ma jinbigħux bħala prodotti għall-bini. Barra minn hekk, jenħtieġ li*** ċerti forniturі ta' servizzi bħall-forniturі ta' servizzi ***ta' ġestjoni jew il-forniturі ta' servizzi ta' stampar 3D*** ma jikkontribwixxux għan-nuqqasijiet ta' konformità ta' operaturi ekonomiċi oħrajn. Għalhekk, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti jsiru applikabbli wkoll għal dawn is-servizzi u għall-forniturі tagħhom.	(8) Sabiex jiġu żgurati s-sikurezza u l-funzjonalità tal-prodotti għall-bini u, b'estensjoni, tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni***, kif ukoll tal-ħaddiema u l-konsumaturi,*** ċerti forniturі ta' servizzi bħall-forniturі ta' servizzi ***ta' eżekuzzjoni jenħtieġ li*** ma jikkontribwixxux għan-nuqqasijiet ta' konformità ta' operaturi ekonomiċi oħrajn. Għalhekk, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti jsiru applikabbli wkoll għal dawn is-servizzi u għall-forniturі tagħhom.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Huwa possibbli li ***operaturi ekonomiċi*** differenti ***jipprovdu sett ta' data tal-istampar 3D, magna jew forma tal-istampar 3D, u l-materjal li għandu jintuża fihom, li jwasslu għal sitwazzjoni fejn l-ebda wieħed minn dawk l-operaturi ma jkun responsabbli għas-sikurezza u għall-prestazzjoni xierqa tal-prodott stampat 3D***. ***Sabiex jiġu evitati riskji possibbli għas-sikurezza f'dan ir-rigward,*** huwa għalhekk meħtieġ li ***jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għal settijiet ta' data tal-istampar 3D, materjali maħsuba biex jintużaw għall-istampar 3D u għal servizzi tal-istampar 3D li jippermettu l-istampar 3D ta'*** prodotti għall-bini***, sabiex b'hekk, billi jiġu rrispettati dawn id-dispożizzjonijiet, l-operaturi ekonomiċi jilħqu b'mod konġunt livell ta' sikurezza simili għal dak żgurat*** għall-prodotti ***għall-bini ordinarji***.	(9) Huwa possibbli li ***persuni fiżiċi jew ġuridiċi*** differenti ***jistampaw 3D prodotti għall-bini***. Huwa għalhekk meħtieġ ***li jiġi ċċarat li persuna fiżika jew legali li tistampa 3D*** prodotti għall-bini ***jenħtieġ li tissodisfa li jaqgħu fuq il-manifatturi meta tkun qed tqiegħed prodotti fis-suq għall-klijenti. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi żgurat li dik il-persuna tuża s-settijiet tad-data 3D xierqa, kif ukoll li l-materjali użati jkunu għaddew mill-proċeduri applikabbli*** għall-prodotti ***u li l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur tas-sett tad-data 3D u l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur tal-materjal tal-istampar jikkoinċidu***.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) ***Sabiex jiġu żgurati s-sikurezza u l-ħarsien tal-ambjent u biex tingħalaq lakuna regolatorja li kieku teżisti, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-prodotti għall-bini manifatturati fis-sit tal-kostruzzjoni għall-inkorporazzjoni immedjata fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni huma soġġetti għall-istess regoli bħal prodotti għall-bini oħrajn. Madankollu, il-mikrointrapriżi spiss jimmanifatturaw u jinstallaw individwalment prodotti fuq il-post. Is-soġġettar ta' dawk il-mikrointrapriżi*** fiċ-ċirkostanzi kollha għall-istess regoli bħal intrapriżi oħrajn jaffettwa b'mod sproporzjonat lil dawk il-mikrointrapriżi. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw lill-mikrointrapriżi milli jfasslu dikjarazzjoni tal-prestazzjoni f'sitwazzjonijiet speċifiċi, fejn l-interessi ta' Stati Membri oħrajn ma jiġux affettwati.	(10) ***Li l-mikrointrapriżi jiġu soġġetti,*** fiċ-ċirkostanzi kollha***,*** għall-istess regoli bħal intrapriżi oħrajn jaffettwa b'mod sproporzjonat lil dawk il-mikrointrapriżi. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw lill-mikrointrapriżi milli jfasslu dikjarazzjoni tal-prestazzjoni f'sitwazzjonijiet speċifiċi, fejn l-interessi ta' Stati Membri oħrajn ma jiġux affettwati. ***L-awtoritajiet lokali jenħtieġ li jingħataw l-mekkaniżmi ta' finanzjament meħtieġa biex jgħinu lill-mikrointrapriżi jaċċessaw u jkunu parti mis-suq tal-prodotti sostenibbli.***

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-iżgurar tal-moviment liberu ta' kittijiet ***jew assemblaġġi*** ta' prodotti għall-bini fis-suq intern se jġib benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini, għall-konsumaturi u għan-negozji, b'mod partikolari.***Madankollu, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li l-kompożizzjoni tagħhom tiġi definita b'mod preċiż fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew fid-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni.***	(11) L-iżgurar tal-moviment liberu ta' kittijiet ta' prodotti għall-bini fis-suq intern se jġib benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini, għall-konsumaturi u għan-negozji, b'mod partikolari.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-ħolqien ta' suq tal-Unjoni għal djar prefabbrikati żgħar ta' familja waħda għandu potenzjal li jnaqqas il-prezz tal-akkomodazzjoni u li jkollu effetti soċjali u ekonomiċi pożittivi. Il-ġustizzja għall-konsumaturi tibqa' prijorità, speċifikament iżda mhux limitata għall-iżgurar tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika, f'konformità mal-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika [40]***, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet 7 a)-ċ). Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati għal tali djar żgħar. Madankollu, djar żgħar huma wkoll xogħlijiet ta' kostruzzjoni, li għalihom l-Istati Membri huma kompetenti. Minħabba li jista' ma jkunx possibbli li jiġu integrati b'mod kumulattiv ir-rekwiżiti nazzjonali kollha għal djar prefabbrikati żgħar ta' familja waħda fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati futuri, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom id-dritt li jagħżlu li ma japplikawx ir-regoli li għandhom japplikaw għal dawk id-djar prefabbrikati ta' familja waħda.***	***imħassar***

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, COM(2021) 801 final 2021/0421 (NLE)	

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li l-prodotti għall-bini li diġà jkunu ġew ivvalutati u li jintużaw mill-ġdid ma jkunux soġġetti għar-regoli li japplikaw għal prodotti għall-bini ġodda. Madankollu, il-prodotti għall-bini użati li qatt ma tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni qabel jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess regoli bħal prodotti għall-bini ġodda, minħabba li tali prodotti qatt ma jkunu ġew ivvalutati.	(14) Jenħtieġ li l-prodotti għall-bini li diġà jkunu ġew ivvalutati u li jintużaw mill-ġdid ma jkunux soġġetti għar-regoli li japplikaw għal prodotti għall-bini ġodda. Madankollu, il-prodotti għall-bini użati li qatt ma tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni qabel jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess regoli bħal prodotti għall-bini ġodda, minħabba li tali prodotti qatt ma jkunu ġew ivvalutati. ***Dan japplika għall-prodotti għall-bini mmanifatturati fis-sit tal-kostruzzjoni għall-inkorporazzjoni immedjata fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni.***

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Sabiex jiġi żgurat li s-sikurezza u l-funzjonalità tal-prodotti għall-bini jiġu salvagwardjati, jenħtieġ li r-regoli applikabbli għal prodotti għall-bini ġodda japplikaw ukoll għal prodotti għall-bini użati fejn l-użu maħsub jinbidel, ħlief għal finijiet ta' dekorazzjoni, għal prodotti għall-bini użati b'użu inizjali maħsub mhux ċar, għal prodotti għall-bini użati li jkunu għaddew minn proċess trasformattiv importanti u għal prodotti għall-bini użati li għalihom operatur ekonomiku jafferma karatteristiċi addizzjonali jew l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-prodott.	(15) Sabiex jiġi żgurat li s-sikurezza u l-funzjonalità tal-prodotti għall-bini jiġu salvagwardjati, jenħtieġ li r-regoli applikabbli għal prodotti għall-bini ġodda japplikaw ukoll għal prodotti għall-bini użati fejn l-użu maħsub jinbidel, ħlief għal finijiet ta' dekorazzjoni, għal prodotti għall-bini użati b'użu inizjali maħsub mhux ċar, għal prodotti għall-bini użati li jkunu għaddew minn proċess trasformattiv importanti u għal prodotti għall-bini użati li għalihom operatur ekonomiku jafferma karatteristiċi addizzjonali jew l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-prodott ***u għal prodotti għall-bini użati li l-operatur ekonomiku un qed iqiegħed fis-suq għall-ewwel darba***.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-prodotti għall-bini mqiegħda fis-suq fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea spiss jiġu importati minn pajjiżi ġirien u, għalhekk, ma humiex soġġetti għar-rekwiżiti stipulati fid-dritt tal-Unjoni. Is-soġġettar ta' dawk il-prodotti għall-bini għal tali rekwiżiti jkun għali b'mod sproporzjonat. Fl-istess ħin, il-prodotti għall-bini manifatturati fir-reġjuni ultraperiferiċi bilkemm jiċċirkolaw fi Stati Membri oħrajn. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jeżentaw il-prodotti għall-bini mqiegħda fis-suq ***jew installati direttament*** fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea minn dawk ir-rekwiżiti.	(17) Il-prodotti għall-bini mqiegħda fis-suq fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea spiss jiġu importati minn pajjiżi ġirien u, għalhekk, ma humiex soġġetti għar-rekwiżiti stipulati fid-dritt tal-Unjoni. Is-soġġettar ta' dawk il-prodotti għall-bini għal tali rekwiżiti jkun għali b'mod sproporzjonat. Fl-istess ħin, il-prodotti għall-bini manifatturati fir-reġjuni ultraperiferiċi bilkemm jiċċirkolaw fi Stati Membri oħrajn. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jeżentaw il-prodotti għall-bini mqiegħda fis-suq fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea minn dawk ir-rekwiżiti.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex ***jistinka għal massimu ta'*** koerenza regolatorja, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibni, sa fejn ikun possibbli, fuq il-qafas legali orizzontali, jiġifieri, f'dan il-każ, fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ***Dan isegwi x-xejra reċenti fil-leġiżlazzjoni*** dwar il-prodotti ***biex tiġi żviluppata*** soluzzjoni ta' riżerva fejn ***l-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni ma jagħtux standards armonizzati li jistgħu jiġu ċċitati fil-Ġurnal Uffiċjali***. Billi ma seta' jiġi ċċitat l-ebda standard armonizzat għall-prodotti għall-bini fil-Ġurnal Uffiċjali mill-aħħar tal-2019 u madwar tużżana biss minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, jenħtieġ li ***s-setgħat ġodda ta' riżerva għall-Kummissjoni jkunu saħansitra aktar komprensivi, li jippermettu*** li jiġi ottimizzat l-output ġenerali tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi sabiex dawn ilaħħqu mad-dewmien fl-adattament għall-progress tekniku.	(18) Sabiex ***tinkiseb l-ogħla*** koerenza regolatorja, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibni, sa fejn ikun possibbli, fuq il-qafas legali orizzontali, jiġifieri, f'dan il-każ, fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ***Madankollu, f'konformità ma' leġiżlazzjoni oħra*** dwar il-prodotti***, dan ir-Regolament jipprovdi*** soluzzjoni ta' riżerva ***f'każijiet eċċezzjonali definiti sew*** fejn ***l-applikazzjoni ta' att leġiżlattiv tkun f'riskju***. Billi ma seta' jiġi ċċitat l-ebda standard armonizzat għall-prodotti għall-bini fil-Ġurnal Uffiċjali mill-aħħar tal-2019 u madwar tużżana biss ***ġew iċċitati*** minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni Ewropej, tistabbilixxi soluzzjoni fattibbli, li tippermetti*** li jiġi ottimizzat l-output ġenerali tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi sabiex dawn ilaħħqu mad-dewmien fl-adattament għall-progress tekniku.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fejn l-istandards armonizzati jistabbilixxu r-regoli għall-valutazzjoni tal-prestazzjonijiet fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali rilevanti għall-kodiċijiet tal-kostruzzjoni tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-istandards armonizzati jsiru obbligatorji għall-fini tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi huma biss tali standards li jilħqu l-għan li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti, filwaqt li jiżguraw il-kapaċità tal-Istati Membri li jitolbu karatteristiċi tal-prodott tas-sikurezza u ambjentali, inklużi dawk relatati mal-klima, fid-dawl ***tas-sitwazzjoni*** nazzjonali speċifika ***tagħhom***. Meta jiġu segwiti flimkien, dawn iż-żewġ għanijiet jirrikjedu li l-prodotti jiġu vvalutati b'metodu ta' valutazzjoni uniku, għalhekk, jeħtieġ li l-metodu jkun	(19) Fejn l-istandards armonizzati jistabbilixxu r-regoli għall-valutazzjoni tal-prestazzjonijiet fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali rilevanti għall-kodiċijiet tal-kostruzzjoni tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-istandards armonizzati jsiru obbligatorji għall-fini tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi huma biss tali standards li jilħqu l-għan li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti, filwaqt li jiżguraw il-kapaċità tal-Istati Membri li jitolbu karatteristiċi tal-prodott tas-sikurezza u ambjentali, inklużi dawk relatati mal-klima, fid-dawl ***tad-differenzi fil-klima, fil-ġeoloġija u fil-ġeografija tagħhom u tal-kundizzjonijiet oħra li jipprevalu fis-sitwazzjoni*** nazzjonali speċifika ***tal-Istati Membri***. Meta jiġu segwiti flimkien, dawn iż-żewġ għanijiet

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
obbligatorju. Madankollu, jistgħu jintużaw standards volontarji sabiex ir-rekwiżiti tal-prodott, speċifikati għall-familja jew il-kategorija ta' prodotti rilevanti permezz ta' Atti Delegati, isiru saħansitra aktar konkreti, filwaqt li jsegwu t-triq li ħadet id-Deċiżjoni 768/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'konformità mad-Deċiżjoni 768/2008, jenħtieġ li dawk l-istandards ikunu jistgħu jipprovdu preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti koperti minnhom.	jirrikjedu li l-prodotti jiġu vvalutati b'metodu ta' valutazzjoni uniku, għalhekk, jeħtieġ li l-metodu jkun obbligatorju. Madankollu, jistgħu jintużaw standards volontarji sabiex ir-rekwiżiti tal-prodott, speċifikati għall-familja jew il-kategorija ta' prodotti rilevanti permezz ta' Atti Delegati, isiru saħansitra aktar konkreti, filwaqt li jsegwu t-triq li ħadet id-Deċiżjoni 768/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'konformità mad-Deċiżjoni 768/2008, jenħtieġ li dawk l-istandards ikunu jistgħu jipprovdu preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti koperti minnhom.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jingħata kontribut għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ***u*** tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, u sabiex jiġu żgurati prodotti għall-bini sikuri, bis-sikurezza bħala wieħed mill-għanijiet li għandhom jiġu segwiti fil-leġiżlazzjoni abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huma meħtieġa rekwiżiti inerenti tal-prodotti relatati mas-sikurezza, il-funzjonalità u l-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-klima. Meta tistabbilixxi dawn ir-rekwiżiti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-kontribut potenzjali ***tagħhom*** biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni b'rabta mal-klima, l-ambjent u l-effiċjenza enerġetika. Dawn ir-rekwiżiti ma humiex sempliċiment relatati mal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini. Għall-kuntrarju tad-Direttiva predeċessur tiegħu 89/106/KE, ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 ma jipprevedix il-possibbiltà li jiġu stabbiliti tali rekwiżiti inerenti tal-prodotti. Madankollu, ċerti standards armonizzati għall-prodotti għall-bini fihom tali rekwiżiti inerenti tal-prodott li jistgħu jkunu relatati mal-ambjent, mas-sikurezza jew sempliċiment mal-funzjonament tajjeb	(20) Sabiex jingħata kontribut għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew***,*** tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari ***u tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero***, u sabiex jiġu żgurati prodotti għall-bini sikuri, bis-sikurezza bħala wieħed mill-għanijiet li għandhom jiġu segwiti fil-leġiżlazzjoni abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huma meħtieġa rekwiżiti inerenti tal-prodotti relatati mas-sikurezza, il-funzjonalità u l-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-klima. Meta ***tkun qed*** tistabbilixxi dawn ir-rekwiżiti, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tindirizza r-riskji tas-sikurezza u*** tqis il-kontribut potenzjali ***tar-rekwiżiti*** biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni b'rabta mal-klima, l-ambjent u l-effiċjenza enerġetika. Dawn ir-rekwiżiti ma humiex sempliċiment relatati mal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini. Għall-kuntrarju tad-Direttiva predeċessur tiegħu 89/106/KE, ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 ma jipprevedix il-possibbiltà li jiġu stabbiliti tali rekwiżiti inerenti tal-prodotti. Madankollu, ċerti standards armonizzati għall-prodotti għall-bini fihom tali rekwiżiti inerenti tal-prodott li jistgħu jkunu relatati mal-

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
tal-prodott. Dawn l-istandards juru li hemm ħtieġa prattika għal tali rekwiżiti dwar is-sikurezza, l-ambjent jew sempliċiment il-funzjonament tal-prodotti. L-Artikolu 114 tat-TFUE, bħala l-bażi ġuridika ta' dan ir-Regolament, jimponi wkoll l-insegwiment ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, tas-saħħa u tas-sikurezza tal-bniedem. B'hekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jintroduċi (mill-ġdid) jew jivvalida r-rekwiżiti inerenti tal-prodott. ***Filwaqt li dawn ir-rekwiżiti jeħtieġ li jiġu stabbiliti mil-leġiżlatur, hemm il-ħtieġa li dawn jiġu speċifikati għal aktar minn 30 familja ta' prodotti, kull waħda b'diversi kategoriji.*** B'hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tispeċifika ***r-rekwiżiti*** għall-familja jew il-kategorija rispettiva ta' prodotti għall-bini.	ambjent, mas-sikurezza jew sempliċiment mal-funzjonament tajjeb tal-prodott. Dawn l-istandards juru li hemm ħtieġa prattika għal tali rekwiżiti dwar is-sikurezza, l-ambjent jew sempliċiment il-funzjonament tal-prodotti. L-Artikolu 114 tat-TFUE, bħala l-bażi ġuridika ta' dan ir-Regolament, jimponi wkoll l-insegwiment ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, tas-saħħa u tas-sikurezza tal-bniedem. B'hekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jintroduċi (mill-ġdid) jew jivvalida r-rekwiżiti inerenti tal-prodott. B'hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tispeċifika ***dawk ir-rekwiżiti*** għall-familja jew il-kategorija rispettiva ta' prodotti għall-bini.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Il-manifattura u d-distribuzzjoni tal-prodotti għall-bini jsiru dejjem aktar kumplessi, u dan iwassal għall-ħolqien ta' operaturi speċjalizzati ġodda, bħal fornituri ta' servizzi ta' ***ġestjoni***. Għal raġunijiet ta' ċarezza, ċerti obbligi ġeneriċi, inkluż dwar il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet, jenħtieġ li jkunu applikabbli għal dawk kollha involuti fil-katina tal-provvista, il-manifattura, id-distribuzzjoni, it-tikkettar tal-marka proprja***, l-imballaġġ mill-ġdid*** jew il-kummerċ sekondarju, l-installazzjoni, it-tneħħija ***tal-installazzjoni*** għall-użu mill-ġdid jew għall-manifattura mill-ġdid, u l-manifattura mill-ġdid innifisha. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-fornituri jkunu obbligati jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-finijiet ta' valutazzjoni tas-	(21) Il-manifattura u d-distribuzzjoni tal-prodotti għall-bini jsiru dejjem aktar kumplessi, u dan iwassal għall-ħolqien ta' operaturi speċjalizzati ġodda, bħal fornituri ta' servizzi ta' ***eżekuzzjoni***. Għal raġunijiet ta' ċarezza, ċerti obbligi ġeneriċi, inkluż dwar il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet, jenħtieġ li jkunu applikabbli għal dawk kollha involuti fil-katina tal-provvista, il-manifattura, id-distribuzzjoni, it-tikkettar tal-marka proprja jew il-kummerċ sekondarju, l-installazzjoni, it-tneħħija ***mill-installazzjoni*** għall-użu mill-ġdid jew għall-manifattura mill-ġdid, u l-manifattura mill-ġdid innifisha. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-fornituri jkunu obbligati jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-finijiet ta' valutazzjoni tas-

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
sostenibbiltà ambjentali. Għal dawk ir-raġunijiet u biex tiġi evitata repetizzjoni tal-obbligi, jenħtieġ li t-terminu "operatur ekonomiku" jiġi definit b'mod wiesa', b'mod li jkun jinkludi dawk l-atturi kollha sabiex l-obbligi ġeneriċi bażiċi jkunu jistgħu jiġu stabbiliti f'daqqa waħda għalihom kollha.	sostenibbiltà ambjentali. Għal dawk ir-raġunijiet u biex tiġi evitata repetizzjoni tal-obbligi, jenħtieġ li t-terminu "operatur ekonomiku" jiġi definit b'mod wiesa', b'mod li jkun jinkludi dawk l-atturi kollha sabiex l-obbligi ġeneriċi bażiċi jkunu jistgħu jiġu stabbiliti f'daqqa waħda għalihom kollha. ***Madankollu, jenħtieġ li t-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni għal tali l-obbligi fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi ma jiġix interpretat b'mod żbaljat bħala obbligu għal dawk il-fornituri tas-servizzi li sempliċiment għandhom x'jaqsmu mal-installazzjoni ta' prodotti ttikkettati bil-marka CE li huma jimmaniġġjaw b'rabta mal-professjoni tagħhom. Dak l-obbligu se jibqa' esklussivament tal-manifattur jew ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tagħixxi f'ismu.***

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex tittejjeb iċ-ċertezza legali u tittaffa l-frammentazzjoni tas-suq tal-UE għall-prodotti għall-bini minħabba l-eżistenza ta' rekwiżiti u marki nazzjonali, huwa meħtieġ li tiġi ddefinita b'mod ċar iż-żona regolata fil-livell tal-UE, l-hekk imsejħa "żona armonizzata", għall-kuntrarju tal-elementi li jibqgħu fil-kompetenza tal-isfera regolatorja nazzjonali tal-Istati Membri.	(23) Sabiex tittejjeb iċ-ċertezza legali u tittaffa l-frammentazzjoni tas-suq tal-UE għall-prodotti għall-bini minħabba l-eżistenza ta' rekwiżiti u marki nazzjonali, huwa meħtieġ li tiġi ddefinita b'mod ċar iż-żona regolata fil-livell tal-UE, l-hekk imsejħa "żona armonizzata", għall-kuntrarju tal-elementi li jibqgħu fil-kompetenza tal-isfera regolatorja nazzjonali tal-Istati Membri.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) L-Istati Membri jistabbilixxu l-livell ta' sikurezza għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni abbażi tar-responsabbiltajiet tagħhom lejn iċ-ċittadini tagħhom, filwaqt li l-Unjoni tiddetermina l-kundizzjonijiet ta' qafas għas-suq intern. Il-kompetenza għall-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tibqa' f'idejn l-Istati Membri. Ir-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni stabbiliti fl-Anness I, il-Parti A, ta' dan ir-Regolament jistabbilixxu r-rabtiet mal-prodotti għall-bini li huma teknikament meħtieġa, u jservu bħala bażi għall-ħruġ ta' talbiet ta' standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni għall-iżvilupp ta' standards għall-prodotti għall-bini, kif ukoll għall-iżvilupp ta' Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni u atti delegati korrispondenti.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Premessa 23b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23b) Iż-żona armonizzata jenħtieġ li tapplika wkoll għall-kuntratti pubbliċi, l-għotjiet jew għal inċentivi pożittivi oħrajn, bl-eċċezzjoni tal-inċentivi fiskali.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Fl-istess ħin, sabiex jintlaħaq bilanċ bejn il-mitigazzjoni tal-frammentazzjoni tas-suq u ***l-interessi leġittimi*** tal-Istati Membri biex jirregolaw ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, huwa meħtieġ li jiġi previst mekkaniżmu biex il-ħtiġijiet tal-Istati Membri jiġu integrati aħjar fl-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati. ***Għall-istess raġuni***, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu li jippermetti ***lill-Istat Membru jistabbilixxi***, abbażi ta' raġunijiet imperattivi ta' saħħa, sikurezza jew ħarsien tal-ambjent, rekwiżiti addizzjonali għall-prodotti għall-bini.	(24) Fl-istess ħin, sabiex jintlaħaq bilanċ bejn il-mitigazzjoni tal-frammentazzjoni tas-suq u ***l-kompetenza*** tal-Istati Membri biex jirregolaw ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, huwa meħtieġ li jiġi previst mekkaniżmu biex il-ħtiġijiet tal-Istati Membri jiġu integrati aħjar fl-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati. ***L-Istati Membri huma responsabbli għar-rekwiżiti tas-sikurezza, ambjentali u tal-enerġija applikabbli għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' inġinerija ċivili. Għal din ir-raġuni***, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu li jippermetti ***lill-Istati Membri jistabbilixxu***, abbażi ta' raġunijiet imperattivi ta' saħħa, sikurezza jew ħarsien tal-ambjent, rekwiżiti addizzjonali għall-prodotti għall-bini ***sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħi jirreaġixxu għal ċirkostanzi speċjali fit-territorju tagħhom***.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Ekonomija ċirkolari, l-element ewlieni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, tista' tiġi promossa minn sistemi obbligatorji ta' rifużjoni tad-depożiti u l-obbligu li jittieħdu lura prodotti mhux użati. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jieħdu ***tali*** miżuri.	(25) Ekonomija ċirkolari, l-element ewlieni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, tista' tiġi promossa minn sistemi obbligatorji ta' rifużjoni tad-depożiti u l-obbligu li jittieħdu lura prodotti ***użati jew*** mhux użati ***li ma jkunux prodotti magħmula skont l-ordni***. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jieħdu miżuri ***sabiex jipprojbixxu l-qerda bla bżonn ta' prodotti għall-bini***.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex tissaħħaħ iċ-ċarezza legali u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi, huwa meħtieġ li jiġi evitat li l-prodotti għall-bini jkunu soġġetti għal valutazzjonijiet multipli rigward l-istess aspett tas-saħħa, tas-sikurezza jew tal-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-klima, skont leġiżlazzjoni differenti tal-Unjoni. Dan ġie kkonfermat mill-pjattaforma REFIT li tirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħti prijorità lill-indirizzar tal-problemi ta' rekwiżiti sovrapposti u repetittivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom it-twettiq tal-obbligi skont dritt tal-Unjoni ieħor jissodisfa wkoll ċerti obbligi ta' dan ir-Regolament***, fejn altrimenti l-istess aspett tas-saħħa, tas-sikurezza jew tal-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-klima, jiġi vvalutat b'mod parallel skont dan ir-Regolament u skont dritt tal-Unjoni ieħor***.	(26) Sabiex tissaħħaħ iċ-ċarezza legali u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi, huwa meħtieġ li jiġi evitat li l-prodotti għall-bini jkunu soġġetti għal valutazzjonijiet multipli rigward l-istess aspett tas-saħħa, tas-sikurezza jew tal-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-klima, skont leġiżlazzjoni differenti tal-Unjoni. Dan ġie kkonfermat mill-pjattaforma REFIT li tirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħti prijorità lill-indirizzar tal-problemi ta' rekwiżiti sovrapposti u repetittivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom it-twettiq tal-obbligi skont dritt tal-Unjoni ieħor jissodisfa wkoll ċerti obbligi ta' dan ir-Regolament.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Barra minn hekk, sabiex jiġu evitati prattiki diverġenti tal-Istati Membri u tal-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tiddetermina jekk ċerti prodotti għall-bini jaqgħux fid-definizzjoni ta' prodott għall-bini.	(27) Barra minn hekk, sabiex jiġu evitati prattiki diverġenti tal-Istati Membri u tal-operaturi ekonomiċi***, fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar,*** jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tiddetermina jekk ċerti prodotti għall-bini jaqgħux fid-definizzjoni ta' prodott għall-bini.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***B'mod partikolari,*** fil-każ ta' prodotti relatati mal-enerġija inklużi fil-pjanijiet ta' ħidma dwar l-ekodisinn li huma wkoll prodotti għall-bini u għal prodotti intermedjarji, bl-eċċezzjoni tas-siment, se tingħata prijorità għall-iffissar ta' rekwiżiti ta' sostenibbiltà lill-[ESPR]. ***Jenħtieġ li dan ikun il-każ, pereżempju, għal ħiters***, bojlers, pompi tas-sħana, apparat li jsaħħan l-ilma u l-ispazju, fannijiet, sistemi ta' tkessiħ u ta' ventilazzjoni u prodotti fotovoltajċi, minbarra pannelli fotovoltajċi integrati fil-bini. Dan ir-Regolament xorta jista' jintervjeni b'mod komplementari fejn meħtieġ, prinċipalment b'rabta mal-aspetti tas-sikurezza, filwaqt li jqis ukoll leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar prodotti bħal apparat tal-gass, vultaġġ baxx, u makkinarju. Għal prodotti oħrajn, sabiex jiġi evitat piż bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi, fil-futur tista' tinħoloq il-ħtieġa li jiġu ddeterminati l-kondizzjonijiet li taħthom it-twettiq tal-obbligi skont dritt tal-Unjoni ieħor jissodisfa wkoll ċerti obbligi skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tiddetermina tali kondizzjonijiet.	(28) Fil-każ ta' prodotti relatati mal-enerġija inklużi fil-pjanijiet ta' ħidma dwar l-ekodisinn li huma wkoll prodotti għall-bini u għal prodotti intermedjarji, bl-eċċezzjoni tas-siment, se tingħata prijorità għall-iffissar ta' rekwiżiti ta' sostenibbiltà lill-[ESPR]. ***Il-prodotti intermedjarji kkonċernati huma l-ħiters***, bojlers, pompi tas-sħana, apparat li jsaħħan l-ilma u l-ispazju, fannijiet, sistemi ta' tkessiħ u ta' ventilazzjoni u prodotti fotovoltajċi, minbarra pannelli fotovoltajċi integrati fil-bini. Dan ir-Regolament xorta jista' jintervjeni b'mod komplementari fejn meħtieġ, prinċipalment b'rabta mal-aspetti tas-sikurezza, filwaqt li jqis ukoll leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar prodotti bħal apparat tal-gass, vultaġġ baxx, u makkinarju. Għal prodotti oħrajn, sabiex jiġi evitat piż bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi, fil-futur tista' tinħoloq il-ħtieġa li jiġu ddeterminati l-kondizzjonijiet li taħthom it-twettiq tal-obbligi skont dritt tal-Unjoni ieħor jissodisfa wkoll ċerti obbligi skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tiddetermina tali kondizzjonijiet.

Emenda 24

Proposta għal regolament

Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex jitnaqqas il-piż għall-operaturi ekonomiċi u b'mod partikolari għall-manifatturi, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi li joħorġu dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni u dikjarazzjonijiet tal-konformità jipprovdu dawk id-dikjarazzjonijiet b'mezzi elettroniċi, ikunu awtorizzati jipprovdu dawk id-dikjarazzjonijiet permezz ta' permalink għal dokument li ma jkunx jista' jiġi emendat jew jinkludu f'dawk id-dikjarazzjonijiet permalinks għad-dokumenti li ma jistgħux jiġu emendati.	(33) Sabiex jitnaqqas il-piż għall-operaturi ekonomiċi u b'mod partikolari għall-manifatturi, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi li joħorġu dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni u dikjarazzjonijiet tal-konformità jipprovdu dawk id-dikjarazzjonijiet b'mezzi elettroniċi, ikunu awtorizzati jipprovdu dawk id-dikjarazzjonijiet permezz ta' permalink għal dokument li ma jkunx jista' jiġi emendat jew jinkludu f'dawk id-dikjarazzjonijiet permalinks għad-dokumenti li ma jistgħux jiġu emendati. ***Sabiex tiġi ssimplifikata l-komunikazzjoni tal-katina tal-provvista, jenħtieġ li d-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni u d-dikjarazzjonijiet tal-konformità jkunu disponibbli wkoll f'format li jinqara minn magna. Dan jippermetti lill-utent, permezz ta' app, jivverifika l-konformità mar-regoli tal-applikazzjoni tal-Istat Membru fejn jintuża l-prodott. Prerekwiżit importanti għad-dikjarazzjonijiet li jinqraw minn magna huwa format tal-IT standardizzat, li huwa meħtieġ għal kull speċifikazzjoni teknika armonizzata. Il-Ftehim tas-Sessjoni ta' Ħidma tas-CEN CWA 17316 "Smart CE marking for construction products" (Markatura CE intelliġenti għall-prodotti għall-bini) jipprovdi bażi għall-iżvilupp ta' formati XML armonizzati għad-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni, li jistgħu jintużaw biex jikkomplementaw l-istandards armonizzati u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati kif xieraq.***

Emenda 25

Proposta għal regolament

Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Sakemm issir ir-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati skont dan ir-Regolament, id-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni u tal-konformità jista' jkun fihom permalinks għal dikjarazzjonijiet ambjentali tal-prodott li ma jistgħux jiġu emendati jew dokumenti oħra li ma jistgħux jiġu emendati li fihom l-informazzjoni mitluba.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Sabiex jintlaħaq allinjament ma' leġiżlazzjoni oħra dwar il-prodotti u soġġett għall-prinċipji ġenerali tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jenħtieġ li l-markatura CE titwaħħal mal-prodotti għall-bini li għalihom il-manifattur ikun fassal dikjarazzjoni tal-prestazzjoni jew tal-konformità. B'hekk, il-manifattur jerfa' r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodott mal-prestazzjoni ddikjarata u mar-rekwiżiti applikabbli tal-prodott.	(35) Sabiex jintlaħaq allinjament ma' leġiżlazzjoni oħra dwar il-prodotti u soġġett għall-prinċipji ġenerali tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jenħtieġ li l-markatura CE titwaħħal mal-prodotti għall-bini li għalihom il-manifattur ikun fassal dikjarazzjoni tal-prestazzjoni jew tal-konformità. B'hekk, il-manifattur jerfa' r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodott mal-prestazzjoni ddikjarata u mar-rekwiżiti applikabbli tal-prodott. ***Markatura CE jenħtieġ li tkun prova suffiċjenti tal-konformità ta' prodott mal-karatteristiċi u r-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ għalhekk li l-Istati Membri ma jintroduċu l-ebda ostaklu għas-swieq tagħhom abbażi ta' karatteristiċi u rekwiżiti li mhumiex koperti miż-żona armonizzata.***

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) Markaturi oħra għajr il-markatura CE, inklużi dawk privati, jista' jkun fihom informazzjoni addizzjonali li tista' tgħin lill-utenti jagħmlu għażla infurmata dwar liema prodott ikun l-aktar adattat għall-ħtiġijiet tax-xogħlijiet ta' bini tagħhom.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Premessa 35b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35b) Id-drittijiet proċedurali tal-operaturi ekonomiċi u tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li jaġixxu f'isimhom fir-rigward tal-miżuri, id-deċiżjonijiet jew l-ordnijiet meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jiġu żgurati f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċeduri ta' appell adegwati kontra tali miżuri, deċiżjonijiet jew ordnijiet.

Emenda 29

Proposta għal regolament

Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Sabiex jiġu żgurati s-sikurezza, il-funzjonalità u s-sostenibbiltà tal-prodotti għall-bini, u permezz ta' estensjoni tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, l-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista ***u tad-distribuzzjoni*** jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li jqiegħdu jew jagħmlu disponibbli fis-suq biss prodotti għall-bini li jkunu konformi mar-rekwiżiti vinkolanti tal-Unjoni. Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza legali, jeħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod espliċitu l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi.	(36) Sabiex jiġu żgurati s-sikurezza, il-funzjonalità u s-sostenibbiltà tal-prodotti għall-bini, u permezz ta' estensjoni tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, l-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li jqiegħdu jew jagħmlu disponibbli fis-suq biss prodotti għall-bini li jkunu konformi mar-rekwiżiti vinkolanti tal-Unjoni. Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza legali, jeħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod espliċitu l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Sabiex jiġu evitati affermazzjonijiet qarrieqa, kwalunkwe affermazzjoni li ssir mill-manifatturi tal-prodotti għall-bini jenħtieġ li tkun ibbażata jew fuq metodu ta' valutazzjoni li jinsab fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew inkella, fejn ma jkun jeżisti l-ebda metodu ta' valutazzjoni bħal dan, fuq metodi li jirrappreżentaw l-aħjar tekniki disponibbli, fejn ma jkun jeżisti l-ebda metodu ta' valutazzjoni bħal dan ipprovdut minn speċifikazzjoni teknika armonizzata.	***imħassar***

Emenda 31

Proposta għal regolament

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Id-dokumentazzjoni teknika dwar il-prodotti għall-bini, imfassla mill-manifattur, tiffaċilita l-verifika ta' dawk il-prodotti mill-awtoritajiet u mill-korpi notifikati fl-isfond tar-rekwiżiti tal-Unjoni. Sabiex jittejjeb l-aċċess għal informazzjoni komprensiva, jenħtieġ li dik id-dokumentazzjoni teknika tkun tinkludi ***valutazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali*** tal-prodott għall-bini.	(39) Id-dokumentazzjoni teknika dwar il-prodotti għall-bini, imfassla mill-manifattur, tiffaċilita l-verifika ta' dawk il-prodotti mill-awtoritajiet u mill-korpi notifikati fl-isfond tar-rekwiżiti tal-Unjoni. Sabiex jittejjeb l-aċċess għal informazzjoni komprensiva, jenħtieġ li dik id-dokumentazzjoni teknika tkun tinkludi ***l-karatteristiċi essenzjali relatati maċ-ċiklu tal-ħajja*** tal-prodott għall-bini.

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Sabiex tinħoloq trasparenza għall-utenti tal-prodotti għall-bini u jiġi evitat użu mhux xieraq ta' dawk il-prodotti, jenħtieġ li l-prodotti għall-bini u l-użu maħsub tagħhom jiġu identifikati b'mod preċiż mill-manifattur. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-manifattur jagħmilha ċara jekk il-prodotti għall-bini humiex maħsuba għal użu professjonali biss, ***jew ukoll għall-użu mill-konsumaturi***. Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti għall-bini jkunu jistgħu jiġu traċċati lura, jenħtieġ li l-manifatturi jiġu ***indikati*** fuq il-prodott jew, fejn dan ma jkunx possibbli, eż. minħabba d-daqs jew il-wiċċ tal-prodott, fuq l-imballaġġ tiegħu jew, fejn dan ma jkunx possibbli lanqas, f'dokument li jakkumpanjah.	(40) Sabiex tinħoloq trasparenza għall-utenti tal-prodotti għall-bini u jiġi evitat użu mhux xieraq ta' dawk il-prodotti, jenħtieġ li l-prodotti għall-bini u l-użu maħsub tagħhom jiġu identifikati b'mod preċiż mill-manifattur. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-manifattur jagħmilha ċara jekk il-prodotti għall-bini humiex maħsuba għal użu professjonali biss, ***partikolarment fejn ikun meħtieġ għarfien espert sabiex jintuża l-prodott***. Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti għall-bini jkunu jistgħu jiġu traċċati lura, jenħtieġ li ***l-informazzjoni li tippermetti li*** l-manifatturi jiġu ***identifikati tiġi indikata*** fuq il-prodott jew, fejn dan ma jkunx possibbli, eż. minħabba d-daqs jew il-wiċċ tal-prodott, fuq l-imballaġġ tiegħu jew, fejn dan ma jkunx possibbli lanqas, f'dokument li jakkumpanjah.

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Sabiex jiġi ottimizzat l-insegwiment tal-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, jenħtieġ li l-manifatturi jkunu obbligati ***jilħqu livell ġust ta' sostenibbiltà ambjentali,*** kemm ***għall-prodotti*** tagħhom kif ukoll ***għall-manifattura*** tagħhom. Dan l-obbligu jeħtieġ deċiżjonijiet ta' kompromess bejn aspetti ambjentali differenti u bejn aspetti ambjentali u ta' sikurezza, filwaqt li kemm l-aspetti ambjentali kif ukoll dawk ta' sikurezza jistgħu jkunu relatati mal-prodott bħala tali jew max-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Sabiex il-manifatturi jingħataw ċertezza dwar kif jieħdu dawn id-deċiżjonijiet ta' kompromess, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ċari ta' kompromess.	(42) Sabiex jiġi ottimizzat l-insegwiment tal-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, jenħtieġ li l-manifatturi jkunu obbligati ***jiżguraw li*** kemm ***il-prodotti*** tagħhom kif ukoll ***il-manifattura*** tagħhom ***jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni billi jtejbu b'mod sostanzjali l-impronta ambjentali tal-prodotti tagħhom***. Dan l-obbligu jeħtieġ deċiżjonijiet ta' kompromess bejn aspetti ambjentali differenti u bejn aspetti ambjentali u ta' sikurezza, filwaqt li kemm l-aspetti ambjentali kif ukoll dawk ta' sikurezza jistgħu jkunu relatati mal-prodott bħala tali jew max-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Sabiex il-manifatturi jingħataw ċertezza dwar kif jieħdu dawn id-deċiżjonijiet ta' kompromess, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ċari ta' kompromess.

Emenda 34

Proposta għal regolament

Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Bl-għan li jiġu żgurati s-sostenibbiltà u d-durabbiltà tal-prodotti għall-bini, jenħtieġ li l-manifatturi jiżguraw li l-prodotti jkunu jistgħu jintużaw ***għal*** żmien ***twil ħafna***. Tali użu twil jirrikjedi disinn adegwat, l-użu ta' partijiet affidabbli, il-possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti, id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar it-tiswija u aċċess għall-partijiet ta' sostituzzjoni.	(43) Bl-għan li jiġu żgurati s-sostenibbiltà u d-durabbiltà tal-prodotti għall-bini, jenħtieġ li l-manifatturi jiżguraw li l-prodotti jkunu jistgħu jintużaw ***għall-itwal*** żmien ***possibbli***. Tali użu twil jirrikjedi disinn adegwat, l-użu ta' partijiet affidabbli, il-possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti, id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar it-tiswija u aċċess għall-partijiet ta' sostituzzjoni.

Emenda 35

Proposta għal regolament

Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Fid-dawl tat-titjib taċ-ċirkolarità tal-prodotti għall-bini, f'konformità mal-miri tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, jenħtieġ li l-manifatturi ***jiffavorixxu l-użu mill-ġdid, il-manifattura*** mill-ġdid ***u r-riċiklaġġ*** tal-prodotti tagħhom. (Il-preparazzjoni għal) l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ jeħtieġu ***ċertu*** disinn, jiġifieri ***billi jiffaċilitaw is-separazzjoni*** tal-komponenti u tal-materjali fl-istadju aktar tard tar-riċiklaġġ u jevitaw materjali mħallta jew kumplessi. Billi l-istruzzjonijiet tas-soltu għall-użu mhux bilfors jaslu għand l-operaturi ekonomiċi inkarigati minn (il-preparazzjoni għal) l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ, l-informazzjoni meħtieġa f'dan ir-rigward jenħtieġ li ssir disponibbli ***fil-bażijiet tad-data jew fis-sistemi*** tal-prodotti u fuq is-siti web tal-manifattur, minbarra l-istruzzjonijiet għall-użu.	(44) Fid-dawl tat-titjib taċ-ċirkolarità tal-prodotti għall-bini, f'konformità mal-miri tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari ***u l-ġerarkija tal-iskart***, jenħtieġ li l-manifatturi ***jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart billi jiffaċilitaw u jipprijoritizzaw it-tiswija, l-użu mill-ġdid u l-manifattura*** mill-ġdid. ***Il-manifatturi jenħtieġ li jżidu l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi permezz ta' użu xieraq ta' prodotti sekondarji u jenħtieġ li, meta l-prodotti jaslu fi tmiem ħajjithom, jiżguraw ir-riċiklaġġ*** tal-prodotti tagħhom. (Il-preparazzjoni għal) l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ jeħtieġu ***għażliet speċifiċi ta'*** disinn, jiġifieri ***l-iffaċilitar tas-separazzjoni tal-prodotti,*** tal-komponenti u tal-materjali ***waqt it-tneħħija mill-installazzjoni, id-dekostruzzjoni u t-twaqqigħ u*** fl-istadju aktar tard tar-riċiklaġġ u jevitaw materjali mħallta jew kumplessi ***u sustanzi ta' tħassib***. Billi l-istruzzjonijiet tas-soltu għall-użu mhux bilfors jaslu għand l-operaturi ekonomiċi inkarigati minn (il-preparazzjoni għal) l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ, l-informazzjoni meħtieġa f'dan ir-rigward jenħtieġ li ssir disponibbli ***fil-Passaport Diġitali*** tal-Prodotti u fuq is-siti web tal-manifattur ***jew permezz ta' kodiċijiet QR***, minbarra l-istruzzjonijiet għall-użu.

Emenda 36

Proposta għal regolament

Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Sabiex jitwasslu prodotti għall-bini sikuri, funzjonali u ambjentalment sostenibbli, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi komprensivi ta' sostenibbiltà u sikurezza għall-manifatturi. Minħabba l-importanza ta' dawn l-obbligi ***u l-kisba tal-bilanċ*** tajjeb bejn il-funzjonalità, is-sikurezza u s-sostenibbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tiddetermina l-kondizzjonijiet permezz ta' atti delegati li taħthom, għal familja jew kategorija speċifika ta' prodotti, dawn l-obbligi jiġu ssodisfati jew preżunti li ġew issodisfati.	(45) Sabiex jitwasslu prodotti għall-bini sikuri, funzjonali u ambjentalment sostenibbli, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi komprensivi ta' sostenibbiltà u sikurezza għall-manifatturi. Minħabba l-importanza ta' dawn l-obbligi***, ir-rekwiżiti ġenerali dwar it-titjib gradwali tal-prestazzjoni ambjentali, l-użu preferut ta' materjali li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, l-obbligi tal-kontenut riċiklat u d-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar l-użu, it-tiswija, il-manifattura mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ tal-prodotti jenħtieġ li jkunu applikabbli għall-manifatturi kollha. Sabiex jiġu speċifikati dawn ir-rekwiżiti għal ċerti familji jew kategoriji ta' prodotti kif ukoll biex jiġu stabbiliti rekwiżiti ulterjuri u biex jinkiseb il-bilanċ*** tajjeb bejn il-funzjonalità, is-sikurezza u s-sostenibbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tiddetermina l-kondizzjonijiet permezz ta' atti delegati li taħthom, għal familja jew kategorija speċifika ta' prodotti, dawn l-obbligi jiġu ssodisfati jew preżunti li ġew issodisfati.

Emenda 37

Proposta għal regolament

Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Sabiex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet informati, jenħtieġ li l-utenti tal-prodotti għall-bini jkunu infurmati tajjeb biżżejjed dwar il-prestazzjonijiet ambjentali tal-prodotti, dwar il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ambjentali u dwar il-grad ta' twettiq tal-obbligi ambjentali tal-manifattur f'dan ir-rigward. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi ta' tikkettar ***li jistgħu jinkludu t-tikkettar tad-dawl tat-traffiku li jinftiehem faċilment***.	(47) Sabiex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet informati, jenħtieġ li l-utenti tal-prodotti għall-bini jkunu infurmati tajjeb biżżejjed dwar il-prestazzjonijiet ambjentali tal-prodotti, dwar il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ambjentali u dwar il-grad ta' twettiq tal-obbligi ambjentali tal-manifattur f'dan ir-rigward. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi ta' tikkettar.

Emenda 38

Proposta għal regolament

Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Operatur ekonomiku li jimmodifika prodott b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-prestazzjoni jew is-sikurezza tiegħu jenħtieġ li jkun soġġett għall-obbligi tal-manifatturi, biex tiġi żgurata l-verifika ta' jekk il-prestazzjoni jew is-sikurezza tal-prodott għadhomx l-istess. ***Madankollu, jenħtieġ li dan l-obbligu ma jiġix impost fuq operatur ekonomiku li jippakkja mill-ġdid il-prodotti biex jagħmilhom disponibbli fi Stat Membru ieħor, minħabba li, inkella, il-kummerċ sekondarju u, b'hekk, iċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti jiġu mxekkla u, fil-prinċipju, jenħtieġ li l-imballaġġ mill-ġdid ma jaffettwax la l-prestazzjoni u lanqas is-sikurezza tal-prodott għall-bini. Madankollu, u bil-għan li jiġu ppreservati l-prestazzjoni u s-sikurezza tal-prodotti, jenħtieġ li l-operatur ekonomiku li jwettaq l-imballaġġ mill-ġdid ikun responsabbli għall-eżekuzzjoni korretta ta' dawn l-operazzjonijiet biex jiżgura li l-prodott ma jkunx danneġġat u li l-utenti jkunu għadhom informati b'mod korrett bil-lingwa stabbilita mill-Istat Membru fejn il-prodotti jsiru disponibbli.***	(50) Operatur ekonomiku li jimmodifika prodott b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-prestazzjoni jew is-sikurezza tiegħu jenħtieġ li jkun soġġett għall-obbligi tal-manifatturi, biex tiġi żgurata l-verifika ta' jekk il-prestazzjoni jew is-sikurezza tal-prodott għadhomx l-istess.

Emenda 39

Proposta għal regolament

Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Sabiex tiżdied il-konformità tal-manifatturi mal-obbligi skont dan ir-Regolament u sabiex jikkontribwixxu għall-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati u għat-titjib tas-sorveljanza tas-suq, jenħtieġ li l-forniturі tas-servizzi, is-swieq online u s-sensara jingħataw is-setgħa u jintalbu jivverifikaw ***ċerti karatteristiċi faċilment verifikabbli tal-prodotti u tal-manifatturi tagħhom, bħad-determinazzjoni tat-tip ta' prodott u t-tfassil ta' dokumentazzjoni*** teknika ***komprensiva***, u jenħtieġ li jikkontribwixxu ***b'mod attiv*** biex jiġi żgurat li l-prodotti konformi biss jaslu għand l-utenti.	(51) Sabiex tiżdied il-konformità tal-manifatturi mal-obbligi skont dan ir-Regolament u sabiex jikkontribwixxu għall-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati u għat-titjib tas-sorveljanza tas-suq, jenħtieġ li l-forniturі tas-servizzi ***ta' eżekuzzjoni***, is-swieq online***, il-bejjiegħa*** u s-sensara jingħataw is-setgħa u jintalbu jivverifikaw ***f'livell dokumentarju li l-manifatturi jkunu kkonformaw mal-obbligi tagħhom rigward id-dokumentazzjoni*** teknika, u jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jiġi żgurat li l-prodotti konformi biss jaslu għand l-utenti.

Emenda 40

Proposta għal regolament

Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Sabiex jiġi evitat li ***l-istampar 3D jintuża biex jiġu evitati*** l-obbligi skont dan ir-Regolament**,** jenħtieġ li ***l-forniturи ta' servizzi tal-istampar 3D ikollhom ċerti obbligi ta' informazzjoni***.	(52) Sabiex jiġi evitat li l-obbligi skont dan ir-Regolament ***jiġu evitati f'każijiet fejn it-teknoloġija tal-produzzjoni, pereżempju l-istampar 3D, tista' tinvolvi diversi atturi differenti li jikkontribwixxu għad-disinn u l-manifattura ta' prodott għall-bini, huwa meħtieġ li jiġi definit b'mod ċar ir-rwol tal-manifattur. Il-persuna fiżika u ġuridika li tistampa prodott għall-bini*** jenħtieġ li ***tieħu r-responsabbiltà skont dan ir-Regolament għall-prodott kollu, sakemm ma jkunx hemm persuna oħra li tqiegħed il-prodott fis-suq taħt isimha jew il-marka kummerċjali tagħha jew li tieħu r-responsabbiltà għall-prodott billi toħroġ dikjarazzjoni ta' prestazzjoni u konformità***.

Emenda 41

Proposta għal regolament

Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) Il-prestazzjoni u s-sikurezza tal-prodotti jiddependu wkoll fuq il-komponenti użati u fuq is-servizzi pprovduti mill-kalibraturi jew minn forniturи oħrajn ta' servizzi għad-disinn u l-manifattura tagħhom. Għal dawn ir-raġunijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti obbligi għall-forniturи ta' komponenti u forniturи ta' servizzi involuti fil-manifattura tal-prodotti. Fejn nuqqas ta' konformità jew riskju seta' kien ikkawżat minn komponent jew servizz fornut ta' operatur ekonomiku partikolari, jenħtieġ li l-fornitur jew il-fornitur tas-servizz jinforma b'dan lill-klijenti l-oħrajn tiegħu li jkunu rċevew l-istess komponent jew servizz, sabiex in-nuqqasijiet ta' konformità u r-riskji jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv għal prodotti oħrajn ukoll.	***imħassar***

Emenda 42

Proposta għal regolament

Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Ċerti oġġetti użati għall-kostruzzjoni għandhom skopijiet potenzjali multipli. Jenħtieġ li l-manifatturi tagħhom ikollhom il-libertà li jiddeċiedu jekk dawn l-oġġetti humiex maħsuba għall-kostruzzjoni jew le, anki sabiex jevitaw li jkollhom jgħaddu minn valutazzjoni tal-prestazzjoni u tal-konformità fejn ma jkunx meħtieġ. Madankollu, jekk jiddeċiedu li ċertu oġġett ma huwiex maħsub għall-kostruzzjoni, filwaqt li jista' jintuża għaliha ***("prodott psewdo")***, jenħtieġ li l-manifatturi u operaturi ekonomiċi oħrajn jiżguraw li dan ma jintużax f'xogħlijiet tal-kostruzzjoni. Inkella, uħud mill-oġġetti jispiċċaw fil-kostruzzjoni ***waqt li*** ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.	(55) Ċerti oġġetti użati għall-kostruzzjoni għandhom skopijiet potenzjali multipli. Jenħtieġ li l-manifatturi tagħhom ikollhom il-libertà li jiddeċiedu jekk dawn l-oġġetti humiex maħsuba għall-kostruzzjoni jew le, anki sabiex jevitaw li jkollhom jgħaddu minn valutazzjoni tal-prestazzjoni u tal-konformità fejn ma jkunx meħtieġ. Madankollu, jekk jiddeċiedu li ċertu oġġett ma huwiex maħsub għall-kostruzzjoni, filwaqt li jista' jintuża għaliha, ***jenħtieġ li jkun immarkat bħala "mhux għall-kostruzzjoni" u*** jenħtieġ li l-manifatturi u operaturi ekonomiċi oħrajn jiżguraw li dan ma jintużax f'xogħlijiet tal-kostruzzjoni. Inkella, uħud mill-oġġetti jispiċċaw fil-kostruzzjoni ***meta*** ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 43

Proposta għal regolament

Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) It-teknoloġiji diġitali, li jipprovdu potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-kostijiet għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jrawmu wkoll opportunitajiet u mudelli ta' negozju innovattivi u ġodda, qed jevolvu b'pass rapidu. L-użu tat-teknoloġiji diġitali se jikkontribwixxi wkoll b'mod sinifikanti lejn il-kisba tal-objettivi tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, inklużi l-effiċjenza enerġetika, il-valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-monitoraġġ tal-istokk tal-bini. ***Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li taħtaf aktar opportunitajiet ta' diġitalizzazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.***	(58) It-teknoloġiji diġitali, li jipprovdu potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-kostijiet għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jrawmu wkoll opportunitajiet u mudelli ta' negozju innovattivi u ġodda, qed jevolvu b'pass rapidu. L-użu tat-teknoloġiji diġitali se jikkontribwixxi wkoll b'mod sinifikanti lejn il-kisba tal-objettivi tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, inklużi l-effiċjenza enerġetika, il-valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-monitoraġġ tal-istokk tal-bini.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Minħabba li l-istandards armonizzati żviluppati għall-prodotti għall-bini (minn hawn 'il quddiem: l-istandards tal-prodotti għall-bini) huma fil-biċċa l-kbira obbligatorji, sabiex tinħoloq ċertezza legali, jenħtieġ li dawn l-istandards mhux biss ikunu konformi mat-talbiet għall-istandardizzazzjoni rilevanti u ma' dan ir-Regolament, iżda wkoll mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.	***imħassar***

Emenda 45

Proposta għal regolament

Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Sabiex tiġi żgurata kwotazzjoni f'waqtha tar-referenzi tal-istandards tal-prodotti għall-bini f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tingħata s-setgħa li tillimita fil-kamp ta' applikazzjoni jew li tirrevoka standards defiċjenti għall-finijiet ta' effetti legali skont dan ir-Regolament billi tiddelega atti minflok tirrifjuta li tikkwota r-referenzi tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali.	***imħassar***

Emenda 46

Proposta għal regolament

Premessa 61a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(61a) Meta tkun qed tistabbilixxi linji gwida dwar il-forma u l-kontenut xierqa tal-istandards, jenħtieġ li l-Kummissjoni tibni fuq il-ħidma importanti li diġà saret fil-Linji Gwida tal-KE għall-istandards armonizzati (hENs) skont ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (CPR) tat-28 ta' Ġunju 2018, li ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni fil-qafas tal-Inizjattiva Konġunta dwar l-Istandardizzazzjoni.

Emenda 47

Proposta għal regolament

Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Sabiex jingħata rispons għal persentaġġ notevoli ta' notifiki li kienu bbażati fuq valutazzjonijiet mhux kompluti jew żbaljati, b'mod partikolari fejn ikunu ġew innotifikati korpi legali mingħajr kompetenza teknika interna tagħhom, huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tar-riżorsi tal-awtoritajiet tan-notifika, jiġifieri billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi; li r-rekwiżiti għall-korpi notifikati jsiru aktar preċiżi, jiġifieri fir-rigward tal-indipendenza tagħhom, id-delega lil entitajiet legali oħrajn u l-kapaċità tagħhom li jwettqu; li jkun meħtieġ persunal kwalifikat adegwat ta' korpi notifikati u li tiġi vverifikata l-adegwatezza tal-persunal, ***li għalih l-għodda ta' matriċi tal-kwalifiki wriet li hija l-aktar effiċjenti;*** li jiġi żgurat ***u vverifikat*** li ***l-korp*** notifikat ikun ***effettivament fil-kontroll tal-persunal, l-attribuzzjoni ta' esperti esterni, proċeduri, kriterji u teħid ta' deċiżjonijiet, u mhux sottokuntrattur, sussidjarju jew kumpanija oħra li tappartjeni għall-istess familja ta' kumpaniji;*** u li titwessa' d-dokumentazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-korpi meta japplikaw għall-ħatra bħala korp notifikat sabiex jipprovdu bażi aktar profonda u komparattivament aktar ġusta għad-deċiżjoni lill-awtoritajiet tan-notifika.	(65) Sabiex jingħata rispons għal persentaġġ notevoli ta' notifiki li kienu bbażati fuq valutazzjonijiet mhux kompluti jew żbaljati, b'mod partikolari fejn ikunu ġew innotifikati korpi legali mingħajr kompetenza teknika interna tagħhom, huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tar-riżorsi tal-awtoritajiet tan-notifika, jiġifieri billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi; li r-rekwiżiti għall-korpi notifikati jsiru aktar preċiżi, jiġifieri fir-rigward tal-indipendenza tagħhom, id-delega lil entitajiet legali oħrajn u l-kapaċità tagħhom li jwettqu; li jkun meħtieġ persunal kwalifikat adegwat ta' korpi notifikati u li tiġi vverifikata l-adegwatezza tal-persunal, li jiġi żgurat li ***l-persunal tal-korp*** notifikat ikun ***suffiċjenti u indipendenti,*** u li titwessa' d-dokumentazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-korpi meta japplikaw għall-ħatra bħala korp notifikat sabiex jipprovdu bażi aktar profonda u komparattivament aktar ġusta għad-deċiżjoni lill-awtoritajiet tan-notifika.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Sabiex jiġi evitat l-involviment bejn il-persunal tal-korpi notifikati u l-manifatturi, jenħtieġ li l-korpi notifikati ***jiżguraw*** rotazzjoni bejn il-membri tal-persunal li jwettqu kompiti differenti ta' valutazzjoni tal-konformità.	(68) Sabiex jiġi evitat l-involviment bejn il-persunal tal-korpi notifikati u l-manifatturi, jenħtieġ li ***jkun possibbli li*** l-korpi notifikati ***jippermettu li ssir*** rotazzjoni bejn il-membri tal-persunal li jwettqu kompiti differenti ta' valutazzjoni tal-konformità.

Emenda 49

Proposta għal regolament

Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) Bil-ħsieb li jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-korpi notifikati u l-manifatturi, jenħtieġ li tissaħħaħ il-koordinazzjoni fost il-korpi notifikati. Minħabba li nofs il-korpi notifikati attwali biss jipparteċipaw fuq inizjattiva tagħhom stess fl-attivitajiet tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-korpi notifikati diġà eżistenti bħalissa, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fihom ***b'hekk issir obbligatorja***.	(71) Bil-ħsieb li jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-korpi notifikati u l-manifatturi, jenħtieġ li tissaħħaħ il-koordinazzjoni fost il-korpi notifikati. Minħabba li nofs il-korpi notifikati attwali biss jipparteċipaw fuq inizjattiva tagħhom stess fl-attivitajiet tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-korpi notifikati diġà eżistenti bħalissa, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fihom***, direttament jew permezz ta' rappreżentanti maħtura, tiġi żgurata mill-Istati Membri***.

Emenda 50

Proposta għal regolament

Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) It-tentattivi biex jiġu stabbiliti proċeduri simplifikati ***għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju*** fir-Regolament (UE) Nru 305/2011 u b'hekk jitnaqqsu l-piż u l-kostijiet fuq ***l-SMEs u l-mikrointrapriżi*** ma kinux effettivi għal kollox u spiss baqgħu mifhuma ħażin jew ma ntużawx minħabba n-nuqqas ta' għarfien jew in-nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom. Billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati, filwaqt li wieħed jibni fuq ir-regoli stabbiliti qabel, huwa meħtieġ li tiġi ċċarata u ffaċilitata l-applikazzjoni tagħhom u b'hekk jintlaħaq l-objettiv li jiġu appoġġati ***l-SMEs***, filwaqt li jiġu żgurati l-prestazzjoni, is-sikurezza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti għall-bini.	(72) It-tentattivi biex jiġu stabbiliti proċeduri simplifikati ***għall-mikrointrapriżi*** fir-Regolament (UE) Nru 305/2011 u b'hekk jitnaqqsu l-piż u l-kostijiet fuq ***il-mikrointrapriżi*** ma kinux effettivi għal kollox u spiss baqgħu mifhuma ħażin jew ma ntużawx minħabba n-nuqqas ta' għarfien jew in-nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom. Billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati, filwaqt li wieħed jibni fuq ir-regoli stabbiliti qabel, huwa meħtieġ li tiġi ċċarata u ffaċilitata l-applikazzjoni tagħhom u b'hekk jintlaħaq l-objettiv li jiġu appoġġati ***l-mikrointrapriżi***, filwaqt li jiġu żgurati l-prestazzjoni, is-sikurezza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti għall-bini.

Emenda 51

Proposta għal regolament

Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(74) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fil-każ ta' problemi ta' sikurezza jew ta' prestazzjoni, jenħtieġ li tali rikonoxximent ikun permess biss meta ***kemm iż-żewġ operaturi*** ekonomiċi ***involuti kif ukoll iż-żewġ korpi notifikati involuti jimpenjaw ruħhom*** li jikkooperaw ***u fejn l-operatur ekonomiku li jikseb iċ-ċertifikazzjoni jkun fil-kmand tekniku tal-prodott***.	(74) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali f'każ ta' problemi ta' sikurezza jew ta' prestazzjoni, jenħtieġ li tali rikonoxximent ikun permess biss meta ***l-operaturi*** ekonomiċi ***vvalutati u vverifikati jaqblu*** li jikkooperaw ***mal-korp notifikat rikonoxxut, u jikkondividu d-data miegħu***.

Emenda 52

Proposta għal regolament

Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) L-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 uriet li l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq imwettqa fil-livell nazzjonali jvarjaw ħafna fil-kwalità u fl-effettività. Minbarra l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament favur sorveljanza aħjar tas-suq, jenħtieġ li l-konformità tal-operaturi ekonomiċi, tal-korpi u tal-prodotti ma' dan ir-Regolament tiġi ffaċilitata billi jiġu involuti wkoll partijiet terzi, bħal permezz tal-possibbiltà li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tissottometti informazzjoni dwar ***nuqqasijiet*** ta' konformità ***possibbli*** permezz ta' portal tal-ilmenti.	(75) L-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 uriet li l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq imwettqa fil-livell nazzjonali jvarjaw ħafna fil-kwalità u fl-effettività. Minbarra l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament ***u fl-ambitu tal-liġi rilevanti tal-Unjoni*** favur sorveljanza aħjar tas-suq, jenħtieġ li l-konformità tal-operaturi ekonomiċi, tal-korpi u tal-prodotti ma' dan ir-Regolament tiġi ffaċilitata billi jiġu involuti wkoll partijiet terzi, bħal permezz tal-possibbiltà li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tissottometti informazzjoni dwar ***nuqqas*** ta' konformità permezz ta' portal tal-ilmenti ***stabbilit u ġestit mill-Kummissjoni***.

Emenda 53

Proposta għal regolament

Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(76) Sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun fih aktar setgħat għall-awtoritajiet tal-Istati Membri u għall-Kummissjoni li jenħtieġ li jippermettu lill-awtoritajiet jaġixxu fiċ-ċirkostanzi problematiċi potenzjali kollha.	(76) Sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun fih aktar setgħat ***ġustifikati*** għall-awtoritajiet tal-Istati Membri u għall-Kummissjoni li jenħtieġ li jippermettu lill-awtoritajiet jaġixxu fiċ-ċirkostanzi problematiċi potenzjali kollha.

Emenda 54

Proposta għal regolament

Premessa 78

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(78) Sabiex jiġi żgurat infurzar effettiv tar-rekwiżiti u tissaħħaħ is-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri, kif ukoll jiġi żgurat allinjament mar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tkun tista' tistabbilixxi għadd minimu ta' kontrolli li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fuq grupp jew familja ta' prodotti speċifiċi jew b'rabta ma' rekwiżiti speċifiċi, kif ukoll biex tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' riżorsi.	***imħassar***

Emenda 55

Proposta għal regolament

Premessa 79

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(79) Barra minn hekk, sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet medji dgħajfa tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq f'termini tas-sorveljanza tas-suq u biex ikomplu jiġu allinjati mar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, jeħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ għal koordinazzjoni amministrattiva aktar dettaljata u li dawn jiġu pprovduti bid-dritt li jirkupraw il-kostijiet tal-ispezzjonijiet u tal-ittestjar mingħand l-operaturi ekonomiċi.	(79) Barra minn hekk, sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet medji dgħajfa tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq f'termini tas-sorveljanza tas-suq u biex ikomplu jiġu allinjati mar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, jeħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ għal koordinazzjoni amministrattiva aktar dettaljata u li dawn jiġu pprovduti d-dritt li jirkupraw il-kostijiet tal-ispezzjonijiet u tal-ittestjar mingħand l-operaturi ekonomiċi ***jekk ikunu jippossiedu prodotti mhux konformi***.

Emenda 56

Proposta għal regolament

Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(81) Sabiex jaqdu aħjar lill-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini jsiru aktar effettivi u, għalhekk, jenħtieġ li jiksbu aktar riżorsi. Sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-kompiti tal-punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini jiġu rfinati u estiżi sabiex ikunu jinkludu informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mal-prodotti u dwar l-atti adottati f'konformità miegħu.	(81) Sabiex jaqdu aħjar lill-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini jsiru aktar effettivi u, għalhekk, jenħtieġ li jiksbu aktar riżorsi. Sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-kompiti tal-punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini jiġu rfinati u estiżi sabiex ikunu jinkludu informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mal-prodotti u dwar l-atti adottati f'konformità miegħu. ***L-Istati Membri jenħtieġ li wkoll iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-operaturi ekonomiċi dwar il-punti ta' kuntatt tal-prodotti għall-bini fit-territorju tagħhom.***

Emenda 57

Proposta għal regolament

Premessa 84

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(84) Ir-reġistrazzjoni ***ċentralizzata*** tal-informazzjoni dwar il-prodott iżżid it-trasparenza għall-benefiċċju tas-sikurezza tal-prodotti u l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, filwaqt li tnaqqas ukoll il-piż amministrattiv u l-kostijiet għall-operaturi ekonomiċi. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 291 tat-TFUE biex tistabbilixxi ***bażi ta' data jew sistema ċentralizzata tal-Unjoni dwar il-prodotti*** għall-bini. ***F'dan il-mument ma huwiex possibbli li jiġu vvalutati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' soluzzjonijiet possibbli, b'hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li ssegwi kwalunkwe waħda minn dawn il-mogħdijiet, kif xieraq.***	(84) Ir-reġistrazzjoni ċentralizzata tal-informazzjoni dwar il-prodott iżżid it-trasparenza għall-benefiċċju tas-sikurezza tal-prodotti u l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, filwaqt li tnaqqas ukoll il-piż amministrattiv u l-kostijiet għall-operaturi ekonomiċi. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 291 tat-TFUE biex tistabbilixxi ***passaport diġitali tal-prodotti*** għall-bini ***u reġistru tal-passaporti tal-prodotti għall-bini***.

Emenda 58

Proposta għal regolament

Premessa 87

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(87) In-negozju ta' prodotti għall-bini jsir bil-mod iżda b'mod kostanti aktar u aktar internazzjonali. B'hekk, jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn in-nuqqasijiet ta' konformità tal-operaturi ekonomiċi bbażati barra mill-Unjoni jeħtieġ li jiġu indirizzati wkoll. Billi pajjiżi terzi bilkemm huma lesti li jappoġġaw l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fit-territorju tagħhom fejn l-Unjoni, min-naħa tagħha, ma tipprevedix il-possibbiltà li tgħinhom, jenħtieġ li jiġu previsti xi ***setgħat għall-kooperazzjoni internazzjonali*** f'dan ir-Regolament.	(87) In-negozju ta' prodotti għall-bini jsir bil-mod iżda b'mod kostanti aktar u aktar internazzjonali. B'hekk, jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn in-nuqqasijiet ta' konformità tal-operaturi ekonomiċi bbażati barra mill-Unjoni jeħtieġ li jiġu indirizzati wkoll. Billi pajjiżi terzi bilkemm huma lesti li jappoġġaw l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fit-territorju tagħhom fejn l-Unjoni, min-naħa tagħha, ma tipprevedix il-possibbiltà li tgħinhom, jenħtieġ li jiġu previsti xi ***dispożizzjonijiet*** f'dan ir-Regolament ***biex il-Kummissjoni tinvolvi ruħha f'kooperazzjoni internazzjonali***.

Emenda 59

Proposta għal regolament

Premessa 88

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(88) Ċertu għadd ta' pajjiżi terzi japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti jew għall-inqas jirrikonoxxu ċ-ċertifikati maħruġa f'konformità magħha, kemm jekk abbażi ta' ftehimiet internazzjonali kif ukoll jekk b'mod unilaterali, it-tnejn fl-interess tal-Unjoni. Sabiex dawn il-pajjiżi terzi jingħataw inċentiv biex ikomplu din il-prattika u pajjiżi terzi oħrajn jagħmlu l-istess, jenħtieġ li jiġu pprovduti ċerti possibbiltajiet addizzjonali lil pajjiżi terzi li japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti jew li jirrikonoxxu ċ-ċertifikati maħruġa f'konformità magħha. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jkun possibbli li dawn il-pajjiżi terzi partikolarment kooperattivi jiġu appoġġati billi jitħallew jipparteċipaw f'ċertu taħriġ u jipparteċipaw fil-bażi tad-data ***jew fis-sistema*** tal-UE dwar il-prodotti għall-bini, fis-sistema ta' informazzjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet armonizzati u fl-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet. Barra minn hekk, għall-istess raġuni, jenħtieġ li jkun possibbli li dawn il-pajjiżi terzi partikolarment kooperattivi jiġu informati dwar prodotti mhux konformi jew riskjużi.	(88) Ċertu għadd ta' pajjiżi terzi japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti jew għall-inqas jirrikonoxxu ċ-ċertifikati maħruġa f'konformità magħha, kemm jekk abbażi ta' ftehimiet internazzjonali kif ukoll jekk b'mod unilaterali, it-tnejn fl-interess tal-Unjoni. Sabiex dawn il-pajjiżi terzi jingħataw inċentiv biex ikomplu din il-prattika u pajjiżi terzi oħrajn jagħmlu l-istess, jenħtieġ li jiġu pprovduti ċerti possibbiltajiet addizzjonali lil pajjiżi terzi li japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti jew li jirrikonoxxu ċ-ċertifikati maħruġa f'konformità magħha. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jkun possibbli ***wara konsultazzjoni mal-Istati Membri*** li dawn il-pajjiżi terzi partikolarment kooperattivi jiġu appoġġati billi jitħallew jipparteċipaw f'ċertu taħriġ u jipparteċipaw fil-bażi tad-data tal-UE dwar il-prodotti għall-bini, fis-sistema ta' informazzjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet armonizzati u fl-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet. Barra minn hekk, għall-istess raġuni, jenħtieġ li jkun possibbli li dawn il-pajjiżi terzi partikolarment kooperattivi jiġu informati dwar prodotti mhux konformi jew riskjużi.

Emenda 60

Proposta għal regolament

Premessa 90

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(90) Sabiex jittejjeb l-użu ta' prodotti għall-bini sostenibbli, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq, u sabiex jintlaħaq allinjament mar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, jenħtieġ li l-prattika tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri timmira lejn l-aktar prodotti sostenibbli minn fost il-prodotti konformi. Ir-rekwiżiti applikabbli għall-kuntratti ta' akkwist pubbliku stabbiliti ***mill-atti ta' implimentazzjoni*** jenħtieġ li jiġu stabbiliti ***skont*** kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.	(90) Sabiex jittejjeb l-użu ta' prodotti għall-bini sostenibbli, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq, u sabiex jintlaħaq allinjament mar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, jenħtieġ li l-prattika tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri timmira lejn l-aktar prodotti sostenibbli minn fost il-prodotti konformi. Ir-rekwiżiti applikabbli għall-kuntratti ta' akkwist pubbliku ***li huma speċifikament offruti bħala kuntratti ta' akkwist pubbliku ekoloġiku*** stabbiliti ***fl-atti delegati*** jenħtieġ li jiġu stabbiliti ***mill-Kummissjoni abbażi ta'*** kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji***, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet speċifiċi tal-awtoritajiet lokali żgħar u l-ħtiġijiet tal-SMEs***.

Emenda 61

Proposta għal regolament

Premessa 91

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(91) L-akkwist pubbliku jammonta għal 14 % tal-PDG tal-Unjoni. Sabiex jikkontribwixxu għall-objettiv li tintlaħaq in-newtralità klimatika, tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u fl-użu tar-riżorsi u ssir it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari li tipproteġi s-saħħa pubblika u l-bijodiversità, jenħtieġ li l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti, fejn xieraq, ikunu ***meħtieġa*** jallinjaw l-akkwist tagħhom ma' kriterji ***jew miri*** speċifiċi tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, li għandhom jiġu stabbiliti fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li l-kriterji jew il-miri*** stabbiliti minn atti delegati għal gruppi ta' prodotti speċifiċi jiġu ***rrispettati*** mhux biss meta dawk il-prodotti jiġu akkwistati direttament fil-kuntratti ta' provvista pubblika, iżda wkoll	(91) L-akkwist pubbliku jammonta għal 14 % tal-PDG tal-Unjoni. Sabiex jikkontribwixxu għall-objettiv li tintlaħaq in-newtralità klimatika, tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u fl-użu tar-riżorsi u ssir it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari li tipproteġi s-saħħa pubblika u l-bijodiversità, jenħtieġ li l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti, fejn xieraq, ikunu ***mħeġġa*** jallinjaw l-akkwist tagħhom ma' kriterji speċifiċi tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, li għandhom jiġu stabbiliti fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament. ***Il-kriterji ta' sostenibbiltà jistgħu jieħdu l-forma ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew livelli ta' prestazzjoni obbligatorji, jew, kif xieraq, kriterji tal-għażla, kriterji tal-għoti jew klawżoli tal-prestazzjoni tal-kuntratt,***

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f'kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi meta dawk il-prodotti jintużaw għal attivitajiet li jikkostitwixxu s-suġġett ta' dawk il-kuntratti. ***Meta mqabbla ma' approċċ volontarju, kriterji jew miri obbligatorji se jiżguraw li jiġi massimizzat l-ingranaġġ tal-infiq pubbliku biex tingħata spinta lid-domanda għal prodotti bi prestazzjoni aħjar.*** Jenħtieġ li l-kriterji jkunu trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji.	***filwaqt li jagħtu lill-awtoritajiet kontraenti diskrezzjoni biex jiddeċiedu dwar il-kriterji kollha meħtieġa għall-akkwist pubbliku. Il-kriterji ta' sostenibbiltà*** stabbiliti minn atti delegati għal gruppi ta' prodotti speċifiċi ***jistgħu*** jiġu ***utilizzati*** mhux biss meta dawk il-prodotti jiġu akkwistati direttament fil-kuntratti ta' provvista pubblika, iżda wkoll f'kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi meta dawk il-prodotti jintużaw għal attivitajiet li jikkostitwixxu s-suġġett ta' dawk il-kuntratti. Jenħtieġ li l-kriterji jkunu trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji.

Emenda 62

Proposta għal regolament

Premessa 92

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(92) Sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-għarfien ta' evidenza xjentifika ġdida, jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni u tiġi żgurata implimentazzjoni omoġenja tar-regoli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ***u l-emendar*** ta' dispożizzjonijiet u rekwiżiti tekniċi speċifiċi għall-prodott; ***id-definizzjoni*** tas-sistemi ta' valutazzjoni u verifika applikabbli; id-determinazzjoni tal-kondizzjonijiet li taħthom l-obbligi skont dritt tal-Unjoni ieħor jissodisfaw ċerti obbligi ta' dan ir-Regolament; l-emendar tal-mudell tad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u tad-dikjarazzjoni tal-konformità; ***l-istabbiliment*** ta' obbligi addizzjonali għall-manifatturi; ir-reviżjoni u s-supplimentar tar-regoli proċedurali għall-iżvilupp tad-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni; l-istabbiliment ***ta' rekwiżiti minimi għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq; l-istabbiliment ta' bażi tad-data jew sistema tal-Unjoni dwar il-prodotti għall-bini; l-istabbiliment*** ta' rekwiżiti ta' akkwist pubbliku ekoloġiku ***u d-definizzjoni ta' penali minimi***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu	(92) Sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-għarfien ta' evidenza xjentifika ġdida, jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni u tiġi żgurata implimentazzjoni omoġenja tar-regoli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet u rekwiżiti tekniċi speċifiċi għall-prodott; ***l-ispeċifikazzjoni*** tas-sistemi ta' valutazzjoni u verifika applikabbli ***stabbiliti fl-Anness V***; id-determinazzjoni tal-kondizzjonijiet li taħthom l-obbligi skont dritt tal-Unjoni ieħor jissodisfaw ċerti obbligi ta' dan ir-Regolament; l-emendar tal-mudell tad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u tad-dikjarazzjoni tal-konformità; ***l-ispeċifikazzjoni*** ta' obbligi ***ambjentali*** addizzjonali għall-manifatturi; ir-reviżjoni u s-supplimentar tar-regoli proċedurali għall-iżvilupp tad-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni; l-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' akkwist pubbliku ekoloġiku. ***Din is-setgħa jenħtieġ li tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-Istati Membri identifikati u inklużi fil-pjan ta' ħidma.*** Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 ([41]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 ([41]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. ***Meta tiżviluppa dawk l-atti, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmira li tnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji u tqis il-ħtiġijiet tal-SMEs.***
([41]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.	([41]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 63

Proposta għal regolament

Premessa 93

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(93) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi mezzi biex tittrażmetti l-informazzjoni; ***tipprovdi dettalji dwar kif għandhom jiġu eżegwiti l-obbligi u d-drittijiet tal-operaturi ekonomiċi;*** tadotta l-format tal-valutazzjoni teknika Ewropea; ***tistabbilixxi r-riżorsi minimi meħtieġa mill-korpi notifikati u tagħti aċċess lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għas-sistemi ta' informazzjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet armonizzati, għall-bażi tad-data jew is-sistema tal-UE dwar il-prodotti għall-bini*** u għat-tahriġ fil-kuntest ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([42]).	(93) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi mezzi biex tittrażmetti l-informazzjoni; tadotta l-format tal-valutazzjoni teknika Ewropea; u għat-taħriġ fil-kuntest ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([42]).

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
([42]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).	([42]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda 64

Proposta għal regolament

Premessa 98

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(98) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għan-nuqqasijiet ta' konformità u jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu infurzati. Jenħtieġ li l-penali previsti jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Sabiex jiġu żgurati dawn l-għanijiet u l-penali armonizzati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi penali minimi permezz ta' atti adottati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.***	(98) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għan-nuqqasijiet ta' konformità u jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu infurzati. Jenħtieġ li l-penali previsti jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda 65

Proposta għal regolament

Premessa 100

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(100) Sabiex tinħoloq ċertezza legali, jenħtieġ li jiġi ċċarat għal kemm żmien il-prodotti li jitqiegħdu fis-suq abbażi tad-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 jistgħu jibqgħu fil-katina tad-distribuzzjoni u, b'hekk, ikunu disponibbli aktar fis-suq. B'mod simili għall-prattika skont leġiżlazzjoni oħra dwar il-prodotti, il-perjodu xieraq jitqies li huwa ta' ħames snin wara l-iskadenza tal-valutazzjoni teknika Ewropea li abbażi tagħha jkunu tqiegħdu fis-suq. B'dan il-mod, sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' speċifikazzjoni teknika armonizzata adottata skont dan ir-Regolament, il-prodotti kollha mibjugħa lill-utenti se jikkonformaw ma' dik l-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata u ma' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati għat-tqegħid ***għad-dispożizzjoni*** fis-suq ***u għall-installazzjoni diretta*** ta' prodotti għall-bini, irrispettivament minn jekk jitwettqux fil-qafas ta' servizz jew le, billi jistabbilixxi:	Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati għat-tqegħid ***u għad-disponibbiltà*** fis-suq ta' prodotti għall-bini, irrispettivament minn jekk jitwettqux fil-qafas ta' servizz jew le, billi jistabbilixxi:

Emenda 67

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) regoli dwar kif għandha tiġi espressa l-prestazzjoni ambjentali, inkluża ***klimatika***, u tas-sikurezza tal-prodotti għall-bini b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali tagħhom;	(a) regoli ***armonizzati*** dwar kif għandha tiġi espressa l-prestazzjoni ambjentali, inkluża ***l-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja***, u tas-sikurezza tal-prodotti għall-bini b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali tagħhom;

Emenda 68

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-rekwiżiti ambjentali, ***inklużi dawk klimatiċi,*** funzjonali u tas-sikurezza tal-prodotti għall-bini.	(b) ir-rekwiżiti ambjentali, funzjonali u tas-sikurezza tal-prodotti għall-bini.

Emenda 69

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll l-obbligi li għandhom l-operaturi ekonomiċi li jittrattaw prodotti għall-bini jew il-komponenti tagħhom jew prodotti ***li jistgħu jitqiesu bħala prodotti għall-bini, filwaqt li ma jkunux maħsuba mill-manifattur tagħhom biex ikunu prodotti għall-bini***.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll l-obbligi li għandhom l-operaturi ekonomiċi li jittrattaw prodotti għall-bini jew il-komponenti tagħhom jew prodotti ***b'użu doppju, inklużi t-tneħħija mill-installazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' dawk il-prodotti***.

Emenda 70

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern billi jiżgura l-moviment liberu ta' prodotti għall-bini sikuri u sostenibbli fl-Unjoni u għall-objettivi ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali billi jipprevjeni u jnaqqas l-impatt li l-prodotti għall-bini għandhom fuq l-ambjent u fuq is-saħħa u s-sikurezza tan-nies.

Emenda 71

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***settijiet ta' data 3D imqiegħda fis-suq biex jippermettu l-istampar 3D ta' prodotti għall-bini koperti minn dan ir-Regolament u*** prodotti għall-bini ***u forom*** stampati 3D;	(a) prodotti għall-bini stampati 3D;

Emenda 72

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) materjali maħsuba biex jintużaw għall-istampar 3D ta' prodotti għall-bini fuq jew qrib is-sit tal-kostruzzjoni jew għall-manifattura bl-użu ta' forom fuq jew qrib is-sit tal-kostruzzjoni;	***imħassar***

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) prodotti għall-bini manifatturati fis-sit tal-kostruzzjoni għall-inkorporazzjoni immedjata f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni, mingħajr azzjoni kummerċjali separata għat-tqegħid fis-suq;	***imħassar***

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) kittijiet jew assemblaġġi, fejn il-kompożizzjoni tagħhom tkun speċifikata fi speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew f'dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni (EADs) u koperta minnhom;	***imħassar***

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) djar prefabbrikati ta' familja waħda bi spazju tas-superfiċje ta' inqas minn 180 m² b'sular wieħed jew bi spazju tas-superfiċje ta' inqas minn 100 m² fuq żewġ sulari.	***imħassar***

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dan ir-Regolament għad-djar imsemmija fil-punt (g) permezz ta' notifika lill-Kummissjoni.	***imħassar***

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-operatur ekonomiku jkun biddel l-użu maħsub ta' dawk il-prodotti jew l-oġġetti għall-bini użati mill-użu maħsub assenjat lil dawk il-prodotti jew l-oġġetti għall-bini mill-manifattur inizjali b'mod ieħor għajr bi tnaqqis f'termini ta' prestazzjoni jew użi maħsuba jew għal skopijiet ta' sempliċi dekorazzjoni;	(b) l-operatur ekonomiku jkun biddel l-użu maħsub ta' dawk il-prodotti jew l-oġġetti għall-bini użati mill-użu maħsub assenjat lil dawk il-prodotti jew l-oġġetti għall-bini mill-manifattur inizjali b'mod ieħor għajr bi tnaqqis f'termini ta' prestazzjoni jew użi maħsuba jew għal skopijiet ta' sempliċi **"**dekorazzjoni**"**;

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-operatur ekonomiku jkun qiegħed iqiegħed prodott għall-bini użat fis-suq għall-ewwel darba;

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jneħħu l-installazzjonijiet jew li jittrattaw prodotti użati għall-użu mill-ġdid ma jkunux issodisfati.

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***bojlers, pajpijiet, tankijiet u anċillari*** u prodotti oħrajn maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ilma għall-konsum mill-bniedem;	(b) ***il-kwalitajiet relatati mal-iġjene tal-bojlers, il-pajpijiet, it-tankijiet u l-anċillari*** u prodotti oħrajn maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ilma għall-konsum mill-bniedem;

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) sistemi li jittrattaw l-ilma mormi;	***imħassar***

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) apparat sanitarju;	***imħassar***

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) prodotti tas-sinjalar tat-traffiku.	***imħassar***

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) prodotti tad-dawl soġġetti għad-Direttivi 2014/35/UE, 2014/53/UE jew 2001/95/KE;

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) prodotti elettriċi u elettroniċi soġġetti għad-Direttivi 2014/35/UE, 2014/30/UE, 2014/53/UE, id-Direttiva RoHs jew ir-Regolament [XXX] dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli.

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għas-servizzi tal-istampar 3D ta' prodotti għall-bini u ta' oġġetti koperti minn dan ir-Regolament. Is-servizzi tal-istampar 3D jinkludu l-kiri ta' magni tal-istampar 3D li jistgħu jintużaw għall-prodotti u l-oġġetti għall-bini koperti minn dan ir-Regolament. ***Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal servizzi marbuta ma':*** ***— il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u/jew oġġetti għall-bini koperti minn dan ir-Regolament, u*** ***— għat-tneħħija tal-installazzjoni, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u t-trattament ta' prodotti jew oġġetti għall-bini użati koperti minn dan ir-Regolament.***	***imħassar***

Emenda 87

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament il-prodotti ***u l-oġġetti*** għall-bini koperti minn dan ir-Regolament li jitqiegħdu fis-suq ***jew jiġu installati direttament*** fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-regolamenti li jipprovdu tali eżenzjonijiet. Huma għandhom jiżguraw li l-prodotti ***jew l-oġġetti*** għall-bini eżentati ma jkollhomx il-markatura CE f'konformità mal-Artikolu 16. Il-prodotti ***jew l-oġġetti*** għall-bini mqiegħda fis-suq ***jew installati direttament*** abbażi ta' tali eżenzjoni ma għandhomx jitqiesu li tqiegħdu fis-suq ***jew li ġew installati direttament*** fl-Unjoni skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.	5. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament il-prodotti għall-bini koperti minn dan ir-Regolament li jitqiegħdu fis-suq fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-regolamenti li jipprovdu tali eżenzjonijiet. Huma għandhom jiżguraw li l-prodotti għall-bini eżentati ma jkollhomx il-markatura CE f'konformità mal-Artikolu 16. Il-prodotti għall-bini mqiegħda fis-suq abbażi ta' tali eżenzjoni ma għandhomx jitqiesu li tqiegħdu fis-suq fl-Unjoni skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "prodott għall-bini" tfisser kwalunkwe ***oġġett fiżiku fformat jew mingħajr forma, inklużi l-imballaġġ u l-istruzzjonijiet għall-użu tiegħu,*** jew kit ***jew assemblaġġ*** li ***jikkombina tali oġġetti,*** li jitqiegħed fis-suq jew jiġi ***prodott*** għall-inkorporazzjoni b'mod permanenti f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew f'partijiet minnhom fl-Unjoni***, bl-eċċezzjoni ta' oġġetti li huma neċessarjament integrati għall-ewwel darba f'assemblaġġ, kit jew prodott għall-bini ieħor qabel ma jiġu inkorporati b'mod permanenti f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni***;	(1) "prodott għall-bini" tfisser kwalunkwe ***prodott*** jew kit li ***jiġi prodott u*** li jitqiegħed fis-suq jew jiġi ***fornut lis-sit tal-kostruzzjoni*** għall-inkorporazzjoni b'mod permanenti f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew f'partijiet minnhom fl-Unjoni***, inklużi prodotti stampati 3D jew oġġetti oħra koperti minn dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 2(1) sa (3)***;

Emenda 89

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "permanenti" tfisser ***għal durata ta' sentejn jew itwal***;	(2) "permanenti" tfisser ***installat jew imwaħħal b'tali mod li jista' jaffettwa b'mod sinifikanti r-rekwiżiti bażiċi tax-xogħol u li jkun maħsub li jibqa' fil-binja jew f'partijiet minnha u li ma jkunx jista' jitneħħa mingħajr għodda jew forza mekkanika wara t-tlestija tal-kostruzzjoni jew il-proċess ta' rinnovazzjoni***;

Emenda 90

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "prodott" tfisser prodott għall-bini jew oġġett ieħor kopert minn dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 2(1) sa (3);	***imħassar***

Emenda 91

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "installazzjoni diretta" tfisser l-installazzjoni ta' prodott f'xogħol ta' kostruzzjoni ta' klijent mingħajr ma jsir disponibbli qabel fis-suq jew l-installazzjoni ta' dar ta' familja waħda koperta minn dan ir-Regolament, irrispettivament minn jekk dan ikunx fil-qafas tal-forniment ta' servizz jew le;	***imħassar***

Emenda 92

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "karatteristiċi essenzjali" tfisser dawk il-karatteristiċi tal-prodott li huma relatati mar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni kif stabbiliti ***fil-Punt 1 tal-Parti A tal-Anness I*** jew li ġew elenkati ***fil-Punt 2 tal-Parti A tal-Anness I***;	(7) "karatteristiċi essenzjali" tfisser dawk il-karatteristiċi tal-prodott li huma relatati mar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni kif stabbiliti ***fl-Anness I, il-Parti A*** jew ***il-karatteristiċi ambjentali*** li ġew elenkati ***fl-Anness I, il-Parti B***;

Emenda 93

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "rekwiżiti tal-prodott" tfisser livell ta' limitu jew karatteristika oħra li magħha għandu jikkonforma prodott qabel ma jkun jista' jitqiegħed fis-suq ***jew jiġi installat direttament, inklużi dawk ir-rekwiżiti relatati mat-tikkettar u mal-istruzzjonijiet għall-użu jew informazzjoni oħra li għandha tiġi pprovduta***;	(8) "rekwiżiti tal-prodott" tfisser livell ta' limitu jew karatteristika oħra ***stabbilita fl-Anness I, il-Parti C 1 u C 2, u speċifikata skont l-Artikolu 5,*** li magħha għandu jikkonforma prodott ***għall-bini*** qabel ma jkun jista' jitqiegħed fis-suq;

Emenda 94

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "operatur ekonomiku" tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur, id-distributur, il-fornitur tas-servizz ta' ġestjoni, ***il-fornitur tas-servizz ta' stampar 3D,*** il-manifattur, l-importatur jew id-distributur ta' materjali maħsuba għall-istampar 3D ta' prodotti, il-bejjiegħ online, is-sensar, il-fornitur, il-fornitur tas-servizz, it-tikkettatur tal-marka proprja jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra***, minbarra l-awtoritajiet, il-korpi notifikati, il-korpi tal-valutazzjoni teknika u l-punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini*** li huma soġġetti għal dan ir-Regolament b'rabta mal-manifattura, it-tneħħija mill-installazzjoni għall-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid ***jew l-imballaġġ mill-ġdid*** tal-prodotti, jew it-tqegħid ta' dawk il-prodotti disponibbli fis-suq ***jew l-installazzjoni ta' dawk il-prodotti direttament*** f'konformità ma' dan ir-Regolament***, u l-operaturi ekonomiċi kif definiti fl-Artikolu 3(13) tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** ([44]);	(9) "operatur ekonomiku" tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur, id-distributur, il-fornitur tas-servizz ta' ġestjoni, il-manifattur, l-importatur jew id-distributur ta' materjali maħsuba għall-istampar 3D ta' prodotti, il-bejjiegħ online, is-sensar, il-fornitur, il-fornitur tas-servizz, it-tikkettatur tal-marka proprja jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra, li huma soġġetti għal dan ir-Regolament b'rabta mal-manifattura, it-tneħħija mill-installazzjoni għall-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid tal-prodotti, jew it-tqegħid ta' dawk il-prodotti disponibbli fis-suq f'konformità ma' dan ir-Regolament;

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).	

Emenda 95

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "fornitur ta' servizz ta' stampar 3D" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, matul attività kummerċjali, toffri wieħed mis-servizzi li ġejjin: il-kiri jew il-lokazzjoni ta' printers għall-istampar 3D, l-istampar ta' settijiet ta' data għall-istampar 3D, jew is-senserija ta' wieħed minn dawn is-servizzi, irrispettivament minn jekk il-materjal tal-istampar jiġix ipprovdut minn dik il-persuna jew le;	***imħassar***

Emenda 96

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) "bini" tfisser faċilitajiet, għajr kontenituri, li jagħtu kenn lill-bnedmin, lill-annimali jew lill-oġġetti, li jew ikunu mwaħħlin b'mod permanenti mal-art jew inkella jistgħu jiġu ttrasportati biss bl-għajnuna ta' tagħmir speċjali, filwaqt li jkollhom spazju tas-superfiċje tal-art ta' mill-inqas 20m² fuq livell wieħed jew diversi livelli;	***imħassar***

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) "livell" tfisser ***ir-riżultat tal-valutazzjoni*** tal-prestazzjoni ***ta' prodott b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali tiegħu, espress bħala valur numeriku***;	(16) "livell" tfisser ***l-espressjoni tal-prestazzjoni mingħajr klassifikazzjoni*** tal-prestazzjoni ***potenzjali jew minimu jew massimu speċifikat***;

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) "klassi" tfisser ***firxa ta' livelli, delimitati permezz ta' valur minimu u massimu,*** tal-prestazzjoni ***ta' prodott***;	(17) "klassi" tfisser ***espressjoni*** tal-prestazzjoni ***f'diviżjoni sistematika tal-prestazzjonijiet potenzjali***;

Emenda 99

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) ***"assemblaġġ" tfisser sett ta' mill-inqas żewġ oġġetti separati, li wieħed minnhom ikun prodott;***	***imħassar***

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ma kienx soġġett għal proċess li jmur lil hinn mit-tiswija, mit-tindif jew mill-manutenzjoni regolari, kif speċifikat mill-manifattur oriġinali fl-istruzzjonijiet għall-użu tiegħu jew rikonoxxut li huwa meħtieġ skont għarfien ***komuni*** tal-inġinerija ***ċivili***;	(a) ma kienx soġġett għal proċess li jmur lil hinn mit-tiswija, mit-tindif jew mill-manutenzjoni regolari, kif speċifikat mill-manifattur oriġinali fl-istruzzjonijiet għall-użu tiegħu jew rikonoxxut li huwa meħtieġ skont l-għarfien tal-inġinerija ***l-aktar aġġornat speċifiku għas-suġġett***;

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) "użu maħsub" tfisser l-użu maħsub mill-manifattur***, inklużi l-kondizzjonijiet għall-użu, kif stipulati fid-dokumentazzjoni*** teknika***, fuq it-tikketti, fl-istruzzjonijiet għall-użu, jew f'materjal ta' pubbliċità, filwaqt li l-użi msemmija biss f'wieħed minn dawn diġà huma parti mill-"użu maħsub"***;	(25) "użu maħsub" tfisser l-użu maħsub ***kif definit*** mill-manifattur ***tal-prodott għall-bini kif definit fl-ispeċifikazzjoni*** teknika ***armonizzata applikabbli***;

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) "tiswija" tfisser il-proċess ***tar-ritorn*** ta' prodott difettuż għal kondizzjoni fejn jista' jissodisfa l-użu maħsub tiegħu;	(26) "tiswija" tfisser il-proċess ***tat-tiswija*** ta' prodott difettuż ***jew is-sostituzzjoni tal-komponenti difettużi tiegħu, sabiex il-prodott jitreġġa' lura*** għal kondizzjoni fejn ikun jista' jissodisfa l-użu maħsub tiegħu;

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) "manutenzjoni" tfisser azzjoni mwettqa biex prodott jinżamm f'kondizzjoni fejn ikun jista' jiffunzjona kif ***meħtieġ***;	(27) "manutenzjoni" tfisser azzjoni mwettqa biex prodott jinżamm f'kondizzjoni fejn ikun jista' jiffunzjona kif ***speċifikat***;

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) "tip ta' prodott" tfisser il-mudell astratt ta' prodotti individwali, ***iddeterminat mill-użu maħsub u minn*** sett ta' ***karatteristiċi li jeskludu kwalunkwe varjazzjoni fir-rigward tal-prestazzjoni jew tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-prodott stabbiliti f'dan ir-Regolament jew f'konformità miegħu, prodotti fi proċess ta' produzzjoni speċifiku bl-użu ta' kombinament partikolari ta' materja prima jew komponenti, filwaqt li oġġetti identiċi ta' manifatturi differenti jappartjenu wkoll għal tipi ta' prodotti differenti***;	(31) "tip ta' prodott" tfisser il-mudell astratt ta' prodotti individwali, ***definit mill-istess*** sett ta' ***prestazzjonijiet iddikjarati***;

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) "l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku" tfisser mod kif tintlaħaq ċerta mira li jkun jew l-aktar effettiv u avvanzat jew qrib tiegħu u, b'hekk, ogħla mill-medja ta' modi li jistgħu jintgħażlu;	(32) "l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku" tfisser mod kif tintlaħaq ċerta mira li jkun jew l-aktar effettiv u avvanzat jew qrib tiegħu u, b'hekk, ogħla mill-medja ta' modi li jistgħu jintgħażlu ***jew prestazzjoni li tirrappreżenta dak li huwa possibbli attwalment bl-applikazzjoni ta' teknoloġiji komuni, kemm jekk hija s-soluzzjoni teknoloġikament l-aktar avvanzata u kemm jekk le***;

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) "żona armonizzata" tfisser l-isfera koperta b'mod konġunt minn dan ir-Regolament, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati, u l-atti tal-Kummissjoni ta' applikabbiltà ġenerali adottati skont dan ir-Regolament;	(38) "żona armonizzata" tfisser l-isfera koperta b'mod konġunt minn dan ir-Regolament, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati, u l-atti tal-Kummissjoni ta' applikabbiltà ġenerali ***relatati mal-prodotti għall-bini*** adottati skont dan ir-Regolament;

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) "dritt tal-Unjoni" tfisser it-TUE, it-TFUE, il-prinċipji ġenerali tad-dritt, l-atti ta' applikabbiltà ġenerali msemmija fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 tat-TFUE u kwalunkwe ftehim internazzjonali li għalih l-Unjoni hija parti jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma partijiet;	***imħassar***

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) "manifatturat individwalment" tfisser li, minħabba l-ispeċifikazzjonijiet tal-klijent, ikun hemm ***varjazzjoni f'termini tal-metodu ta' manifattura*** meta mqabbel mal-prodotti l-oħrajn kollha prodotti għal klijenti oħrajn mill-operatur ekonomiku inkwistjoni;	(42) "manifatturat individwalment" tfisser li, minħabba l-ispeċifikazzjonijiet tal-klijent, ikun hemm ***il-ħtieġa li jsir riaġġustament tat-tagħmir tal-produzzjoni għall-manifattura*** meta mqabbel mal-prodotti l-oħrajn kollha prodotti għal klijenti oħrajn mill-operatur ekonomiku inkwistjoni;

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) "magħmula skont l-ordni" tfisser li, minħabba l-ispeċifikazzjonijiet tal-klijent, ikun hemm varjazzjoni f'termini tad-daqs jew tal-materjal meta mqabbla mal-prodotti l-oħrajn kollha manifatturati għal klijenti oħrajn mill-operatur ekonomiku inkwistjoni.	***imħassar***

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 45a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45a) "mezz ta' data" tfisser simbolu tal-barcode lineari, simbolu bidimensjonali jew mezz ieħor għall-ġbir awtomatiku tad-data ta' identifikazzjoni li jista' jinqara minn apparat;

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) "speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati" tfisser standards tal-prodotti għall-bini stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 4(2)***, li r-referenza tagħhom ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 34 u b'hekk saru obbligatorji għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,*** u l-atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 4(3) u (4), mal-Artikolu 5***(2)***, jew mal-Artikolu 22(4), li jkun fihom preskrizzjonijiet tekniċi;	(46) "speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati" tfisser standards tal-prodotti għall-bini stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 4(2) u l-atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 4(3) u (4), mal-Artikolu 5***(1)***, jew mal-Artikolu 22(4), li jkun fihom preskrizzjonijiet tekniċi;

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) "prodott b'użu doppju" tfisser prodott li, mill-manifattur tiegħu***, ikun maħsub*** biex jintuża bħala prodott ***u*** bħala oġġett b'użu ***maħsub*** ieħor li jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jekk ikollu biss dak l-użu maħsub l-ieħor;	(48) "prodott b'użu doppju" tfisser prodott li ***jkun maħsub*** mill-manifattur tiegħu biex jintuża bħala prodott ***jew*** bħala oġġett b'użu ieħor li jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jekk ikollu biss dak l-użu maħsub l-ieħor;

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) "ekwivalenza full-time" tfisser il-manodopera ta' persuna waħda impjegata fuq bażi full-time kif definita mill-Istat Membru kkonċernat jew il-manodopera ta' diversi persuni impjegati fuq bażi part-time li jaħdmu flimkien l-istess numru ta' sigħat kuljum jew fil-ġimgħa;	***imħassar***

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) "sensar" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizz ta' intermedjazzjoni għat-tqegħid fis-suq ***jew l-installazzjoni diretta*** ta' prodotti;	(57) "sensar" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizz ta' intermedjazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti;

Emenda 115

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(69) "awtorità" tfisser il-Kummissjoni Ewropea, l-aġenziji tagħha, u kwalunkwe awtorità tan-notifika, awtorità tal-ħatra jew awtorità tas-sorveljanza tas-suq, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjoni rispettiva: irrispettivament minn f'liema Stat Membru tkun tinsab;	***imħassar***

Emenda 116

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) "prodott li jippreżenta riskju" tfisser prodott li, kull meta matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tiegħu ***u anki meta jinħoloq indirettament***, ikollu potenzjal inerenti li jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, l-ambjent jew l-issodisfar tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni meta jiġi inkorporat f'dawk ix-xogħlijiet, sa grad li, filwaqt li jitqies l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, imur lil hinn minn dak li jitqies raġonevoli u aċċettabbli b'rabta mal-użu maħsub tiegħu u f'kondizzjonijiet ta' użu normali jew raġonevolment prevedibbli;	(70) "prodott li jippreżenta riskju" tfisser prodott li, kull meta matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tiegħu, ikollu potenzjal inerenti li jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, l-ambjent jew l-issodisfar tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni meta jiġi inkorporat f'dawk ix-xogħlijiet, sa grad li, filwaqt li jitqies l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, imur lil hinn minn dak li jitqies raġonevoli u aċċettabbli b'rabta mal-użu maħsub tiegħu u f'kondizzjonijiet ta' użu normali jew raġonevolment prevedibbli;

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 71a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(71a) "skopijiet dekorattivi" tfisser skopijiet definiti minnuqqas ta' kwalunkwe funzjoni strutturali jew rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, kif elenkati fl-Anness I;

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 71b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(71b) "prodott sekondarju" tfisser prodott sekondarju fis-sens tal-Artikolu 5(a) tad-Direttiva 2008/98/KE;

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 71c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(71c) "riċiklabbiltà" tfisser il-kapaċità tal-materjali jew il-prodotti tal-iskart li jiġu sseparati, miġbura, magħżula u aggregati b'mod effettiv u effiċjenti bħala flussi ta' skart definiti bi thejjija għar-riċiklaġġ, u mbagħad jiġu riċiklati permezz ta' proċessi industrijali rilevanti u pproċessati mill-ġdid f'materjali jew prodotti riċiklati, filwaqt li jiġi minimizzat it-telf tal-kwalità jew tal-funzjonalità meta mqabbel mal-materjal jew il-prodott oriġinali.

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni stabbiliti ***fil-Punt 1 tal-Parti A tal-Anness I*** għandhom jikkostitwixxu l-bażi għat-tħejjija ta' talbiet għall-istandardizzazzjoni u speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.	1. Ir-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni stabbiliti ***fl-Anness I, il-Parti A,*** għandhom jikkostitwixxu l-bażi ***għall-identifikazzjoni tal-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti għall-bini. Il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti għall-bini għandhom jiġu identifikati mill-Kummissjoni, b'kont meħud tal-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri u l-għanijiet tal-Unjoni dwar is-sikurezza, iċ-ċirkolarità u l-klima. Il-karatteristiċi essenzjali identifikati, flimkien mal-karatteristiċi ambjentali essenzjali elenkati fl-Anness I, il-Parti B, għandhom jfformaw il-bażi*** għat-tħejjija ta' talbiet għall-istandardizzazzjoni u speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.

Emenda 121

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-karatteristiċi essenzjali ***speċifikati*** f'konformità mal-paragrafu 1 jew elenkati ***fil-Punt 2 tal-Parti A tal-Anness I*** u l-metodi għall-valutazzjoni tagħhom għandhom jiġu stipulati fi standards li ***jsiru obbligatorji*** għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti għandhom jiġu identifikati fid-dawl tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, fil-waqt li jitqiesu l-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri.***	Il-karatteristiċi essenzjali ***identifikati*** f'konformità mal-paragrafu 1 jew ***il-karatteristiċi ambjentali essenzjali*** elenkati ***fl-Anness I, il-Parti B,*** u l-metodi għall-valutazzjoni tagħhom għandhom jiġu stipulati fi standards li**,** għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament**, *isiru obbligatorji permezz tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6a(9)***.

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista'*** toħroġ talbiet għall-istandardizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 1025/2012 li jistabbilixxi l-prinċipji bażiċi u l-pedamenti għall-istabbiliment ta' dawn il-karatteristiċi essenzjali u l-metodi ta' valutazzjoni tagħhom.	***Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu,*** il-Kummissjoni ***għandha*** toħroġ talbiet għall-istandardizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 1025/2012 li jistabbilixxi l-prinċipji bażiċi u l-pedamenti għall-istabbiliment ta' dawn il-karatteristiċi essenzjali u l-metodi ta' valutazzjoni tagħhom. ***Dawn it-talbiet għall-istandardizzazzjoni jistgħu jinkludu talba biex jiġu ddeterminati l-livelli ta' limitu u l-klassijiet ta' prestazzjoni b'rabta ma' dawn il-karatteristiċi essenzjali u liema mill-karatteristiċi essenzjali jistgħu jew għandhom jiġu ddikjarati mill-manifatturi; F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tiddetermina r-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati għall-istabbiliment tal-livelli ta' limitu, il-klassijiet ta' prestazzjoni u l-karatteristiċi obbligatorji fit-talba għall-istandardizzazzjoni.***

Emenda 123

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	It-talbiet ta' standardizzazzjoni li jikkonċernaw id-determinazzjoni tal-livelli ta' limitu u l-klassijiet ta' prestazzjoni għandhom ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt, f'konformità mal-paragrafu 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Emenda 124

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha toħroġ talbiet ta' standardizzazzjoni biex tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali għall-prodotti għall-bini użati.Dawn it-talbiet għall-istandardizzazzjoni għandhom jinħarġu skont il-pjan ta' ħidma stabbilit skont l-Artikolu 93a.

Emenda 125

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-talbiet għall-istandardizzazzjoni rispettivi jistgħu jinkludu wkoll talba li l-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni tiddetermina fl-istandards imsemmija fl-ewwel subparagrafu l-livelli ta' limitu volontarji jew obbligatorji u l-klassijiet ta' prestazzjoni b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali u liema mill-karatteristiċi essenzjali jistgħu jew għandhom jiġu ddikjarati mill-manifatturi. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-prinċipji bażiċi u l-pedamenti għall-istabbiliment tal-livelli ta' limitu, il-klassijiet u l-karatteristiċi obbligatorji fit-talba għall-istandardizzazzjoni.	***imħassar***

Emenda 126

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-prinċipji bażiċi u l-pedamenti, kif ukoll id-dritt tal-Unjoni, jiġu rrispettati fl-istandards qabel ma tiġi ppubblikata r-referenza tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 34.	***imħassar***

Emenda 127

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***B'deroga mill-paragrafu 2 u sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri u jiġu segwiti l-għanijiet tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,*** il-Kummissjoni għandha s-setgħa ***li tissupplimenta dan ir-Regolament permezz ta'*** atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, billi tistabbilixxi, għal familji u kategoriji ta' prodotti partikolari, karatteristiċi essenzjali volontarji jew obbligatorji u l-metodi ta' valutazzjoni tagħhom ***fi*** kwalunkwe ***wieħed mill-każijiet*** li ġejjin:	3. ***Filwaqt li għandha tingħata prijorità lill-elaborazzjoni tal-istandards,*** il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ***tadotta*** atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, ***li jissupplimentaw dan ir-Regolament*** billi tistabbilixxi, għal familji u kategoriji partikolari ta' prodotti, karatteristiċi essenzjali volontarji jew obbligatorji u l-metodi ta' valutazzjoni tagħhom ***fejn ma jkun ġie ppreżentat l-ebda standard armonizzat li jkopri l-karatteristiċi essenzjali rilevanti skont talba magħmula f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-ebda tali standard ma jkun mistenni li jitwassal fi żmien raġonevoli u, barra minn hekk, tiġi ssodisfata*** kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda 128

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) il-Kummissjoni tkun talbet li waħda jew aktar mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni jabbozaw standard armonizzat għar-rekwiżiti u t-talba ma tkunx ġiet aċċettata minn ebda mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni;

Emenda 129

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm dewmien bla bżonn fl-adozzjoni ta' ċerti standards imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, ***filwaqt li jingħata dewmien*** bla bżonn ***meta*** l-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni ma tissottomettix standard fil-perjodu ta' żmien stabbilit fit-talba għall-istandardizzazzjoni;	(a) ikun hemm dewmien bla bżonn ***u mhux ġustifikat*** fl-adozzjoni ta' ċerti standards imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, ***fejn b'dewmien*** bla bżonn ***jinftiehem li*** l-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni ma tissottomettix standard fil-perjodu ta' żmien stabbilit fit-talba ***u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn sentejn wara li tkun irċeviet it-talba*** għall-istandardizzazzjoni;

Emenda 130

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikun hemm urġenza għall-adozzjoni ta' aktar speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati li ma jistgħux jitqabblu mal-istandards imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) biss;	***imħassar***

Emenda 131

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) karatteristika essenzjali waħda jew aktar li jirreferu għar-rekwiżiti bażiċi tax-xogħol stabbiliti ***fil-Punt 1 tal-Parti A tal-Anness I*** jew inklużi ***fil-Punt 2 tal-Parti A tal-Anness I*** ma jkunux koperti mill-istandards imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2), li r-referenzi tagħhom ikunu diġà ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali;	(c) karatteristika essenzjali waħda jew aktar li jirreferu għar-rekwiżiti bażiċi tax-xogħol stabbiliti ***fl-Anness I, il-Parti A,*** jew inklużi ***fl-Anness I, il-Parti B,*** ma jkunux koperti mill-istandards imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) li r-referenzi tagħhom ikunu diġà ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ***u l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni jkunu rrifjutaw li jirrevedu jew jemendaw l-istandard rilevanti fi żmien debitu***;

Emenda 132

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-istandards imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) jitqiesu, għal raġunijiet oħrajn, bħala mhux suffiċjenti biex ikopru l-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri jew il-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi;	***imħassar***

Emenda 133

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) ikun hemm il-ħtieġa li jiġi rivedut jew emendat l-istandard imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri, jew biex ikun hemm allinjament mal-objettivi tal-Unjoni dwar is-sikurezza, l-ambjent, iċ-ċirkolarità u l-klima, u l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni jkunu rrifjutaw jew ma setgħux jirrevedu jew jemendaw l-istandard rilevanti fi żmien debitu;

Emenda 134

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-istandards imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) ma jkunux konformi mal-leġiżlazzjoni u l-ambizzjoni tal-UE dwar il-klima u l-ambjent;	***imħassar***

Emenda 135

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***ir-referenzi għall-istandards imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2)*** ma ***jkunux jistgħu jiġu ppubblikati*** fil-Ġurnal Uffiċjali ***għar-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 34(4) jew għal raġunijiet legali oħrajn***;	(f) ***ikun hemm il-ħtieġa li jiġi adattat standard jew parti minnu li jkun ġie adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni iżda li*** ma ***jkunx jista' jiġi ppubblikat*** fil-Ġurnal Uffiċjali ***f'konformità mal-Artikolu 6a(8)***;

Emenda 136

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ir-referenzi għall-istandards imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) ikunu ġew irtirati mill-Ġurnal Uffiċjali jew ikunu ġew ippubblikati b'restrizzjoni.	***imħassar***

Emenda 137

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri u jiġu segwiti l-għanijiet ambjentali, tas-sikurezza u tal-armonizzazzjoni tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, billi*** tiddetermina**,** għal familji u kategoriji ta' prodotti ***partikolari, dan li ġej***:	4. ***Filwaqt li għandha tingħata prijorità lill-elaborazzjoni tal-istandards, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 li jissupplimentaw dan ir-Regolament*** sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet regolatorji ***urġenti*** tal-Istati Membri u jiġu segwiti l-għanijiet ambjentali, tas-sikurezza u tal-armonizzazzjoni tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. ***F'każ bħal dan, il-Kummissjoni tista'*** tiddetermina ***dawn li ġejjin*** għal familji u kategoriji ta' prodotti ***speċifiċi***:

Emenda 138

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Qabel ma tħejji att delegat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li hija tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 u 4 huma ssodisfati.

Emenda 139

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Meta tħejji l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni u lill-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati Ewropej rilevanti li jirċievu finanzjament mill-Unjoni fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Emenda 140

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. Meta standard armonizzat jiġi adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u jsir obbligatorju permezz ta' att delegat imsemmi fl-Artikolu 6a(9), il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-atti delegati msemmija fil-paragrafi 3 jew 4 ta' dan l-Artikolu, jew dawk il-partijiet minnhom li jkopru l-istess rekwiżiti.

Emenda 141

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ***temenda l-Parti A tal-Anness I permezz ta'*** atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 sabiex tadattaha ***għall-progress*** tekniku u biex tkopri riskji ***ġodda*** u aspetti ambjentali.	5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ***tadotta*** atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 ***bil-għan li temenda l-Anness I, il-Parti A, biex jikkonforma mal-prijoritajiet tal-istandardizzazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 93a(2),*** sabiex tadattah ***biex jirrifletti l-progress*** tekniku u biex tkopri riskji u aspetti ambjentali ***ġodda***.

Emenda 142

Proposta għal regolament

Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a ***Rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prodott*** ***Il-prodotti għall-bini kollha koperti minn dan ir-Regolament għandhom, qabel ma jitqiegħdu fis-suq, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prodott stabbiliti fl-Annes I, il-Parti C3.*** ***Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prodott stabbiliti fl-Anness I, il-Parti C3, jistgħu jiġu speċifikati għall-familja jew il-kategorija ta' prodotti rispettivi permezz ta' atti delegati adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 87 jew permezz ta' standards wara talba għall-istandardizzazzjoni magħmula mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 4(2).*** ***Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prodott stabbiliti fl-Anness I, il-Parti C3, għandhom jiġu pprovduti għall-prodotti għall-bini kollha fuq l-imballaġġ tal-prodott jew mehmuża skont l-Artikolu 21(5). Għall-prodotti għall-bini koperti minn speċifikazzjoni teknika armonizzata, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għandhom ikunu disponibbli permezz tal-passaport diġitali tal-prodotti.***

Emenda 143

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-prodotti kollha koperti minn*** dan ir-Regolament ***għandhom, qabel it-tqegħid tagħhom fis-suq jew l-installazzjoni diretta tagħhom, jissodisfaw ir-rekwiżiti ġeneriċi u direttament applikabbli tal-prodotti stabbiliti fil-Parti D tal-Anness I u r-rekwiżiti tal-prodotti stipulati fil-Partijiet B u Ċ tal-Anness I kif speċifikati*** għall-familja jew il-kategorija ta' prodotti ***rispettiva f'konformità mal-paragrafu 2. Ir-rekwiżiti tal-prodott stipulati fil-Partijiet B u Ċ tal-Anness I huma applikabbli biss meta jkunu ġew speċifikati f'konformità mal-paragrafu 2.***	1. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 biex tissupplimenta*** dan ir-Regolament***, billi tispeċifika,*** għall-familja jew il-kategorija ta' prodotti***, ir-rekwiżiti tal-prodotti stipulati fl-Anness I, il-Parti C1 u C2***.

Emenda 144

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Qabel ma jitqiegħdu fis-suq, il-prodotti għall-bini koperti minn dan ir-Regolament għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-prodott speċifikati f'tali atti delegati.

Emenda 145

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Sabiex jiġu speċifikati r-rekwiżiti*** tal-prodott stabbiliti ***fil-Partijiet B, Ċ u D tal-Anness I***, il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, billi tispeċifika***, għal familji u kategoriji ta' prodotti partikolari, dawn ir-rekwiżiti tal-prodott u ***billi*** tistabbilixxi l-metodi ta' valutazzjoni korrispondenti. Ladarba l-Kummissjoni tkun speċifikat dawn ir-rekwiżiti tal-prodott permezz ta' atti delegati, hija ***tista'*** toħroġ talbiet għall-istandardizzazzjoni li jkollhom l-għan li jelaboraw standards armonizzati ***volontarji*** li jipprovdu preżunzjoni ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti obbligatorji tal-prodott ***kif speċifikat minn dawn l-atti delegati***.	2. ***Meta tispeċifika r-rekwiżiti*** tal-prodott stabbiliti ***fl-Anness I, il-Partijiet C1 u C2 f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***, il-Kummissjoni ***tista' tiddefinixxi***, għal familji u kategoriji ta' prodotti partikolari, ***liema minn*** dawn ir-rekwiżiti tal-prodott ***għandhom japplikaw għal dik il-familja jew kategorija ta' prodotti*** u tistabbilixxi l-metodi ta' valutazzjoni korrispondenti. Ladarba l-Kummissjoni tkun speċifikat dawn ir-rekwiżiti tal-prodott permezz ta' atti delegati, hija ***għandha*** toħroġ talbiet għall-istandardizzazzjoni li jkollhom l-għan li jelaboraw standards armonizzati li jipprovdu preżunzjoni ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti obbligatorji tal-prodott. ***F'każ li ma jkun hemm l-ebda standard armonizzat, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida ċari għall-manifatturi dwar kif juru l-konformità mar-rekwiżiti tal-prodott.***

Emenda 146

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ***temenda l-Partijiet B, Ċ u D tal-Anness I permezz ta'*** atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 sabiex tadattahom għall-progress tekniku u***, b'mod partikolari,*** biex tkopri riskji ***ġodda*** u aspetti ambjentali.	3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ***tadotta*** atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 ***bil-għan li temenda l-Anness I, il-Parti B, C u D, biex jikkonformaw mal-prijoritajiet tal-istandardizzazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 93a(2),*** sabiex tadattahom għall-progress tekniku u biex tkopri riskji u aspetti ambjentali ***ġodda***.

Emenda 147

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sistemi ta' valutazzjoni u verifika ***u l-modalitajiet speċifiċi għall-prodott tagħhom***	Sistemi ta' valutazzjoni u verifika

Emenda 148

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex jiġi applikat approċċ imfassal apposta u jiġi minimizzat il-piż potenzjali fuq il-manifatturi, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-ambjent, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, billi tiddetermina għal kull familja jew kategorija ta' prodotti ***s-sistema*** ta' valutazzjoni u verifika applikabbli fost dawk stabbiliti fl-Anness V. Hija tista' wkoll tiddetermina sistemi differenti ta' valutazzjoni u verifika għall-istess familja jew kategorija ta' prodotti meta tiddifferenzja skont il-karatteristika essenzjali jew ir-rekwiżit tal-prodott.	1. Sabiex jiġi applikat approċċ imfassal apposta u jiġi minimizzat il-piż potenzjali fuq il-manifatturi, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-ambjent, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, billi tiddetermina għal kull familja jew kategorija ta' prodotti ***liema mis-sistemi*** ta' valutazzjoni u verifika applikabbli fost dawk stabbiliti fl-Anness V ***għandhom jintużaw***. Hija tista' wkoll tiddetermina sistemi differenti ta' valutazzjoni u verifika għall-istess familja jew kategorija ta' prodotti meta tiddifferenzja skont il-karatteristika essenzjali jew ir-rekwiżit tal-prodott.

Emenda 149

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Is-sistemi ta' valutazzjoni u verifika għandhom jiġu ddeterminati flimkien ma' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati skont l-użu maħsub u abbażi ta' kriterji ċari, li jinftiehmu u trasparenti. Għandhom jitqiesu l-ħsara potenzjali li tirriżulta minn defiċjenzi tal-prodott, il-bidla fil-prestazzjoni fil-każ ta' devjazzjoni żgħira fil-kondizzjonijiet tal-produzzjoni, is-suxxettibbiltà għall-iżbalji fil-proċess tal-manifattura u l-kwistjoni ta' kemm jistgħu jiġu rikonoxxuti faċilment l-iżbalji tal-manifattura.

Emenda 150

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sabiex tiġi ffaċilitata u armonizzata l-applikazzjoni tar-rekwiżiti jew tal-obbligi li jinsabu fl-Anness V, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, billi tispeċifika dawn ir-rekwiżiti u l-obbligi għal familja jew kategorija ta' prodotti partikolari.	2. Sabiex tiġi ffaċilitata u armonizzata l-applikazzjoni tar-rekwiżiti jew tal-obbligi li jinsabu fl-Anness V, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, billi tispeċifika dawn ir-rekwiżiti ***ta' valutazzjoni u verifika*** u l-obbligi għal familja jew kategorija ta' prodotti partikolari.

Emenda 151

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sabiex jiġu miġġielda n-nuqqasijiet ta' konformità sistematiċi ta' korpi notifikati jew manifatturi jew fid-dawl tal-adattament għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda dan ir-Regolament, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, billi tintroduċi passi addizzjonali ta' valutazzjoni jew verifika fis-sistemi tal-Anness V.	***imħassar***

Emenda 152

Proposta għal regolament

Artikolu 6 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	L-istandards tal-prodotti għall-bini
	1. L-istandards tal-prodotti għall-bini għandhom jiġu stabbiliti mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni abbażi ta' talba għall-istandardizzazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni.
	2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw sett ċar u stabbli ta' regoli għall-proċess tal-istandardizzazzjoni kollu inklużi r-rwoli, ir-responsabbiltajiet, il-kompetenzi u l-iskadenzi proċedurali ġenerali għall-partijiet ikkonċernati involuti kollha kif ukoll il-mudelli li għandhom jintużaw.
	Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 88(1).

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. Fuq talba ta' organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni, il-Kummissjoni tista' tipprovdi appoġġ amministrattiv fl-istabbiliment ta' diviżjoni legali interna fi ħdan l-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni bil-kompitu tal-qari tal-provi legali tal-istandards u tiżgura l-koerenza u n-nuqqas ta' difetti legali tal-istandards;
	4. L-istandards tal-prodotti għall-bini stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) għandhom ikunu ta' applikazzjoni obbligatorja għall-finijiet ta' dan ir-Regolament minn 12-il xahar wara l-pubblikazzjoni tal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu. Dawn jistgħu jiġu applikati b'mod volontarju fuq talba tal-manifattur mid-data ta' dik il-pubblikazzjoni. Huma għandhom jipprovdu l-metodi u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali tagħhom. Dawk l-istandards għandhom, fejn xieraq u mingħajr ma jipperikolaw l-akkuratezza, l-affidabbiltà jew l-istabbiltà tar-riżultati, jipprovdu metodi li jkunu inqas oneruži mill-ittestjar għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali, il-klassijiet, il-livelli ta' limitu jew ir-rekwiżiti tal-prodott tagħhom.
	5. L-istandards tal-prodotti għall-bini żviluppati skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 5(2) jew it-tielet sentenza tal-Artikolu 22(4) għandhom ikunu volontarji. Prodotti li jkunu konformi mal-istandards volontarji adottati f'konformità mal-Artikolu 5(2), jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness I, il-Partijiet C1 u C2, kif speċifikat għall-familja jew għall-kategorija ta' prodotti rispettiva minn speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati adottati f'konformità mat-tieni sentenza tal-Artikolu 5(2), sal-punt li dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti minn tali standards volontarji u li tali kopertura tkun ġiet iddikjarata b'mod preċiż fl-istandard armonizzat rispettiv. Il-manifatturi li jikkonformaw mal-istandards volontarji adottati f'konformità mal-Artikolu 22(2), jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu preżunti li huma konformi mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 22(2), sal-punt li dawk l-obbligi jkunu koperti minn tali standards u li tali kopertura tkun ġiet iddikjarata b'mod preċiż fl-istandard rispettiv.
	6. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr eċċezzjoni, tivvaluta l-konformità tal-istandards tal-prodotti għall-bini stabbiliti mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni mat-talbiet rilevanti għall-istandardizzazzjoni, ma' dan ir-Regolament u ma' atti oħra tal-Unjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha twettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fi żmien sitt xhur wara li l-istandard ikun intbagħtilha. Sabiex il-Kummissjoni tissodisfa dan l-obbligu f'dak il-perjodu ta' żmien, l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni għandhom jinfurmaw regolarment lill-Kummissjoni dwar il-progress u l-kontenut tal-istrument tal-istandardizzazzjoni skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. ***7. Il-Kummissjoni għandha, meta possibbli, tipparteċipa fl-inkjesti informali u formali tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni li jiżviluppaw l-istrumenti tal-istandardizzazzjoni Ewropea mitluba, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-konformità tal-istrumenti tal-istandardizzazzjoni ma' dan ir-Regolament u ma' atti oħra tal-Unjoni.*** ***8. Meta l-Kummissjoni tqis li standard jew parti minnu ma jkunux sodisfaċenti u konsegwentement tiddeċiedi li ma tużahx f'att delegat adottat skont il-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tippreżenta r-raġunijiet tagħha bil-miktub lill-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni, filwaqt li tistabbilixxi liema korrezzjonijiet huma meħtieġa fi żmien sitt xhur wara li jkun ġie trażmess l-abbozz għal standard. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni tista' tagħti mandat lill-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni biex tikkoreġi l-istandard jew f'konformità mal-Artikolu 4(3), l-ittra f, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament b'atti delegati billi timmodifika l-istandards rispettivi jew parti minnhom.*** ***9. Meta tqis li standard prodott skont talba li tkun saret f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) jissodisfa bis-sħiħ ir-rekwiżiti ta' tali talba għall-istandardizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 87 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tuża dak l-istandard.*** ***10. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien 90 jum wara valutazzjoni pożittiva, tippubblika, jew tippubblika b'xi restrizzjonijiet, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea l-lista ta' referenzi ta' standards tal-prodotti għall-bini konformi volontarji u aċċettati li jkunu saru disponibbli bi prezz affordabbli.***

Emenda 153

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iż-żona armonizzata għandha tkun preżunta li hija komprensiva, li tkopri r-rekwiżiti ***potenzjali*** kollha għall-prodotti***, għajr dawk koperti minn dritt tal-Unjoni ieħor***.	1. Iż-żona armonizzata għandha tkun preżunta li hija komprensiva, li tkopri r-rekwiżiti ***eżistenti u futuri legali*** kollha għall-prodotti ***għall-bini***.

Emenda 154

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal offerti pubbliċi jew attribuzzjonijiet diretti tal-kuntratti fejn dawk l-offerti pubbliċi jew l-attribuzzjonijiet diretti jiġu eżegwiti taħt kontroll dirett jew indirett tal-entitajiet pubbliċi jew jiġu eżegwiti b'referenza għad-dispożizzjonijiet pubbliċi dwar l-offerti pubbliċi jew l-attribuzzjoni diretta tal-kuntratti. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal għotjiet jew għal inċentivi pożittivi oħrajn, bl-eċċezzjoni ta' inċentivi fiskali. Madankollu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jistgħu jippermettu jew jirrakkomandaw lill-Istati Membri jorbtu d-deċiżjonijiet dwar l-attribuzzjoni tal-offerti pubbliċi, tal-kuntratti jew tal-għotjiet jew ta' inċentivi pożittivi oħrajn għal subklassijiet jew klassijiet addizzjonali għajr dawk stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 4(4) fejn dawn għadhom relatati mal-prestazzjonijiet ambjentali vvalutati f'konformità ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.	***imħassar***

Emenda 155

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni l-karatteristiċi essenzjali li jeħtieġu għal kull familja jew kategorija ta' prodotti, ir-rekwiżiti tal-prodotti rispettivi u l-metodi ta' valutazzjoni li japplikaw. ***Huma għandhom jirreferu għal dawn il-karatteristiċi, ir-rekwiżiti u l-metodi ta' valutazzjoni essenzjali b'mod proattiv fil-fora kollha u fl-okkażjonijiet kollha rilevanti għall-elaborazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati. Il-fora li jelaboraw speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati*** għandhom ***jieħdu nota ta' dawn il-karatteristiċi, ir-rekwiżiti*** u ***l-metodi ta' valutazzjoni essenzjali. Il-karatteristiċi essenzjali għandhom ikunu koperti minn speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati sa fejn ikun possibbli.***	3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni l-karatteristiċi essenzjali li jeħtieġu għal kull familja jew kategorija ta' prodotti, ir-rekwiżiti tal-prodotti rispettivi u l-metodi ta' valutazzjoni li japplikaw. ***Sabiex jiffaċilitaw din il-komunikazzjoni, l-Istati Membri*** għandhom ***jirreġistraw fil-Gateway Diġitali Unika, il-miżuri regolatorji*** u ***amministrattivi nazzjonali kollha tagħhom li jinfluwenzaw direttament jew indirettament l-użabbiltà tal-prodotti għall-bini fit-territorju tagħhom***.

Emenda 156

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn Stat Membru jqis li jkun meħtieġ, għal raġunijiet imperattivi ta' saħħa, sikurezza jew ***ħarsien*** tal-ambjent, inkluża l-klima, li jiġu stabbiliti rekwiżiti b'regolament jew li jittieħdu miżuri amministrattivi b'deroga mill-paragrafu 2, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan, filwaqt li jiġġustifika l-ħtieġa għall-obbligi proċedurali stabbiliti u jispjega l-ħtieġa regolatorja li għandu l-għan li jindirizza u jipprovdi evidenza kemm għall-eżistenza tal-ħtieġa regolatorja, kif ukoll għan-nuqqas ta' kopertura miż-żona armonizzata u minn dritt tal-Unjoni ieħor. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw il-proċedura ta' notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535, ***fejn*** applikabbli.	4. Fejn Stat Membru jqis li jkun meħtieġ, ***inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza,*** għal raġunijiet imperattivi ta' saħħa, sikurezza jew ***il-ħarsien ta' persuni kif ukoll il-ħarsien*** tal-ambjent, inkluża l-klima, li jiġu stabbiliti rekwiżiti b'regolament***,*** jew li jittieħdu miżuri amministrattivi b'deroga mill-paragrafu 2, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan, filwaqt li jiġġustifika l-ħtieġa għall-obbligi proċedurali stabbiliti u jispjega l-ħtieġa regolatorja li għandu l-għan li jindirizza u jipprovdi evidenza kemm għall-eżistenza tal-ħtieġa regolatorja, kif ukoll għan-nuqqas ta' kopertura miż-żona armonizzata u minn dritt tal-Unjoni ieħor. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw il-proċedura ta' notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535, ***meta*** applikabbli.

Emenda 157

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni***, tawtorizza l-miżura nazzjonali notifikata taħt il-paragrafu 4 fejn:	Il-Kummissjoni għandha ***tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 li jissupplimentaw dan ir-Regolament***, ***billi*** tawtorizza l-miżura nazzjonali notifikata taħt il-paragrafu 4 ***ta' dan l-Artikolu*** fejn:

Emenda 158

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) hija taċċerta li r-regolament jew il-miżura amministrattiva ***tidher*** debitament ġustifikata fid-dawl tar-raġunijiet imperattivi ta' saħħa, sikurezza jew ħarsien tal-ambjent imsemmija fil-paragrafu 4;	(a) hija taċċerta li r-regolament jew il-miżura amministrattiva ***hija*** debitament ġustifikata fid-dawl tar-raġunijiet imperattivi ta' saħħa, sikurezza jew ħarsien tal-ambjent imsemmija fil-paragrafu 4;

Emenda 159

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88(2).	***imħassar***

Emenda 160

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati mas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew mal-ħarsien tal-ambjent, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 88(3).	***imħassar***

Emenda 161

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw ir-regolamentazzjoni nazzjonali kollha tagħhom, u l-miżuri amministrattivi li jinfluwenzaw direttament jew indirettament l-użabbiltà tal-prodotti fit-territorju tagħhom, fil-Gateway Diġitali Unika.	***imħassar***

Emenda 162

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Dan ir-Regolament ma jfixkilx lill-Istati Membri milli jintroduċu sistemi obbligatorji ta' rifużjoni tad-depożiti, milli jobbligaw lill-manifatturi jieħdu lura prodotti użati jew mhux użati direttament jew permezz tal-importaturi u d-distributuri tagħhom u milli jistabbilixxu obbligi rigward il-ġbir u t-trattament ta' prodotti għall-iskart, diment li jiġu rrispettati dawn kollha li ġejjin:	7. Dan ir-Regolament ma jfixkilx lill-Istati Membri milli jintroduċu sistemi obbligatorji ta' rifużjoni tad-depożiti, milli jobbligaw lill-manifatturi jieħdu lura prodotti ***li ma jkunux magħmula skont l-ordni*** użati jew mhux użati direttament jew permezz tal-importaturi u d-distributuri tagħhom u milli jistabbilixxu obbligi rigward il-ġbir u t-trattament ta' prodotti għall-iskart, diment li jiġu rrispettati dawn kollha li ġejjin:

Emenda 163

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu l-qerda ta' prodotti meħuda lura f'konformità ***mal-punt (j) tal-Artikolu*** 22(2) u mal-Artikolu 26 jew jagħmlu l-qerda ta' dawn il-prodotti dipendenti fuq it-tqegħid għad-dispożizzjoni minn qabel tagħhom fuq pjattaforma nazzjonali ta' senserija għall-użu mhux kummerċjali tal-prodotti.	8. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu l-qerda ta' prodotti ***żejda u mhux mibjugħa u prodotti*** meħuda lura f'konformità ***mal-Artikolu*** 22(2)***, il-punt (j)*** u mal-Artikolu 26 jew jagħmlu l-qerda ta' dawn il-prodotti dipendenti fuq it-tqegħid għad-dispożizzjoni minn qabel tagħhom fuq pjattaforma nazzjonali ta' senserija għall-użu mhux kummerċjali tal-prodotti.

Emenda 164

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi evitata valutazzjoni doppja tal-prodotti, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament b'atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 87 billi tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom l-issodisfar tal-obbligi skont dritt tal-Unjoni ieħor jissodisfa wkoll ċerti obbligi skont dan ir-Regolament***, *fejn altrimenti l-istess aspett tas-saħħa, tas-sikurezza jew tal-ħarsien tal-ambjent jiġi vvalutat b'mod parallel skont dan ir-Regolament u skont dritt tal-Unjoni ieħor***.	Sabiex tiġi evitata valutazzjoni doppja ***tal-istess aspetti*** tal-prodotti ***li jkunu relatati mas-saħħa, mas-sikurezza jew mal-ħarsien tal-ambjent***, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament b'atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 87 billi tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom l-issodisfar tal-obbligi skont dritt tal-Unjoni ieħor jissodisfa wkoll ċerti obbligi skont dan ir-Regolament.

Emenda 165

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jirriżultaw kunflitti bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2019/2020, ir-Regolament (UE) 1025/2012, ir-Regolament 765/2008/KE, id-Direttiva 2001/95/KE, id-Direttiva (UE) 2019/1937, u [XXX] (ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli), dan ir-Regolament għandu jingħata preċedenza.

Emenda 166

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta prodott ***ikun*** kopert minn speċifikazzjoni teknika armonizzata adottata f'konformità mal-Artikolu 4(2) jew ***(3),*** il-manifattur għandu jgħaddi mis-sistema ta' valutazzjoni u verifika applikabbli stabbilita fl-Anness V u jfassal dikjarazzjoni tal-prestazzjoni qabel ma tali prodott jitqiegħed fis-suq. Manifattur ta' prodott li ma jkun kopert minn ebda speċifikazzjoni teknika armonizzata jista' joħroġ dikjarazzjoni tal-prestazzjoni f'konformità mad-dokument Ewropew ta' valutazzjoni rilevanti u mal-valutazzjoni teknika Ewropea.	1. Meta prodott ***għall-bini jkun*** kopert minn speċifikazzjoni teknika armonizzata adottata f'konformità mal-Artikolu 4(2)***, (3)*** jew ***(4)*** il-manifattur għandu jgħaddi mis-sistema ta' valutazzjoni u verifika applikabbli stabbilita fl-Anness V u jfassal dikjarazzjoni tal-prestazzjoni qabel ma tali prodott jitqiegħed fis-suq. Manifattur ta' prodott li ma jkun kopert minn ebda speċifikazzjoni teknika armonizzata jista' joħroġ dikjarazzjoni tal-prestazzjoni f'konformità mad-dokument Ewropew ta' valutazzjoni rilevanti u mal-valutazzjoni teknika Ewropea.

Emenda 167

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Billi*** jfassal id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni, il-manifattur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodott ma' tali prestazzjoni ddikjarata u jsir responsabbli f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġijiet nazzjonali dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali u ekstrakuntrattwali***, sahansitra meta ma jkunx aġixxa b'mod negliġenti***. Fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet oġġettivi għall-kuntrarju, l-Istati Membri għandhom jippreżumu li d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni mfassla mill-manifattur hija akkurata u affidabbli.	3. ***Meta*** jfassal id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni, il-manifattur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodott ma' tali prestazzjoni ddikjarata u jsir responsabbli f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġijiet nazzjonali dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali u ekstrakuntrattwali. Fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet oġġettivi għall-kuntrarju, l-Istati Membri għandhom jippreżumu li d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni mfassla mill-manifattur hija akkurata u affidabbli.

Emenda 168

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-prodott ikun***, għajr permezz ta' stampar 3D jew forom diġà eżistenti,*** manifatturat individwalment jew magħmul skont l-ordni fi proċess mhux f'serje b'reazzjoni għal ordni speċifika***, u installat f'xogħol ta' kostruzzjoni identifikat wieħed***, minn manifattur li jkun responsabbli wkoll għall-inkorporazzjoni sikura tal-prodott fix-xogħol ta' kostruzzjoni f'konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli, u taħt is-superviżjoni ta' dawk responsabbli għall-eżekuzzjoni sikura tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ddeżinjati skont ir-regoli nazzjonali applikabbli;	(a) il-prodott ikun manifatturat individwalment jew magħmul skont l-ordni fi proċess mhux f'serje b'reazzjoni għal ordni speċifika, minn manifattur li jkun responsabbli wkoll għall-inkorporazzjoni sikura tal-prodott fix-xogħol ta' kostruzzjoni f'konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli, u taħt is-superviżjoni ta' dawk responsabbli għall-eżekuzzjoni sikura tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ddeżinjati skont ir-regoli nazzjonali applikabbli;

Emenda 169

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-prodott ikun, għajr permezz ta' stampar 3D jew forom diġà eżistenti, manifatturat fuq is-sit tal-kostruzzjoni, fi proċess mhux f'serje għall-inkorporazzjoni tiegħu fix-xogħol ta' kostruzzjoni rispettiv f'konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli u taħt is-superviżjoni ta' dawk responsabbli għall-eżekuzzjoni sikura tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ddeżinjati skont ir-regoli nazzjonali applikabbli; jew	***imħassar***

Emenda 170

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stat Membru jista' jeżenta mill-Artikolu 9(1) partijiet ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni għajr prodotti li jitħejjew għall-użu mill-ġdid jew jiġu manifatturati mill-ġdid, sakemm il-parti ma tiċċirkolax barra mit-territorju ta' dak l-Istat Membru.	***imħassar***

Emenda 171

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għandha titfassal bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness II minħajr ***it-taqsima relatata mal-konformità. Id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għandha mill-inqas tkopri l-prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali obbligatorji elenkati fil-Punt 2 tal-Parti A tal-Anness I, il-karatteristiċi essenzjali obbligatorji bis-saħħa tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew tal-atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 4(3),*** u ***l-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali msemmija fl-Artikolu 22(1)***.	2. Id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għandha titfassal bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness II minħajr ***il-punti 12*** u ***13c tiegħu***.

Emenda 172

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-informazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 31 ***jew, skont il-każ, fl-Artikolu 33*** tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([45]) għandha tiġi pprovduta flimkien mad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni.	4. ***L-iskedi ta' data ta' sigurtà*** msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([45]) għandha tiġi pprovduta flimkien mad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni ***meta l-prodott għall-bini jiġi fornut lil utent industrijali jew professjonali***. ***L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandha tiġi pprovduta lill-konsumaturi flimkien mad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni.***
([45]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).	([45]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Emenda 173

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn ma jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni tal-prestazzjoni disponibbli għal prodott użat maħruġa mill-manifattur inizjali jew minn operatur ekonomiku ieħor skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) 305/2011, operatur ekonomiku jista' joħroġ dikjarazzjoni tal-prestazzjoni ġdida minflajr ma jgħaddi minn proċedura sħiħa f'konformità ma' dan ir-Regolament fejn jillimita l-użu maħsub għal ***"dekorazzjoni"***. ***Fejn*** l-operatur ekonomiku jkun uża din id-deroga, id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi ttikkettata bħala "dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għal prodott użat".	2. Fejn ma jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni tal-prestazzjoni disponibbli għal prodott użat maħruġa mill-manifattur inizjali jew minn operatur ekonomiku ieħor skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) 305/2011, operatur ekonomiku jista' joħroġ dikjarazzjoni tal-prestazzjoni ġdida minflajr ma jgħaddi minn proċedura sħiħa f'konformità ma' dan ir-Regolament fejn jillimita l-użu maħsub għal ***skopijiet dekorattivi***. ***Meta*** l-operatur ekonomiku jkun uża din id-deroga, id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi ttikkettata bħala "dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għal prodott użat ***għal skopijiet dekorattivi***".

Emenda 174

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu rekwiżiti għall-persuni responsabbli mit-tneħħija mill-installazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità ***mal-aħħar sentenza***, inkluż dwar id-definizzjoni tal-istress li jrendi l-prodott mhux adattat.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu rekwiżiti għall-persuni responsabbli mit-tneħħija mill-installazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità ***ma' dan il-paragrafu***, inkluż dwar id-definizzjoni tal-istress li jrendi l-prodott mhux adattat.

Emenda 175

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-paragrafi minn 1 sa 3 għandhom japplikaw ukoll għall-prodotti manifatturati mill-ġdid, jekk il-proċess trasformattiv***, fil-waqt li jmur lil hinn mit-tiswija, mit-tindif jew mill-manutenzjoni regolari jew mill-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid kif definit fl-Artikolu 3(16) tad-Direttiva 2008/98/KE wara li jkunu tneħħew mill-installazzjoni,*** ma jipperikolax il-***konformità ma' dan ir-Regolament jew il-***prestazzjoni tal-prodott b'rabta mal-karatteristiċi rilevanti ***minħabba li, bid-disinn tagħhom, il-proċess trasformattiv ma jistax jinfluwenza b'mod negattiv il-prestazzjoni u l-konformità jew minħabba li l-ispare part użata tkun ġiet ivvalutata bħala konformi u bi prestazzjoni ekwivalenti***. ***Fejn*** l-operatur ekonomiku jkun uża din id-deroga, id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi ttikkettata bħala "dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għal prodott manifatturat mill-ġdid".	4. Il-paragrafi minn 1 sa 3 għandhom japplikaw ukoll għall-prodotti manifatturati mill-ġdid, jekk il-proċess trasformattiv ma jipperikolax il-prestazzjoni tal-prodott b'rabta mal-karatteristiċi rilevanti. ***Meta*** l-operatur ekonomiku jkun uża din id-deroga, id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi ttikkettata bħala "dikjarazzjoni tal-prestazzjoni għal prodott manifatturat mill-ġdid".

Emenda 176

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafi minn 1 sa 4 għandhom japplikaw għal dawn kollha li ġejjin:	Il-paragrafi minn 1 sa 4 għandhom japplikaw ***ukoll*** għal dawn kollha li ġejjin:

Emenda 177

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Artikolu 21(2) ma għandux japplika għal prodotti li jaqgħu taħt id-derogi tal-paragrafi minn 1 sa 5. Madankollu, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni stabbilita ***fil-Parti D tal-Anness I***.	L-Artikolu 21(2) ma għandux japplika għal prodotti li jaqgħu taħt id-derogi tal-paragrafi minn 1 sa 5. Madankollu, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni stabbilita ***fl-Anness I, il-Parti C3***.

Emenda 178

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Dan l-artikolu ma għandux japplika għal prodotti użati, manifatturati mill-ġdid jew żejda li qatt ma tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni ***jew li qatt ma ġew installati fl-Unjoni***.	9. Dan l-artikolu ma għandux japplika għal prodotti użati, manifatturati mill-ġdid jew żejda li qatt ma tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.

Emenda 179

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jivverifika l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti tal-prodott ***tal-Partijiet B u Ċ tal-Anness I,*** sal-punt li dawn ikunu ġew speċifikati minn atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5(***2***), u mar-rekwiżiti ***tal-prodott tal-Parti D*** tal-Anness I;	(a) jivverifika l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti tal-prodott ***tal-Anness I, il-Partijiet C1 u C2*** sal-punt li dawn ikunu ġew speċifikati minn atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5(***1***), u mar-rekwiżiti ***ta' informazzjoni dwar il-prodott*** tal-Anness I***, il-Parti C3***;

Emenda 180

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Permezz tad-dikjarazzjoni tal-konformità, il-manifattur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti tal-prodott u jsir responsabbli f'konformità mal-liġijiet nazzjonali dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali u ekstrakuntrattwali***, u dan anki meta ma jkunx aġixxa b'mod negliġenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità jew nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' konformità, il-prodott ma jistax jitqiegħed għad-dispożizzjoni fis-suq***. Fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet oġġettivi għall-kuntrarju, l-Istati Membri għandhom jippreżumu li d-dikjarazzjoni tal-konformità mfassla mill-manifattur hija akkurata u affidabbli.	3. Permezz tad-dikjarazzjoni tal-konformità, il-manifattur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti tal-prodott u jsir responsabbli f'konformità mal-liġijiet nazzjonali dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali u ekstrakuntrattwali. Fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet oġġettivi għall-kuntrarju, l-Istati Membri għandhom jippreżumu li d-dikjarazzjoni tal-konformità mfassla mill-manifattur hija akkurata u affidabbli.

Emenda 181

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tesprimi l-konformità ta' prodott mar-rekwiżiti tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 5***(1)*** u ***(2)***.	1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tesprimi l-konformità ta' prodott mar-rekwiżiti tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 5 u ***mar-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prodott imsemmija fl-Artikolu 4a***.

Emenda 182

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-Artikolu 11(2) sa (4) u*** l-Artikolu 12 ***għandhom japplikaw*** fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' konformità.	3. L-Artikolu 12 ***għandu japplika*** fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' konformità.

Emenda 183

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-manifattur għandu jissodisfa l-obbligi ta' dan l-Artikolu ***mill-ewwel reviżjoni tad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni mwettqa mill-manifattur*** wara d-data tal-applikazzjoni ***ta' speċifikazzjoni*** teknika armonizzata***, għall-familja jew għall-kategorija ta' prodotti rispettiva, iżda mhux aktar tard minn tliet (3) snin wara dik id-data***.	4. Il-manifattur għandu jissodisfa l-obbligi ta' dan l-Artikolu ***minn 18-il xahar*** wara d-data tal-applikazzjoni ***tal-ispeċifikazzjoni*** teknika armonizzata ***rilevanti***.

Emenda 184

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta d-dikjarazzjoni tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi***, il-manifattur għandu joħroġ dik id-dikjarazzjoni*** f'format elettroniku li ***jista'*** jinqara ***b'mod komuni***, iżda li ma jkunx jista' jiġi emendat. ***Inkella,*** il-manifattur jista' juża permalink, diment li l-permalink u d-dokument aċċessibbli permezz tal-permalink ma jkunux jistgħu jiġu emendati. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 157/2014 ([46]) għandu japplika skont dan ir-Regolament.	***Id-dikjarazzjoni*** pprovduta b'mezzi elettroniċi ***għandha tinħareġ mill-manifattur*** f'format elettroniku li jinqara ***mill-magni***, iżda li ma jkunx jista' jiġi emendat. ***Il-Kummissjoni għandha toħroġ talbiet għall-istandardizzazzjoni li jkollhom l-għan li jfasslu formati standard għal dikjarazzjonijiet li jinqraw mill-magni għal kull speċifikazzjoni teknika armonizzata.*** ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn il-formati standard jiġu żviluppati skont kunċett uniformi. Bħala parti mill-format elettroniku li jinqara b'mod komuni,*** il-manifattur jista' juża permalink ***jew mezz ta' data*** diment li l-permalink ***jew il-mezz ta' data*** u d-dokument aċċessibbli permezz tal-permalink ***jew tal-mezz ta' data*** ma jkunux jistgħu jiġu emendati. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 157/2014 ([46]) għandu japplika skont dan ir-Regolament.
([46]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 157/2014 tat-30 ta' Ottubru 2013 dwar il-kundizzjonijiet biex titqiegħed għad-dispożizzjoni f'websajt dikjarazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' prodotti għall-bini; ĠU L 52, 21.2.2014, p. 1.	([46]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 157/2014 tat-30 ta' Ottubru 2013 dwar il-kundizzjonijiet biex titqiegħed għad-dispożizzjoni f'websajt dikjarazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' prodotti għall-bini (ĠU L 52, 21.2.2014, p. 1).

Emenda 185

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-dikjarazzjonijiet jista' jkun fihom permalinks għal dikjarazzjonijiet ta' prodotti ambjentali li ma jistgħux jiġu emendati jew għal dokumenti oħrajn li ma jistgħux jiġu emendati li jkun fihom l-informazzjoni mitluba jekk dawk id-dokumenti jsegwu l-ordni u l-istruttura tad-dikjarazzjonijiet jew jekk tiġi pprovduta tabella ta' korrelazzjoni li tgħaqqad l-ordni tad-dikjarazzjonijiet mal-ordni ta' dawn id-dokumenti flimkien mal-permalink.	***imħassar***

Emenda 186

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-markatura CE għandha titwaħħal ma' dawk il-prodotti li għalihom il-manifattur ikun fassal dikjarazzjoni tal-prestazzjoni jew tal-konformità f'konformità mal-Artikolu 9 u mal-Artikoli minn 11 sa 14. Il-markatura CE għandha titwaħħal mal-partijiet ewlenin. ***Il-markatura CE ma tistax titwaħħal ma' partijiet li ma humiex partijiet ewlenin.***	2. Il-markatura CE għandha titwaħħal ma' dawk il-prodotti li għalihom il-manifattur ikun fassal dikjarazzjoni tal-prestazzjoni jew***, meta applikabbli, dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u*** tal-konformità f'konformità mal-Artikolu 9 u mal-Artikoli minn 11 sa 14. Il-markatura CE għandha titwaħħal mal-partijiet ewlenin.

Emenda 187

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ma għandhom jintroduċu l-ebda referenza jew għandhom jirtiraw kwalunkwe referenza f'miżuri nazzjonali għal marka li tattesta l-konformità mar-rekwiżiti jew ***il-prestazzjoni ddikjarata b'rabta*** mal-karatteristiċi essenzjali ***koperti miż-żona armonizzata***.	L-Istati Membri ma għandhom jintroduċu l-ebda referenza jew għandhom jirtiraw kwalunkwe referenza f'miżuri nazzjonali għal marka li tattesta l-konformità mar-rekwiżiti jew mal-karatteristiċi essenzjali ***diment li ma tkunx ġiet stabbilita bażi għal tali referenza f'konformità mal-Artikolu 7(5)***.

Emenda 188

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Stat Membru ma għandux jipprojbixxi jew jimpedixxi, fit-territorju tiegħu jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu, it-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq jew l-użu ta' prodotti li jkollhom il-markatura CE, meta l-prestazzjonijiet iddikjarati jkunu ***jikkorrespondu*** għar-rekwiżiti għal tali użu f'dak l-Istat Membru.	Stat Membru ma għandux jipprojbixxi jew jimpedixxi, fit-territorju tiegħu jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu, it-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq jew l-użu ta' prodotti li jkollhom il-markatura CE, meta l-prestazzjonijiet iddikjarati jkunu ***jikkorrispondu*** għar-rekwiżiti għal tali użu f'dak l-Istat Membru. ***Dawk ir-rekwiżiti biss li jkunu koperti miż-żona armonizzata għandhom jiġu kkunsidrati minn dak l-Istat Membru.***

Emenda 189

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Stat Membru ma għandux jipprojbixxi jew jimpedixxi, fit-territorju tiegħu jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu, it-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq jew l-użu ta' prodotti li jkollhom il-markatura CE, meta ***l-prodott*** ikun konformi mar-rekwiżiti tal-prodott stabbiliti f'dan ir-Regolament jew permezz tiegħu, sakemm ma jkunx speċifikat fl-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata rispettiva li r-rekwiżiti rispettivi jikkostitwixxu biss rekwiżiti minimi.	Stat Membru ma għandux jipprojbixxi jew jimpedixxi, fit-territorju tiegħu jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu, it-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq jew l-użu ta' prodotti li jkollhom il-markatura CE, meta ***l-prestazzjonijiet iddikjarati jikkorrispondu mar-rekwiżiti f'dak l-Istat Membru jew il-prodott*** ikun konformi mar-rekwiżiti tal-prodott stabbiliti f'dan ir-Regolament jew permezz tiegħu, sakemm ma jkunx speċifikat fl-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata rispettiva li r-rekwiżiti rispettivi jikkostitwixxu biss rekwiżiti minimi.

Emenda 190

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku tat-tip ta' prodott, il-permalink għar-reġistrazzjoni(jiet) tal-prodotti tal-manifattur fil-bażijiet tad-data tal-Unjoni ***u l-post preċiż fihom fejn jista' jinstab il-prodott***;	(d) il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku tat-tip ta' prodott, il-permalink ***jew il-mezz ta' data*** għar-reġistrazzjoni(jiet) tal-prodotti tal-manifattur fil-bażijiet tad-data tal-Unjoni ***jew fuq is-sit web tal-manifattur***;

Emenda 191

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-permalink għas-sit web tal-preżentazzjoni tal-prodott tal-manifattur stess, jekk ikun hemm;	***imħassar***

Emenda 192

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat, jekk applikabbli.	***imħassar***

Emenda 193

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-oġġetti elenkati fil-punti minn d) sa f) jistgħu jiġu sostitwiti b'permalink għad-dikjarazzjoni kkombinata tal-prestazzjoni u tal-konformità (markatura CE elettronika).	L-oġġetti elenkati fil-punti minn d) sa f) jistgħu jiġu sostitwiti b'permalink ***jew b'mezz ta' data*** għad-dikjarazzjoni kkombinata tal-prestazzjoni u tal-konformità (markatura CE elettronika).

Emenda 194

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-markatura CE għandha titwaħħal qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq ***jew jiġi installat direttament f'xogħol ta' kostruzzjoni***. Sussegwentement, hija tista' tiġi segwita minn pittogramma jew kwalunkwe marka oħra li tindika riskju jew użu speċjali.	3. Il-markatura CE għandha titwaħħal qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq. Sussegwentement, hija tista' tiġi segwita minn pittogramma jew kwalunkwe marka oħra li tindika riskju jew użu speċjali.

Emenda 195

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Marki oħrajn għajr il-markatura CE, inklużi dawk privati, jistgħu jitwaħħlu fuq prodott biss jekk ma ***jkoprux*** jew ma ***jirreferux għal speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew għal rekwiżiti tal-prodotti jew karatteristiċi essenzjali jew metodi ta' valutazzjoni inklużi fiż-żona armonizzata***.	Marki oħrajn għajr il-markatura CE, inklużi dawk privati, jistgħu jitwaħħlu fuq prodott biss jekk ma ***jkunux ifissru biss konformità tal-prodott mal-prestazzjoni ddikjarata*** jew ***mar-rekwiżiti tal-prodott stabbiliti f'dan ir-Regolament u jekk dawk ir-rekwiżiti*** ma ***jkunux obbligatorji għall-kummerċjalizzazzjoni jew għall-użu ta' prodott. Dawn ir-restrizzjonijiet ma japplikawx għall-Ekotiketta tal-UE u ekotikketti oħra tat-Tip 1 (ISO 14024) rikonoxxuti uffiċjalment***.

Emenda 196

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ebda marka oħra minbarra l-***marka*** stabbilita mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ***ma*** tista' titwaħħal fuq prodott ***f'distanza iżgħar mit-tul doppju tal-markatura CE mkejla minn kwalunkwe punt*** tal-markatura CE ***u l-markatura l-oħra stabbilita mid-dritt tal-Unjoni***.	***Marki*** oħra minbarra l-***marki stabbiliti*** mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tista' titwaħħal fuq prodott***, diment li dawk il-marki ma jfixklux il-viżibbiltà, il-leġġibbiltà u t-tifsira*** tal-markatura CE.

Emenda 197

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Operatur ekonomiku għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura konformità kontinwa***, inkluż tal-prodotti,*** ma' dan ir-Regolament. Fejn ikun ġie ddikjarat nuqqas ta' konformità tal-operatur ekonomiku jew ta' prodott u tkun intalbet azzjoni korrettiva minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq f'konformità mal-Artikolu 70(1), l-operatur ekonomiku għandu jissottometti rapporti tal-progress lil dik l-awtorità, ***sakemm*** dik l-awtorità tiddeċiedi li l-azzjoni korrettiva tista' tingħalaq.	1. Operatur ekonomiku għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura konformità kontinwa ma' dan ir-Regolament. Fejn ikun ġie ddikjarat nuqqas ta' konformità tal-operatur ekonomiku jew ta' prodott u tkun intalbet azzjoni korrettiva minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq f'konformità mal-Artikolu 70(1), l-operatur ekonomiku għandu jissottometti rapporti tal-progress lil dik l-awtorità, ***sa ma*** dik l-awtorità tiddeċiedi li l-azzjoni korrettiva tista' tingħalaq.

Emenda 198

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn dikjarazzjonijiet diverġenti ta' nuqqas ta' konformità ta' operatur ekonomiku jew ta' prodott u talbiet għal azzjoni korrettiva joħorġu minn awtoritajiet ta' Stati Membri differenti, operatur ekonomiku għandu jieħu miżuri differenzjati, soġġett għal fejn il-prodotti jkunu maħsuba li jsiru disponibbli fis-suq jew jiġu installati direttament. Fejn dan ma jkunx possibbli jew fejn miżura aktar severa imposta minn Stat Membru wieħed tinkludi l-miżura inqas severa imposta minn ieħor, għandha tittieħed l-aktar miżura severa. Fejn dawn ir-regoli ma jwasslux għal riżultat ċar, l-Istati Membri kkonċernati u l-Kummissjoni, u, fuq talba tagħhom, Stati Membri oħrajn għandhom jipprovaw isibu soluzzjoni komuni u, jekk ikun meħtieġ, jadottaw att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 33.	***imħassar***

Emenda 199

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Operatur ekonomiku għandu, fuq talba ***ta' awtorità***, jikkomunika ***ma'*** kwalunkwe operatur ekonomiku jew attur ieħor ***għal dik l-awtorità***:	Operatur ekonomiku għandu, fuq talba ***tal-awtorità kompetenti***, jikkomunika ***lil dik l-awtorità dwar*** kwalunkwe operatur ekonomiku jew attur ieħor:

Emenda 200

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li huwa involut f'servizzi finanzjarji u servizzi ta' kollateral oħrajn marbuta mat-tqegħid għad-dispożizzjoni jew l-installazzjoni diretta ta' prodotti.	***imħassar***

Emenda 201

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jidentifika l-operaturi msemmija fl-ewwel subparagrafu, operatur ekonomiku għandu jinforma lill-awtorità dwar ***id-data konnessa kollha, inklużi***:	Meta jidentifika l-operaturi msemmija fl-ewwel subparagrafu, operatur ekonomiku għandu jinforma lill-awtorità dwar ***dan li ġej***:

Emenda 202

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-indirizzi tal-operaturi msemmija fl-ewwel subparagrafu;	***imħassar***

Emenda 203

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) id-dettalji ta' kuntatt ***ta' dawn l-operaturi***;	(ii) id-dettalji ta' kuntatt***, inklużi l-indirizzi, l-indirizzi tal-posta elettronika u s-siti web tal-operaturi msemmija fl-ewwel subparagrafu***;

Emenda 204

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-indirizzi tal-posta elettronika, is-siti web u l-profili tal-media soċjali ta' dawn l-operaturi;	***imħassar***

Emenda 205

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) il-kontijiet bankarji ta' dawn l-operaturi; u	***imħassar***

Emenda 206

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) l-ismijiet, l-indirizzi, id-dettalji ta' kuntatt tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jaġixxu għal dawk l-operaturi.	(vi) l-ismijiet, l-indirizzi, id-dettalji ta' kuntatt tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jaġixxu għal dawk l-operaturi***, jekk rilevanti, u, fi kwalunkwe każ, f'konformità mal-[GDPR]***.

Emenda 207

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Operatur ekonomiku għandu jkun jista' jippreżenta d-dokumentazzjoni ***u l-informazzjoni*** kollha msemmija f'dan il-Kapitolu lill-awtoritajiet għal perjodu ta' għaxar snin wara li ***kienu*** l-aħħar fil-pussess ***jew li kienu qed jittrattaw*** il-prodott inkwistjoni***, sakemm ma jkunux disponibbli b'mod permanenti permezz tal-bażi tad-data jew tas-sistema tar-reġistrazzjoni tal-prodotti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 78***. Huwa għandu jippreżenta d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni fi żmien 10 ijiem mill-wasla ta' talba mill-awtorità rispettiva.	4. Operatur ekonomiku għandu jkun jista' jippreżenta d-dokumentazzjoni kollha***, inkluża d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-konformità, permezz tal-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini, kif ukoll l-informazzjoni*** msemmija f'dan il-Kapitolu lill-awtoritajiet għal perjodu ta' għaxar snin wara li l-aħħar ***kellhom*** fil-pussess ***tagħhom jew trattaw*** il-prodott inkwistjoni. Huwa għandu jippreżenta d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni fi żmien 10 ijiem mill-wasla ta' talba mill-awtorità rispettiva.

Emenda 208

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Operatur ekonomiku għandu jipprovdi d-data kollha mitluba fil-bażi tad-data jew fis-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 78 fi żmien xahrejn wara li d-disponibbiltà ta' dik il-bażi tad-data jew is-sistema tkun ġiet iddikjarata f'pubblikazzjoni ta' Il-Ġurnal Uffiċjali u jħallas it-tariffi tar-reġistrazzjoni marbuta magħha. Huwa għandu jivverifika, mill-inqas darbtejn fissena, il-korrettezza tad-data pprovduta.	***imħassar***

Emenda 209

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Operatur ekonomiku ***jista'*** jinforma lill-awtoritajiet bi kwalunkwe ksur probabbli ta' dan ir-Regolament li jsir konxju tiegħu. Meta dan l-operatur ekonomiku jqis li prodotti mhux konformi jippreżentaw riskju għas-sikurezza tal-bniedem jew għall-ambjent, huwa għandu jinforma b'dan minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikun għamel il-prodott disponibbli, billi jagħti dettalji, b'mod partikolari, tan-nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.	6. Operatur ekonomiku ***għandu*** jinforma lill-awtoritajiet bi kwalunkwe ksur probabbli ta' dan ir-Regolament li jsir konxju tiegħu. Meta dan l-operatur ekonomiku jqis li prodotti mhux konformi jippreżentaw riskju għas-sikurezza tal-bniedem jew għall-ambjent, huwa għandu jinforma b'dan minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikun għamel il-prodott disponibbli, billi jagħti dettalji, b'mod partikolari, tan-nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.

Emenda 210

Proposta għal regolament

Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 20	***imħassar***
Drittijiet proċedurali tal-operaturi ekonomiċi	
1. Kwalunkwe miżura, deċiżjoni jew ordni definittiva jew interim meħuda jew magħmula mill-awtoritajiet skont dan ir-Regolament kontra operatur ekonomiku u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jaġixxu f'isimhom għandha tiddikjara r-raġunijiet eżatti li fuqhom tkun ibbażata.	
2. Kwalunkwe miżura, deċiżjoni jew ordni bħal din għandha tiġi kkomunikata mingħajr dewmien lill-operatur ekonomiku rilevanti u lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jaġixxu f'ismu, li fl-istess ħin għandhom jiġu informati dwar ir-rimedji disponibbli għalihom skont il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat u dwar il-limiti ta' żmien li għalihom huma soġġetti dawk ir-rimedji.	
3. Qabel ma tittieħed jew issir miżura, deċiżjoni jew ordni msemmija fil-paragrafu 1, l-operatur ekonomiku kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema' f'perjodu xieraq ta' mhux inqas minn 10 ijiem tax-xogħol, sakemm ma jkunx hemm urġenza tal-miżura, tad-deċiżjoni jew tal-ordni, abbażi tar-rekwiżiti tas-saħħa jew tas-sikurezza jew ta' raġunijiet oħrajn relatati mal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament.	
4. Jekk il-miżura, id-deċiżjoni jew l-ordni tittieħed jew issir mingħajr ma l-operatur ekonomiku jkun ingħata l-opportunità li jinstema', l-operatur ekonomiku għandu jingħata dik l-opportunità mill-aktar fis possibbli wara u dik il-miżura, id-deċiżjoni jew l-ordni tista' tiġi rieżaminata minnufih mill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq.	
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe miżura koperta minn dan l-Artikolu tkun tista' tiġi appellata, bi jew mingħajr proċedura ta' appell amministrattiv minn qabel, quddiem qorti kompetenti. Dik il-qorti għandha tkun kompetenti wkoll biex tiddeċiedi dwar l-effett ta' sospensjoni tal-appell jew tal-miżuri interim li għandhom jiġu imposti mill-qorti, kemm minħabba l-interess pubbliku, kif ukoll minħabba l-interessi tal-operatur ekonomiku.	

Emenda 211

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-manifattur għandu jiddetermina t-tip ta' prodott, ***filwaqt li*** jirrispetta l-limiti stabbiliti ***għalhekk*** mid-definizzjoni pprovduta fl-Artikolu 3(31)***. It-tip ta' prodott għandu jiġi pproċessat f'konformità mas-sistema ta' valutazzjoni u verifika applikabbli stabbilita fl-Anness V***. Il-manifattur għandu jfassal dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u dikjarazzjoni tal-konformità f'konformità mal-Artikolu 9 u mal-Artikoli minn 11 sa 15 u jwaħħal il-markatura CE f'konformità mal-Artikoli 16 u 17.	1. Il-manifattur għandu jiddetermina t-tip ta' prodott, ***u għaldaqstant*** jirrispetta l-limiti stabbiliti mid-definizzjoni pprovduta fl-Artikolu 3***, il-punt*** (31). Il-manifattur għandu jfassal dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u dikjarazzjoni tal-konformità f'konformità mal-Artikolu 9 u mal-Artikoli minn 11 sa 15 u jwaħħal il-markatura CE f'konformità mal-Artikoli 16 u 17.

Emenda 212

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-manifattur għandu joqgħod lura minn kwalunkwe affermazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' prodott li ma ***jkunx ibbażat*** fuq: ***(a) il-metodu ta' valutazzjoni li jinsab fi speċifikazzjoni teknika armonizzata fejn il-karatteristika rilevanti tkun koperta minn tali; jew*** ***(b) fejn ma jeżisti l-ebda metodu ta' valutazzjoni bħal dan, metodu ta' valutazzjoni li jirrappreżenta l-aktar metodu effettiv u avvanzat biex tinkiseb valutazzjoni akkurata.***	2. Il-manifattur għandu joqgħod lura minn kwalunkwe affermazzjoni dwar il-karatteristiċi ***essenzjali*** ta' prodott li ma ***tkunx ibbażata*** fuq ***il-metodu ta' valutazzjoni li jkun hemm fl-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata applikabbli.***

Emenda 213

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifattur għandu, bħala l-bażi għad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ifassal dokumentazzjoni teknika li tiddeskrivi l-użu maħsub, inklużi l-kondizzjonijiet ***preċiżi*** għall-użu u l-elementi kollha meħtieġa biex jintwerew il-prestazzjoni u l-konformità.	Il-manifattur għandu, bħala l-bażi għad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ifassal dokumentazzjoni teknika li tiddeskrivi l-użu maħsub, inklużi l-kondizzjonijiet għall-użu u l-elementi kollha meħtieġa biex jintwerew il-prestazzjoni u l-konformità.

Emenda 214

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dik id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha l-kalkolu obbligatorju jew fakultattiv ***tas-sostenibbiltà ambjentali, inkluża s-sostenibbiltà klimatika vvalutata*** f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati ***adottati skont dan ir-Regolament jew mal-atti tal-Kummissjoni*** adottati skont dan ir-Regolament.	Dik id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha l-kalkolu obbligatorju jew fakultattiv ***tal-karatteristiċi essenzjali relatati maċ-ċiklu tal-ħajja vvalutati*** f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati adottati skont dan ir-Regolament.

Emenda 215

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifattur għandu jiżgura li ***l-prodott*** tiegħu ***jkollu*** numru tat-tip speċifiku għall-manifattur ***u*** numru tal-lott jew tas-serje. Jekk dan ma jkunx possibbli, l-informazzjoni meħtieġa għandha tiġi pprovduta fuq l-imballaġġ, fuq tikketta mwaħħla jew, bħala l-aħħar alternattiva, f'dokument li jakkumpanja l-prodott.	Il-manifattur għandu jiżgura li ***l-prodotti*** tiegħu ***jkollhom*** numru tat-tip speċifiku għall-manifattur***,*** numru tal-lott jew tas-serje ***jew kwalunkwe element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom***. Jekk dan ma jkunx possibbli, l-informazzjoni meħtieġa għandha tiġi pprovduta fuq l-imballaġġ, fuq tikketta mwaħħla jew, bħala l-aħħar alternattiva, f'dokument li jakkumpanja l-prodott.

Emenda 216

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifattur għandu***,*** bl-istess mod kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu***,*** jittikketta prodott bħala "Għal użu professjonali biss" jekk ma ***jkunx maħsub għall-konsumaturi jew għal utenti mhux professjonali oħrajn***. Il-prodotti mhux ittikkettati "Għal użu professjonali biss" għandhom jitqiesu li huma maħsuba wkoll għall-utenti mhux professjonali u għall-konsumaturi skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) … [Ir-Regolament dwar ***is-Sigurtà*** Ġenerali tal-Prodotti].	Il-manifattur għandu bl-istess mod kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu jittikketta prodott bħala "Għal użu professjonali biss" jekk ***ikun meħtieġ għarfien espert sabiex jintuża u għandu juri t-tikketta lill-klijenti qabel*** ma ***jkun marbut b'kuntratt ta' bejgħ, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod***. Il-prodotti mhux ittikkettati "Għal użu professjonali biss" għandhom jitqiesu li huma maħsuba wkoll għall-utenti mhux professjonali u għall-konsumaturi skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) … [Ir-Regolament dwar ***is-Sikurezza*** Ġenerali tal-Prodotti].

Emenda 217

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifattur għandu, b'mod viżibbli, juri lill-klijenti qabel ma jkun marbut b'kuntratt tal-bejgħ, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, l-informazzjoni li għandha tiġi ttikkettata skont dan ir-Regolament jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.	***imħassar***

Emenda 218

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jagħmel prodott disponibbli fis-suq ***f'ċertu Stat Membru***, il-manifattur għandu jiżgura li l-prodott ikun akkumpanjat mill-informazzjoni stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u ***fil-Parti D tal-Anness*** I b'lingwa ddeterminata mill-Istat Membru kkonċernat jew, fin-nuqqas ta' tali determinazzjoni, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-utenti.	Meta jagħmel prodott disponibbli fis-suq, il-manifattur ***li mhuwiex eżentat skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament*** għandu jiżgura li l-prodott ikun akkumpanjat mill-informazzjoni stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u ***fl-Anness*** I***, il-Parti C3*** b'lingwa ddeterminata mill-Istat Membru kkonċernat jew, fin-nuqqas ta' tali determinazzjoni, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-utenti.

Emenda 219

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista', permezz ta'*** atti ta' implimentazzjoni***,*** tiddetermina l-format u l-mod ta' trażmissjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-manifattur f'konformità mal-ewwel subparagrafu.	Il-Kummissjoni ***għandha tadotta*** atti ta' implimentazzjoni ***biex*** tiddetermina l-format ***elettroniku*** u l-mod ta' trażmissjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-manifattur f'konformità mal-ewwel subparagrafu.

Emenda 220

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-manifattur għandu jtella' d-data tad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni, tad-dikjarazzjoni tal-konformità, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 ***u d-dokumentazzjoni teknika fil-bażi tad-data jew fis-sistema tal-UE dwar il-prodotti stabbilita*** f'konformità ***mal-Artikolu 78***.	7. Il-manifattur għandu jtella' d-data tad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni, tad-dikjarazzjoni tal-konformità, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 ***fil-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini u fir-reġistru tal-passaporti tal-prodott għall-bini stabbiliti*** f'konformità ***mal-Kapitolu IXa***.

Emenda 221

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Meta l-prodott jippreżenta riskju ***jew x'aktarx li jippreżenta riskju, il-manifattur għandu, fi żmien jumejn*** tax-xogħol ***minn dan,*** jinforma ***lir-rappreżentant awtorizzat***, lill-importaturi, lid-distributuri, lill-fornituri ta' ***servizzi*** ta' ***ġestjoni***, u lis-swieq online	9. Meta l-prodott jippreżenta riskju***, il-manifattur għandu mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn tlett ijiem*** tax-xogħol jinforma ***lir-rappreżentanti awtorizzati kollha***, lill-importaturi, lid-distributuri, lill-fornituri ta' ***servizz*** ta'

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
involuti fid-distribuzzjoni, kif ukoll ***l-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom il-manifattur jew – sa fejn jaf – operaturi ekonomiċi oħrajn ikunu għamlu l-prodott disponibbli. Il-manifattur għandu, għal dak il-għan, jipprovdi d-dettalji utli kollha u, b'mod partikolari, jispeċifika t-tip tan-nuqqas ta' konformità, il-frekwenza tal-aċċidenti jew tal-inċidenti u l-miżuri korrettivi meħuda jew rakkomandati. F'każ ta' riskji kkawżati minn prodotti li jkunu diġà waslu għand ***l-utent*** jew ***il-konsumatur*** finali, il-manifattur għandu ***javża wkoll lill-media u jinformahom*** dwar miżuri xierqa biex jiġu eliminati jew, jekk ma jkunx possibbli, jitnaqqsu r-riskji. Fil-każ ta' "riskju serju" skont it-tifsira tal-Artikolu 3(71), il-manifattur għandu jirtira u jsejjaħ lura l-prodott għas-spejjeż tiegħu stess.	***eżekuzzjoni***, u lis-swieq online involuti fid-distribuzzjoni, kif ukoll ***lill-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom il-manifattur jew – sa fejn ***ikun*** jaf – operaturi ekonomiċi oħrajn ikunu għamlu l-prodott disponibbli. Il-manifattur għandu, għal dak il-għan, jipprovdi d-dettalji utli kollha u, b'mod partikolari, jispeċifika t-tip tan-nuqqas ta' konformità, il-frekwenza tal-aċċidenti jew tal-inċidenti u l-miżuri korrettivi meħuda jew rakkomandati. F'każ ta' riskji kkawżati minn prodotti li jkunu diġà waslu għand ***utent*** jew ***konsumatur*** finali ***li ma jistgħux jiġu identifikati jew ikkuntattjati direttament***, il-manifattur għandu***, permezz tal-media u kanali oħra xierqa, filwaqt li jiżgura li jilħaq l-akbar udjenza possibbli, ixerred l-informazzjoni*** dwar miżuri xierqa biex jiġu eliminati jew, jekk ***dan*** ma jkunx possibbli, ***biex*** jitnaqqsu r-riskji. Fil-każ ta' "riskju serju" skont it-tifsira tal-Artikolu 3***, il-punt*** (71), il-manifattur għandu jirtira u jsejjaħ lura l-prodott għas-spejjeż tiegħu stess.

Emenda 222

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiddisinja u jimmanifattura l-prodotti u l-imballaġġ ***tagħhom*** b'tali mod li s-sostenibbiltà ambjentali ġenerali tagħhom, ***inkluża dik klimatika***, ***tilħaq l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku,*** sakemm livell aktar baxx:	(a) jiddisinja u jimmanifattura l-prodotti u l-imballaġġ ***tiegħu*** b'tali mod li ***l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u*** s-sostenibbiltà ambjentali ġenerali tagħhom ***jiġu massimizzati***, ***inkluż għall-klima u għall-bijodiversità***, ***kif ukoll l-effiċjenza enerġetika u fl-użu tar-riżorsi***, ***il-kwalità tal-arja ta' ġewwa u l-evitar ta' sustanzi ta' tħassib*** sakemm livell aktar baxx:

Emenda 223

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)(i) u (ii) ta' dan l-Artikolu, jiżgura li, meta teknikament u ekonomikament fattibbli u mingħajr impatt fuq is-sikurezza tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, sa 10 snin wara l-adozzjoni tal-klassijiet tal-prestazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(4), il-punt (a), jew l-Artikolu 5(2), il-prodotti kollha mqiegħda fis-suq jaqgħu fl-ogħla żewġ klassijiet ta' prestazzjoni ambjentali stabbiliti;

Emenda 224

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)(i) u (ii), jagħti preferenza lill-materjali riċiklabbli ***u l-materjali*** miksuba mir-riċiklaġġ;	(b) taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)(i) u (ii) ***u mingħajr ma jinħolqu ostakli mhux ġustifikati għas-suq intern***, jagħti preferenza lill-materjali ***lokali, li jistgħu jintużaw mill-ġdid, b'bażi bijoloġika li jinkisbu b'mod sostenibbli jew*** riċiklabbli***, materjali*** miksuba ***mill-użu mill-ġdid jew*** mir-riċiklaġġ ***u prodotti sekondarji, filwaqt li jitqiesu l-impatti ambjentali u klimatiċi tat-trasport ta' tali materjali***;

Emenda 225

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jirrispetta l-obbligi minimi tal-kontenut riċiklat u valuri ta' limitu oħrajn rigward aspetti ta' sostenibbiltà ambjentali, ***inkluża*** dik ***klimatika***, li jinsabu fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati;	(c) jirrispetta l-obbligi minimi tal-kontenut riċiklat u valuri ta' limitu oħrajn rigward aspetti ta' sostenibbiltà ambjentali, ***inklużi l-klima, il-bijodiversità, u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u*** dik ***enerġetika***, li jinsabu fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati;

Emenda 226

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jipprevjeni l-obsolexxenza prematura tal-prodotti, juża partijiet affidabbli u jiddisinja l-prodotti b'tali mod li d-durabbiltà tagħhom ***ma tmurx lil hinn mid-durabbiltà*** medja tal-prodotti tal-kategorija rispettiva;	(d) jipprevjeni l-obsolexxenza prematura tal-prodotti, juża partijiet affidabbli u jiddisinja l-prodotti b'tali mod li d-durabbiltà tagħhom ***titjieb b'mod sinifikanti meta mqabbla mad-durabbiltà*** medja tal-prodotti tal-kategorija rispettiva ***li sservi l-istess skop***;

Emenda 227

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jagħmel disponibbli, ***fil-bażijiet tad-data tal-prodotti, l-istruzzjonijiet għall-użu*** u fuq il-permalinks tas-siti web ***tagħhom*** stess, informazzjoni dwar kif ***isewwu l-prodotti*** u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa għat-tiswija, inklużi twissijiet rilevanti;	(f) jagħmel disponibbli, ***tal-anqas*** fuq il-permalinks tas-siti web ***tiegħu*** stess ***jew permezz ta' kodiċijiet QR*** u ***fil-Passaport Diġitali tal-Prodotti stabbilit f'konformità mal-Artikolu 78, istruzzjonijiet rilevanti għall-użu***, informazzjoni dwar kif ***jissewwew il-prodotti*** u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa għat-tiswija, inklużi twissijiet rilevanti;

Emenda 228

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jagħmel disponibbli fis-suq ***innifsu*** jew permezz ta' distributuri maħtura apposta jew permezz ta' manifatturi ta' spare parts, fi żmien ta' konsenja raġonevolment qasir, spare parts għall-prodotti tagħhom għal 10 snin wara li l-aħħar prodott tat-tip rispettiv ikun tqiegħed fis-suq jew ġie installat direttament u jinforma b'mod proattiv dwar din id-disponibbiltà;	(g) jagħmel disponibbli fis-suq ***stess*** jew permezz ta' distributuri maħtura apposta jew permezz ta' manifatturi ta' spare parts, ***bi prezz raġonevoli u mhux diskriminatorju u*** fi żmien ta' konsenja raġonevolment qasir, spare parts għall-prodotti tagħhom għal 10 snin wara li l-aħħar prodott tat-tip rispettiv ikun tqiegħed fis-suq jew ġie installat direttament u jinforma b'mod proattiv dwar din id-disponibbiltà;

Emenda 229

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) jiddisinja ***l-prodotti*** b'tali mod li ***jiġu ffaċilitati l-użu*** mill-ġdid, ***il-manifattura*** mill-ġdid u ***r-riċiklaġġ***, jiġifieri billi jiffaċilita s-separazzjoni tal-komponenti u tal-materjali fl-istadju aktar tard tar-riċiklaġġ u billi jevita materjali mħalltin jew kumplessi, ***sakemm il-manifattura*** mill-ġdid u r-riċiklaġġ ***ma jkunux riskjuži*** għas-sikurezza tal-bniedem ***jew għall-ambjent. F'dan il-każ***, ***il-manifattur għandu joqgħod lura minn tali disinn u jwissi*** kontra l-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ f'konformità mal-punt li ġej;	(h) jiddisinja ***l-komponenti u l-materjali tal-prodotti*** b'tali mod li ***jkunu jistgħu jintużaw*** mill-ġdid, ***jiġu manifatturati*** mill-ġdid u ***jkunu riċiklabbli***, jiġifieri billi jiffaċilita s-separazzjoni tal-komponenti u tal-materjali ***tal-prodotti fl-istadju tat-tneħħija mill-installazzjoni, tad-dekostruzzjoni u tat-twaqqigħ u*** fl-istadju aktar tard tar-riċiklaġġ u billi jevita materjali mħalltin jew kumplessi ***u sustanzi ta' tħassib***, ***u, meta l-manifattura*** mill-ġdid u r-riċiklaġġ ***ikunu ta' riskju*** għas-sikurezza tal-bniedem ***u tal-ambjent***, ***iwissi*** kontra l-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ f'konformità mal-punt li ġej.

Emenda 230

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) jagħmel disponibbli, ***fil-bażijiet tad-data tal-prodotti, l-istruzzjonijiet għall-użu u*** fuq is-siti web ***tiegħu*** stess, informazzjoni dwar kif il-prodotti jiġu manifatturati mill-ġdid jew ***riċiklati*** u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ, inklużi twissijiet rilevanti;	(i) jagħmel disponibbli, ***tal-anqas*** fuq is-siti web ***tagħhom*** stess ***jew permezz ta' kodiċijiet QR u fil-Passaport Diġitali tal-Prodotti stabbilit f'konformità mal-Artikolu 78***, informazzjoni ***rilevanti*** dwar kif il-prodotti jiġu manifatturati mill-ġdid jew ***irriċiklati*** u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ, inklużi twissijiet rilevanti ***u lista ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ***;

Emenda 231

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) jaċċetta li jerġa' jikseb, direttament jew permezz tal-importaturi u d-distributuri tiegħu, is-sjieda ta' prodotti żejda u mhux mibjugħa li ***huma*** fi stat ekwivalenti għal dak li ***fih*** tqiegħdu fis-suq.	(j) jaċċetta li jerġa' jikseb ***mingħajr ħlas***, direttament jew permezz tal-importaturi u d-distributuri tiegħu, is-sjieda ta' prodotti żejda u mhux mibjugħa li ***jkunu*** fi stat ekwivalenti għal dak li ***kienu meta*** tqiegħdu fis-suq***, diment li ma jkunux għaddew aktar minn ħames snin minn meta l-prodott tqiegħed fis-suq;***

Emenda 232

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) ikollu responsabbiltà estiża tal-produttur, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2008/98/KE, għall-prodotti li jagħmel disponibbli fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, inkluż il-finanzjament tal-ġbir dirett jew indirett, it-trasport, it-tħejjija għall-adattament u għall-manifattura mill-ġdid, it-trattament u r-riċiklaġġ ta' skart ta' prodotti għall-bini u l-għoti ta' informazzjoni dwar tmiem il-ħajja tal-prodott.

Emenda 233

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sabiex tispeċifika l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tissupplimenta dan ir-Regolament, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, billi tispeċifika dawn l-obbligi għal familji u kategoriji ta' prodotti partikolari. Inkella, il-Kummissjoni tista' toħroġ talbiet għall-istandardizzazzjoni li jkollhom l-għan li jelaboraw standards armonizzati li jipprovdu preżunzjoni ta' konformità mal-obbligi tal-paragrafu 2 għal familja jew kategorija speċifika ta' prodotti. L-obbligi li jinsabu fil-paragrafu 2 ma għandhomx japplikaw qabel ma tali att delegat jew standard armonizzat ikun sar applikabbli.	4. Sabiex tispeċifika l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu***, il-Kummissjoni għandha***, sa ... [sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament],*** tissupplimenta dan ir-Regolament, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, billi tispeċifika***,*** dawn l-obbligi għal familji u kategoriji ta' prodotti partikolari. Inkella, il-Kummissjoni tista' toħroġ talbiet għall-istandardizzazzjoni li jkollhom l-għan li jelaboraw standards armonizzati li jipprovdu preżunzjoni ta' konformità mal-obbligi tal-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu*** għal familja jew kategorija speċifika ta' prodotti. L-obbligi li jinsabu fil-paragrafu 2***, il-punti (a), (d), (e), (g), (h), (j) u (ja) ta' dan l-Artikolu*** ma għandhomx japplikaw qabel ma tali att delegat jew standard armonizzat ikun sar applikabbli.

Emenda 234

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Sabiex tiżgura t-trasparenza għall-utenti u tippromwovi prodotti sostenibbli, il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tissupplimenta dan ir-Regolament b'atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 87 biex tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għat-tikkettar tas-sostenibbiltà ambjentali***, inkluż "tikkettar tad-dawl tat-traffiku"*** b'rabta mal-obbligi ambjentali stabbiliti fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti ambjentali inerenti tal-prodott stabbiliti ***fil-Punt 2 tal-Parti Ċ tal-Anness I***, u l-klassijiet tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti f'konformità ***mal-punt*** (***a***) ***tal-Artikolu 4***(***4***).	5. Sabiex tiżgura t-trasparenza għall-utenti u tippromwovi prodotti sostenibbli, il-Kummissjoni għandha tissupplimenta dan ir-Regolament b'atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 87 biex tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għat-tikkettar tas-sostenibbiltà ambjentali ***għall-prodotti kkummerċjalizzati lill-konsumaturi aħħarin*** b'rabta mal-obbligi ambjentali stabbiliti fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti ambjentali inerenti tal-prodott stabbiliti ***fl-Anness I, il-Parti C, il-Punt 2***, u l-klassijiet tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti f'konformità ***mal-Artikolu 4***(***4***)***, il-punt*** (***a***).

Emenda 235

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-manifattur għandu jwaħħal it-tikketta ***tad-dawl tat-traffiku*** bil-mod stabbilit fl-atti delegati adottati f'konformità mal-paragrafu 5.	6. Il-manifattur għandu jwaħħal it-tikketta bil-mod stabbilit fl-atti delegati adottati f'konformità mal-paragrafu 5***, inkluż b'mod viżibbli fil-punt tal-bejgħ, inkluż il-bejgħ online, u fuq is-sit web tal-manifattur***.

Emenda 236

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Meta xieraq, biex tippromwovi d-disponibbiltà ta' prodotti bl-aħjar prestazzjoni tas-sostenibbiltà fis-suq, il-Kummissjoni għandha trawwem l-użu tal-Ekotikketta tal-UE msemmija fir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tikkettar tal-prodotti bl-aħjar prestazzjoni.

Emenda 237

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Manifattur jista' jaħtar, b'mandat bil-miktub, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni bħala rappreżentant awtorizzat uniku. Manifattur li ma jkunx stabbilit fl-Unjoni għandu jaħtar rappreżentant awtorizzat wieħed.	1. Manifattur ***stabbilit fl-Unjoni*** jista' jaħtar, b'mandat bil-miktub, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni bħala rappreżentant awtorizzat uniku. Manifattur li ma jkunx stabbilit fl-Unjoni għandu jaħtar rappreżentant awtorizzat wieħed.

Emenda 238

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta b'rabta mal-obbligi ta' dan ir-Regolament. Huma għandhom ikunu responsabbli għal ***negliġenza gravi jew*** ksur ***konxju*** ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 19 f'konformità mal-liġi nazzjonali dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali u ekstrakuntrattwali.	2. Ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta b'rabta mal-obbligi ta' dan ir-Regolament. Huma għandhom ikunu responsabbli għal ksur ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 19 f'konformità mal-liġi nazzjonali dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali u ekstrakuntrattwali.

Emenda 239

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) itemm il-kuntratt ***meta*** l-manifattur ***jikser*** dan ir-Regolament u jinforma b'dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn il-prodott jitqiegħed fis-suq u lill-awtorità nazzjonali kompetenti ***dwar il-post*** tan-negozju tiegħu stess;	(c) itemm il-kuntratt ***jekk iqis li*** l-manifattur ***ikun aġixxa kontra l-obbligi tiegħu skont*** dan ir-Regolament u jinforma b'dan ***lill-manifattur u*** lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn il-prodott jitqiegħed fis-suq u lill-awtorità nazzjonali kompetenti ***tal-post*** tan-negozju tiegħu stess;

Emenda 240

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 3– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta jkollu raġuni biex jemmen li prodott inkwistjoni ma jkunx konformi jew jippreżenta riskju, jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn il-prodott jitqiegħed fis-suq u lill-awtorità nazzjonali kompetenti ***dwar il-post*** tan-negozju tiegħu stess; u	(d) meta jkollu raġuni biex jemmen li prodott inkwistjoni ma jkunx konformi jew jippreżenta riskju, jinforma ***lill-manifattur u*** lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn il-prodott jitqiegħed fis-suq u lill-awtorità nazzjonali kompetenti ***tal-post*** tan-negozju tiegħu stess ***dwar dan***; u

Emenda 241

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta rappreżentant awtorizzat ***iqis li hemm*** nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 4, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jitlob lill-manifattur jirrimedja n-nuqqasijiet ta' konformità. Il-manifattur għandu għalhekk iwaqqaf it-tqegħid fis-suq u jitlob lil operaturi ekonomiċi oħrajn involuti fid-distribuzzjoni biex iwaqqfu l-attivitajiet kummerċjali tagħhom, ***sakemm ir-rappreżentant awtorizzat iqis il-ksur bħala*** rimedjat***. Fejn in-nuqqasijiet ta' konformità ma jiġux irrimedjati fi żmien xahar, waqt li l-prodotti possibbilment jibqgħu disponibbli fis-suq, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jitħalla jittermina l-kuntratt tiegħu mal-manifattur u jinforma b'dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn il-prodotti jitqiegħdu fis-suq u lill-awtorità nazzjonali kompetenti dwar il-post tan-negozju tiegħu stess. Dan tal-aħħar għandu jikkoordina l-azzjonijiet konġunti tal-awtoritajiet kompetenti kollha, sakemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jaqblux fuq awtorità nazzjonali kompetenti oħra biex tikkoordina.***	5. Meta rappreżentant awtorizzat ***jidentifika*** nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 4, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jitlob lill-manifattur jirrimedja n-nuqqasijiet ta' konformità. Il-manifattur għandu għalhekk iwaqqaf it-tqegħid fis-suq u jitlob lil operaturi ekonomiċi oħrajn involuti fid-distribuzzjoni biex iwaqqfu l-attivitajiet kummerċjali tagħhom, ***sa ma jiġi*** rimedjat ***in-nuqqas*** ta' konformità.

Emenda 242

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-importatur għandu ***jivverifika li l-użu maħsub tal-prodott ikun ġie ddeterminat b'mod preċiż u korrett mill-manifattur u għandu*** jiżgura li l-prodott ikun akkumpanjat minn indikazzjoni ċara tal-informazzjoni stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u ***fil-Parti D tal-Anness I*** b'lingwa ddeterminata mill-Istat Membru kkonċernat li tista' tinftiehem faċilment mill-utenti. L-importatur għandu, b'mod viżibbli, juri lill-klijenti qabel ma jintrabtu b'kuntratt ta' bejgħ, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, l-informazzjoni li għandha tiġi ttikkettata skont dan ir-Regolament jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.	2. L-importatur għandu jiżgura li l-prodott ikun akkumpanjat minn indikazzjoni ċara tal-informazzjoni stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u ***fl-Anness I, il-Parti C3,*** b'lingwa ddeterminata mill-Istat Membru kkonċernat li tista' tinftiehem faċilment mill-utenti. L-importatur għandu, b'mod viżibbli, juri lill-klijenti qabel ma jintrabtu b'kuntratt ta' bejgħ, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, l-informazzjoni li għandha tiġi ttikkettata skont dan ir-Regolament jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.

Emenda 243

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Wara li jkun ġabar l-informazzjoni kollha disponibbli dwar il-prodott mingħand il-manifattur u l-persuna responsabbli mit-tneħħija ***tal-installazzjoni***, ***l-importatur għandu b'mod partikolari*** jiskrutinizza l-prodotti użati u manifatturati mill-ġdid***, jiġifieri*** fir-rigward tad-danni jew ***l-indikazzjonijiet għat-telf*** tal-prestazzjoni jew ***għan-nuqqas*** ta' konformità ***u l-proprjetajiet mekkaniċi jew kimiċi mibdula, u*** jivvaluta r-riskji kollha***; meta jkun meħtieġ biex jiġu żgurati s-sikurezza jew il-ħarsien tal-ambjent, l-importatur għandu jnaqqas l-użu maħsub jew joqgħod lura milli jbigħ. Dan l-obbligu għandu japplika wkoll għal prodotti użati u manifatturati mill-ġdid li għalihom ma tkun obbligatorja l-ebda dikjarazzjoni tal-prestazzjoni.***	4. ***L-importatur għandu,*** wara li jkun ġabar l-informazzjoni kollha disponibbli dwar il-prodott mingħand il-manifattur u l-persuna responsabbli mit-tneħħija ***mill-installazzjoni***, jiskrutinizza l-prodotti użati u manifatturati mill-ġdid fir-rigward tad-danni jew ***tal-indikazzjonijiet għal telf*** tal-prestazzjoni jew ***nuqqas*** ta' konformità***, filwaqt li*** jivvaluta r-riskji kollha.

Emenda 244

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li l-prodott ma jkunx konformi mad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni jew ma jkunx konformi ma' rekwiżiti applikabbli oħrajn f'dan ir-Regolament, l-importatur ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq, qabel ma dan jikkonforma mad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni li takkumpanjah u jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli l-oħrajn f'dan ir-Regolament jew sakemm tiġi kkoreġuta d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni. ***Barra minn hekk, fejn il-prodott jippreżenta riskju***, ***l-importatur*** għandu ***jinforma b'dan lill-manifattur u lill-awtorità nazzjonali kompetenti ġeografikament responsabbli***.	5. Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li l-prodott ma jkunx konformi mad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni jew ma jkunx konformi ma' rekwiżiti applikabbli oħrajn f'dan ir-Regolament, l-importatur ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq, qabel ma dan jikkonforma mad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni li takkumpanjah u jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli l-oħrajn f'dan ir-Regolament jew sakemm tiġi kkoreġuta d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni. ***Fil-każ li l-prodott ikun diġà tqiegħed fis-suq***, ***huwa*** għandu ***jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott isir konformi, jew, meta xieraq, biex jiġi rtirat jew jissejjaħ lura mis-suq***.

Emenda 245

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta ***jagħmel*** prodott ***disponibbli*** fis-suq, ***id-distributur għandu jissodisfa l-obbligi*** li għandhom l-importaturi f'konformità mal-Artikolu 24(***1***) sa (5)***,*** filwaqt li r-referenzi għal "tqegħid fis-suq" għandhom jinftiehmu bħala "***aktar*** tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq".	2. Meta ***jagħmlu*** prodott ***għad-dispożizzjoni*** fis-suq, ***id-distributuri għandhom jivverifikaw fil-livell dokumentarju*** li ***l-manifattur u l-importatur ikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 21(1), (5) u (6) u, meta applikabbli, fl-Artikolu 22(2), il-punti (f) u (i) u*** għandhom ***jissodisfaw l-obbligi li*** l-importaturi ***għandhom*** f'konformità mal-Artikolu 24 (***3***) sa (5) filwaqt li r-referenzi għal "tqegħid fis-suq" għandhom jinftiehmu bħala "tqegħid ***ulterjuri*** għad-dispożizzjoni fis-suq".

Emenda 246

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-distributur għandu jiżgura li l-ebda prodott ma jinbiegħ lill-konsumaturi jew lil utenti mhux professjonali oħrajn li jkunu ttikkettati "għal użu professjonali biss". Dawn il-prodotti għandhom, fil-bini tagħhom, fuq l-internet u fuq materjal ta' pubbliċità stampat, jiġu ppreżentati bħala prodotti għal użu professjonali biss.	***imħassar***

Emenda 247

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ma jkun hemm l-ebda manifattur skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament;	***imħassar***

Emenda 248

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) huwa jimmodifika prodott b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-konformità mad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u tal-konformità jew mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u f'konformità miegħu;	(c) huwa ***jaħżen jew*** jimmodifika prodott b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-konformità mad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u tal-konformità jew mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u f'konformità miegħu;

Emenda 249

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) huwa jiddikjara karatteristiċi li jiddevjaw mill-karatteristiċi ddikjarati mill-manifattur.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 250

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) huwa jkun issoġġetta prodott importat jew distribwit, użat jew manifatturat mill-ġdid għal proċess trasformattiv li jmur lil hinn mit-tiswija, mit-tindif u mill-manutenzjoni regolari wara li jkun tneħħa mill-installazzjoni;

Emenda 251

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) huwa jimporta prodott użat jew manifatturat mill-ġdid, diment li dan il-prodott ma jkunx tqiegħed fis-suq tal-Unjoni qabel ma jintuża;

Emenda 252

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fc) huwa jagħżel li jassumi r-rwol tal-manifattur.

Emenda 253

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għal:	***imħassar***
(a) importatur ta' prodotti użati jew manifatturati mill-ġdid, sakemm il-prodott użat jew manifatturat mill-ġdid ma jkunx tqiegħed fis-suq tal-Unjoni qabel ma jintuża;	
(b) importatur jew distributur ta' prodotti użati li jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:	
(i) jissoġġetta dawk il-prodotti użati għal proċess trasformattiv li jmur lil hinn mit-tiswija, mit-tindif u mill-manutenzjoni regolari wara li jkunu tneħħew mill-installazzjoni;	
(ii) jagħżel li jassumi r-rwol tal-manifattur.	

Emenda 254

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-operatur ekonomiku:	***imħassar***
(a) iżid biss it-traduzzjonijiet tal-informazzjoni fornuta mill-manifattur;	
(b) jissostitwixxi biss l-imballaġġ ta' barra ta' prodott li jkun diġà tqiegħed fis-suq, inkluż meta jinbidel id-daqs tal-pakkett, jekk l-imballaġġ mill-ġdid isir b'tali mod li l-kondizzjoni oriġinali tal-prodott ma tkunx tista' tiġi affettwata minnu u li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità ma' dan ir-Regolament xorta tiġi pprovduta b'mod korrett.	

Emenda 255

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Operatur ekonomiku li jipprovdi l-attivitajiet elenkati fil-paragrafu 3 għandu jinforma b'dan lill-manifattur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, irrispettivament minn jekk ikunux is-sidien tal-prodotti jew jekk jipprovdux servizzi. Huwa għandu jagħmel l-imballaġġ mill-ġdid b'tali mod li l-kondizzjoni oriġinali tal-prodott ma tkunx tista' tiġi affettwata mill-imballaġġ mill-ġdid u li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità ma' dan ir-Regolament xorta tiġi pprovduta b'mod korrett. L-operatur ekonomiku għandu jaġixxi bl-attenzjoni dovuta b'rabta mal-obbligi ta' dan ir-Regolament. Huwa għandu jkun responsabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Emenda 256

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligu tal-forniturі ta' ***servizzi*** ta' ***ġestjoni***, tas-sensara, tas-swieq online***,*** tal-bejjiegħa online***, tal-ħwienet online u tal-magni tat-tif-tix online***	Obbligu tal-forniturі ta' ***servizz*** ta' ***eżekuzzjoni***, tas-sensara, tas-swieq online ***u*** tal-bejjiegħa online

Emenda 257

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jikkontribwixxi għat-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq ***jew għall-installazzjoni diretta*** ta' prodott, il-fornitur ta' servizz ta' ***ġestjoni*** jew is-sensar għandu jaġixxi bl-attenzjoni dovuta b'rabta mal-obbligi ta' dan ir-Regolament. Huwa għandu jkun responsabbli għall-ksur ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 19 f'konformità mal-liġi nazzjonali dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali u ekstrakuntrattwali.	1. Meta jikkontribwixxi għat-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodott, il-fornitur ta' servizz ta' ***eżekuzzjoni*** jew is-sensar għandu jaġixxi bl-attenzjoni dovuta b'rabta mal-obbligi ta' dan ir-Regolament. Huwa għandu jkun responsabbli għall-ksur ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 19 f'konformità mal-liġi nazzjonali dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali u ekstrakuntrattwali.

Emenda 258

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jivverifika li l-manifattur ikun ikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(1), (3) u (5) sa (7) u ***fil-punti (f) u (i) tal-Artikolu*** 22(2);	(b) jivverifika ***f'livell dokumentarju*** li l-manifattur ikun ikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(1), (3) u (5) sa (7) u ***fl-Artikolu*** 22(2)***, il-punti (f) u (i)***;

Emenda 259

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***jelimina l-offerti kollha għal prodotti li ma humiex konformi jew li x'aktarx ikunu riskjuži skont it-tifsira tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 21(9) fuq inizjattiva tagħhom stess jew, fi żmien jumejn tax-xogħol, fuq talba*** tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq;	(d) ***fuq it-talba*** tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq***, jieqaf joffri prodotti li ma jkunux konformi jew li jippreżentaw riskju skont it-tifsira tal-Artikolu 21(9)***;

Emenda 260

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jagħti tweġiba xierqa ***mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, fl-Istat Membru fejn jopera s-suq online,*** għal avviżi relatati man-notifika ta' aċċidenti u inċidenti oħrajn bi prodotti riċevuti f'konformità mal-[Artikolu 14] tar-Regolament (UE) […/…] dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE;	(c) jagħti tweġiba xierqa għal avviżi relatati man-notifika ta' aċċidenti u inċidenti oħrajn bi prodotti riċevuti f'konformità mal-[Artikolu 14] tar-Regolament (UE) […/…] dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE;

Emenda 261

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-paragrafi 1 u 2, il-punti (b) sa (i) ***tal-paragrafu 3*** u l-paragrafi 4 u 5 għandhom japplikaw ukoll għall-manifatturi, għall-importaturi, għad-distributuri jew għal operaturi ekonomiċi oħrajn li joffru prodotti online mingħajr l-involviment ta' suq online ***("ħwienet online")***.	6. Il-paragrafi 1 u 2, ***il-paragrafu 3,*** il-punti (b) sa (i) u l-paragrafi 4 u 5 għandhom japplikaw ukoll għall-manifatturi, għall-importaturi, għad-distributuri jew għal operaturi ekonomiċi oħrajn li joffru prodotti online mingħajr l-involviment ta' suq online.

Emenda 262

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-punti minn (d) sa (h) tal-paragrafu 3 għandhom japplikaw ukoll għall-magni tat-tiftix online.	***imħassar***

Emenda 263

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fornitur ta' ***servizzi*** ta' ***ġestjoni*** għandu jiżgura li l-kondizzjonijiet matul il-ħażna, l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ ma jipperikolawx il-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.	8. Fornitur ta' ***servizz*** ta' ***eżekuzzjoni*** għandu jiżgura li l-kondizzjonijiet matul il-ħażna, l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ ma jipperikolawx il-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Il-manifattur jew l-importatur ta' prodotti għall-bini għandu jipprovdi lill-fornituri ta' servizz ta' eżekuzzjoni bl-informazzjoni dettaljata meħtieġa biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-ħżin, l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ u l-funzjonament ulterjuri tal-prodott.***

Emenda 264

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligi ***tal-forniturі ta' servizzi tal-istampar 3D u tal-forniturі ta' forom, ta' settijiet tad-data tal-istampar*** 3D***, u*** ta' ***materjali tal-istampar 3D***	Obbligi ***b'rabta mal-istampar*** 3D ta' ***prodotti għall-bini***

Emenda 265

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fornitur ta' servizzi tal-istampar*** 3D ***għandu***:	1. ***Persuna fiżika jew ġuridika li twettaq stampar*** 3D ***tal-prodotti għall-bini għandha***:

Emenda 266

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***iżomm lura milli jqiegħed fis-suq jew milli jinstalla direttament prodotti għall-klijenti mingħajr ma jissodisfa*** l-obbligi ***tal-manifatturi***;	(a) ***tissodisfa*** l-obbligi ***li l-manifatturi għandhom meta jqiegħdu l-prodotti tagħhom fis-suq***;

Emenda 267

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jinforma lill-klijenti tiegħu li jistgħu jużaw servizzi tal-istampar*** 3D ***biss għall-manifattura ta' prodotti għall-użu tagħhom stess, sakemm ma jissodisfawx l-obbligi li għandhom il-manifatturi***;	(b) ***tuża s-settijiet ta' data*** 3D ***xierqa***;

Emenda 268

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jinforma lill-klijenti tiegħu*** li ***s-settijiet ta' data 3D u*** l-materjali li ***għandhom jintużaw għandhom*** ikunu għaddew mill-proċeduri applikabbli għall-prodotti skont dan ir-Regolament; u	(c) ***tiżgura*** li l-materjali li ***jkunu ntużaw*** ikunu għaddew mill-proċeduri applikabbli għall-prodotti skont dan ir-Regolament; u

Emenda 269

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***jinforma lill-klijenti tiegħu*** li ***kemm*** l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur tas-sett ***tad-data*** 3D ***kif ukoll*** l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur tal-materjal tal-istampar ***għandhom*** jikkoinċidu ***u jikkonfermaw l-użabbiltà tal-materjal għal dak it-tip ta' sett tad-data 3D u t-teknoloġija partikolari tal-istampar 3D***.	(d) ***tiżgura*** li l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur tas-sett ***ta' data*** 3D ***u*** l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur tal-materjal tal-istampar jikkoinċidu.

Emenda 270

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornituri ta' forom u ta' settijiet tad-data 3D maħsuba biex jipproduċu oġġetti koperti minn dan ir-Regolament għandhom jipproduċu 10 oġġetti bħal dawn u għandhom jagħmluhom disponibbli għall-korp notifikat, għall-korp tal-valutazzjoni teknika u għall-awtoritajiet fuq talba. Il-fornituri ta' forom u ta' settijiet ta' data 3D maħsuba biex jipproduċu oġġetti koperti minn dan ir-Regolament għandhom jivvalutaw u jiddokumentaw l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-oġġetti prodotti.	***imħassar***

Emenda 271

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' materjali maħsuba biex jintużaw għall-istampar 3D ta' oġġetti koperti minn dan ir-Regolament fuq jew qrib is-sit tal-kostruzzjoni għandhom jipproduċu 10 oġġetti bħal dawn għal kull użu maħsub u għandhom jagħmluhom disponibbli għall-korp notifikat, għall-korp ta' valutazzjoni teknika u għall-awtoritajiet fuq talba. Il-fornituri ta' materjali maħsuba biex jintużaw għall-istampar 3D ta' oġġetti koperti minn dan ir-Regolament fuq jew qrib is-sit tal-kostruzzjoni għandhom jivvalutaw u jiddokumentaw l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-oġġetti prodotti.	***imħassar***

Emenda 272

Proposta għal regolament

Artikolu 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 30	***imħassar***
Obbligi tal-forniturі u tal-forniturі ta' servizzi involuti fil-manifattura ta' prodotti	
1. Fornitur jew fornitur ta' servizzi involut fil-manifattura ta' prodotti għandu:	
(a) jipprovdi lill-manifatturi, lill-korpi notifikati u lill-awtoritajiet l-informazzjoni kollha disponibbli dwar is-sostenibbiltà ambjentali tal-komponent jew tas-servizz fornut tagħhom;	
(b) jiżgura l-korrettezza ta' tali informazzjoni, jiġifieri billi jirrispetta dan ir-Regolament u jikkoreġi kwalunkwe żball li jsir permezz ta' komunikazzjoni lill-klijenti kollha tagħhom u, jekk ikun potenzjalment utli, lill-korpi notifikati u lill-awtoritajiet;	
(c) jippermetti, fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, lill-klijenti jivvalutaw dik is-sostenibbiltà ambjentali għas-spejjeż tagħhom stess u jappoġġa dik il-valutazzjoni, jiġifieri billi jagħti aċċess għad-dokumenti kollha, inklużi dawk ta' natura kummerċjali, rilevanti għal dik il-valutazzjoni;	
(d) jippermetti lill-korpi notifikati jivverifikaw il-korrettezza ta' kwalunkwe kalkolu tas-sostenibbiltà ambjentali u jappoġġa dik il-verifika;	
(e) jippermetti lill-korpi notifikati jivverifikaw il-prestazzjoni u l-konformità tal-komponent jew tas-servizz fornut u jappoġġa dik il-verifika.	
2. Meta fornitur jew fornitur ta' servizzi jkun ġie informat f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 21(8), huwa għandu jibgħat dik l-informazzjoni lill-klijenti l-oħrajn tiegħu li, fl-aħħar ħames snin, ikunu rċevew komponenti jew servizzi li huma identiċi fir-rigward tal-kwistjoni inkwistjoni. F'każ ta' riskju serju kif definit fl-Artikolu 3(71) jew riskju li jaqa' taħt l-aħħar sentenza tal-Artikolu 21(9), il-fornitur jew il-fornitur ta' servizzi għandu wkoll jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn il-prodotti b'dak il-komponent jew is-servizz ta' manifattura jkunu saru disponibbli fis-suq jew ikunu ġew installati direttament; meta ma jkunx jista' jidentifika dawn l-Istati Membri, huwa għandu jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha.	

Emenda 273

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Użu doppju u prodotti psewdo	Prodotti ***b'użu doppju***

Emenda 274

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Manifattur ta' prodotti b'użu doppju ***għandu jissodisfa l-obbligi ta' dan ir-Regolament għall-oġġetti kollha tat-tip rispettiv***, sakemm ma jkunux immarkati ***speċifikament*** bħala "mhux għall-kostruzzjoni".	1. Manifattur ta' prodotti b'użu doppju ***u operaturi ekonomiċi oħrajn li jittrattaw tali prodotti għandhom jissodisfaw*** l-obbligi ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunux immarkati bħala "mhux għall-kostruzzjoni".

Emenda 275

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Operaturi ekonomiċi oħrajn li jittrattaw prodotti b'użu doppju għandhom jissodisfaw l-obbligi li għandhom f'konformità ma' dan ir-Regolament. Fil-kuntratti kummerċjali tagħhom, huma għandhom jistabbilixxu obbligu tal-klijenti tagħhom li jagħmlu l-istess u li ma jbigħux jew ma jużawx oġġetti għall-kostruzzjoni li huma mmarkati bħala "mhux għall-kostruzzjoni".	***imħassar***

Emenda 276

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Għal oġġetti adattati għall-kostruzzjoni li l-manifattur qatt ma kellu tali użu maħsub għalihom u li, għalhekk, ma kinux immarkati*** bħala ***CE ("prodotti psewdo")***, operaturi ekonomiċi oħrajn għandhom:	3. ***Għall-prodotti b'użu doppju mmarkati*** bħala ***"mhux għall-kostruzzjoni"***, operaturi ekonomiċi oħrajn għandhom:

Emenda 277

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-operatur ekonomiku juża l-munita tal-Istati Membri ***jew kriptovaluta koperta mir-Regolament (UE) […]*** [47] ***sakemm, f'dan l-aħħar każ, il-bejgħ lill-Unjoni ma jkunx espliċitament esklużb'mezzi effettivi***;	(b) l-operatur ekonomiku juża l-munita tal-Istati Membri;
[47] Ir-Regolament Futur tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, ara COM/2020/593 final.	

Emenda 278

Proposta għal regolament

Artikolu 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 33	***imħassar***
Atti ta' implimentazzjoni dwar l-obbligi u d-drittijiet tal-operaturi ekonomiċi	
Fejn dan ikun meħtieġ biex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament u sal-punt biss meħtieġ biex jiġu evitati prattiki diverġenti li joħolqu kondizzjonijiet mhux ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi ekonomiċi, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprovdu dettalji dwar kif għandhom jiġu eżegwiti l-obbligi u d-drittijiet tal-operaturi ekonomiċi li jinsabu f'dan il-Kapitolu.	
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88(2).	

Emenda 279

Proposta għal regolament

Kapitolu IV – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ISTANDARDS TAL-PRODOTTI GĦALL-BINI U D-DOKUMENTI EWROPEJ TA' VALUTAZZJONI	***ID-DOKUMENTI*** EWROPEJ TA' VALUTAZZJONI

Emenda 280

Proposta għal regolament

Artikolu 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Emenda 281

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Artikolu 4(1) u (4), l-Artikolu 6, l-Artikolu 9 u l-Artikoli minn 11 sa 17 għandhom japplikaw għad-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni. Meta l-markatura CE tinħareġ abbażi ta' dokument Ewropew ta' valutazzjoni u ta' valutazzjoni teknika Ewropea, id-dokument Ewropew ta' valutazzjoni għandu jissemma fid-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u fid-dikjarazzjoni tal-konformità.	***imħasar***

Emenda 282

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara talba għal valutazzjoni teknika Ewropea minn manifattur jew minn grupp ta' manifatturi jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, dokument Ewropew ta' valutazzjoni jista' jitfassal u jiġi adottat mill-organizzazzjoni tal-korpi tal-valutazzjoni teknika (***"technical assessment bodies" - "TABs"***) bi qbil mal-Kummissjoni għal kwalunkwe prodott mhux kopert minn:	Wara talba għal valutazzjoni teknika Ewropea minn manifattur jew minn grupp ta' manifatturi jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, dokument Ewropew ta' valutazzjoni jista' jitfassal u jiġi adottat mill-organizzazzjoni tal-korpi tal-valutazzjoni teknika (***"korpi VT"***) bi qbil mal-Kummissjoni għal kwalunkwe ***tip jew kategorija ta'*** prodott mhux kopert minn:

Emenda 283

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) speċifikazzjoni teknika armonizzata maħsuba biex tiġi adottata ***fis-sentejn (2)*** li ***ġejjin*** mid-data tal-verifika mal-Kummissjoni;	(b) speċifikazzjoni teknika armonizzata maħsuba biex tiġi adottata ***fis-sena*** li ***jmiss*** mid-data tal-verifika mal-Kummissjoni;

Emenda 284

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tinkariga lill-EOTA u lis-CEN jikkoordinaw biex jiżguraw li ma jkunx hemm duplikazzjonijiet bejn dokument Ewropew ta' valutazzjoni u standards armonizzati jew partijiet minnhom.

Emenda 285

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-organizzazzjoni tal-korpi VT u l-Kummissjoni jistgħu jiġbru flimkien jew jirrifjutaw talbiet għall-iżvilupp ta' dokument Ewropew ta' valutazzjoni. Il-proċedura għall-adozzjoni ***tad-dokument*** Ewropew ta' valutazzjoni għandha ***tirrispetta l-Artikolu*** 36 u ***għandha tikkonforma mal-Artikolu 37 u mal-Anness III***.	3. L-organizzazzjoni tal-korpi VT u l-Kummissjoni jistgħu jiġbru flimkien jew jirrifjutaw talbiet għall-iżvilupp ta' dokument Ewropew ta' valutazzjoni. Il-proċedura għall-adozzjoni ***ta' dokument*** Ewropew ta' valutazzjoni għandha ***tikkonforma mal-Artikolu*** 36 u ***l-proċedura stabbilita fl-Anness IIIa***.

Emenda 286

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Artikolu 4(1) u (4), l-Artikolu 6, l-Artikolu 9 u l-Artikoli minn 11 sa 17 għandhom japplikaw għad-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni. Meta l-markatura CE tinħareġ abbażi ta' dokument Ewropew ta' valutazzjoni u ta' valutazzjoni teknika Ewropea, id-dokument Ewropew ta' valutazzjoni għandu jissemma fid-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u fid-dikjarazzjoni tal-konformità.

Emenda 287

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda l-Anness ***III*** permezz ta' att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 87 biex tistabbilixxi regoli proċedurali supplimentari għall-iżvilupp u l-adozzjoni ta' dokument Ewropew ta' valutazzjoni, ***fejn*** dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni.	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda l-Anness ***IIIa*** permezz ta' att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 87 biex tistabbilixxi regoli proċedurali supplimentari għall-iżvilupp u l-adozzjoni ta' dokument Ewropew ta' valutazzjoni, ***meta*** dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni.

Emenda 288

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***tiddivulga mill-inqas informazzjoni possibbli*** protetta mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u tipproteġi s-segretezza kummerċjali u l-kunfidenzjalità;	(b) ***ma tiddivulgax l-informazzjoni*** protetta mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u tipproteġi s-segretezza kummerċjali u l-kunfidenzjalità;

Emenda 289

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tippermetti ***fi kwalunkwe stadju*** parteċipazzjoni adegwata mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni;	(d) tippermetti parteċipazzjoni adegwata mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni;

Emenda 290

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ibbilanċjar tal-prinċipji stipulati fil-punti (a) u (b) għandu mill-inqas jippermetti d-divulgazzjoni tal-isem tal-prodott fl-istadju tal-approvazzjoni u l-komunikazzjoni tal-programm ta' ħidma, kif stabbilit ***fil-punt 3 tal-Anness III,*** u l-kontenut dettaljat tal-abbozz tad-dokument Ewropew ta' valutazzjoni stabbilit ***fil-punt 7 tal-Anness III***.	L-ibbilanċjar tal-prinċipji stipulati fil-punti (a) u (b) ***ta' dan il-paragrafu*** għandu mill-inqas jippermetti d-divulgazzjoni tal-isem tal-prodott fl-istadju tal-approvazzjoni u l-komunikazzjoni tal-programm ta' ħidma, kif stabbilit ***fl-Anness IIIa, il-punt 5*** u l-kontenut dettaljat tal-abbozz tad-dokument Ewropew ta' valutazzjoni stabbilit ***fl-Anness IIIa, il-punt 5***.

Emenda 291

Proposta għal regolament

Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***fejn il-prodott*** ma jkun kopert minn ebda speċifikazzjoni teknika armonizzata jew dokument Ewropew ta' valutazzjoni u ***fejn*** l-ebda speċifikazzjoni teknika armonizzata bħal din ma tkun maħsuba ***li*** tiġi adottata ***fis-sentejn*** li ***ġejjin***, jew l-ebda dokument Ewropew ta' valutazzjoni bħal dan ma jkun diġà fil-proċedura li jiġi żviluppat skont l-Anness ***III***, il-korp VT għandu japplika l-proċeduri stabbiliti fl-Anness ***III*** jew dawk stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 35(4).	(c) ***meta l-prodott*** ma jkun kopert minn ebda speċifikazzjoni teknika armonizzata jew dokument Ewropew ta' valutazzjoni u ***meta*** l-ebda speċifikazzjoni teknika armonizzata bħal din ma tkun maħsuba ***biex*** tiġi adottata ***fis-sena*** li ***jmiss***, jew l-ebda dokument Ewropew ta' valutazzjoni bħal dan ma jkun diġà fil-proċedura li jiġi żviluppat skont l-Anness ***IIIa***, il-korp VT għandu japplika l-proċeduri stabbiliti fl-Anness ***IIIa*** jew dawk stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 35(4).

Emenda 292

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Huma biss id-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni msemmija f'dik il-lista u ppubblikati ***mill-inqas b'lingwa waħda tal-Unjoni*** mill-Kummissjoni jew mill-organizzazzjoni tal-korpi VT li għandhom jawtorizzaw il-ħruġ ta' valutazzjonijiet tekniċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 42 u jiskattaw effetti legali f'konformità mal-Artikolu 42(5), inkluż fir-rigward tal-manifattur li jkun talab l-iżvilupp tad-dokument Ewropew ta' valutazzjoni. Dan l-effett legali tad-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni għandu jiskadi għaxar snin wara l-ewwel ċitazzjoni tagħhom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunux ġew imġedda fl-aħħar sena qabel l-iskadenza u l-Kummissjoni tiddeċiedi li żżomm l-elenkar.	2. Huma biss id-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni msemmija f'dik il-lista u ppubblikati mill-Kummissjoni jew mill-organizzazzjoni tal-korpi VT li għandhom jawtorizzaw il-ħruġ ta' valutazzjonijiet tekniċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 42 u jiskattaw effetti legali f'konformità mal-Artikolu 42(5), inkluż fir-rigward tal-manifattur li jkun talab l-iżvilupp tad-dokument Ewropew ta' valutazzjoni. Dan l-effett legali tad-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni għandu jiskadi għaxar snin wara l-ewwel ċitazzjoni tagħhom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***jew immedjatament meta d-dokument tekniku Ewropew ikun ġie rtirat***, sakemm ma jkunux ġew imġedda fl-aħħar sena qabel l-iskadenza u l-Kummissjoni tiddeċiedi li żżomm l-elenkar.

Emenda 293

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità għolja tad-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni u jiġu akkomodati l-ħtiġijiet ta' kunfidenzjalità tal-applikant għall-valutazzjoni teknika Ewropea relatata, qabel ma r-referenza għal dokument Ewropew ta' valutazzjoni ġdid tiġi ċċitata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jinħareġ abbozz tal-ewwel valutazzjoni teknika Ewropea abbażi ta' dak id-dokument Ewropew ta' valutazzjoni. Jekk ikun meħtieġ, l-abbozz finali tad-dokument Ewropew ta' valutazzjoni għandu jiġi emendat abbażi tal-esperjenza miksuba bil-ħruġ tal-ewwel valutazzjoni teknika Ewropea. Il-Kummissjoni, flimkien mal-organizzazzjoni tal-korpi VT, għandha tikkomunika d-data taċ-ċitazzjoni tar-referenza għad-dokument Ewropew ta' valutazzjoni.

Emenda 294

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) deskrizzjoni ***tal-prodott*** kopert; u	(a) deskrizzjoni ***tat-tip jew tal-kategorija ta' prodott*** kopert; u

Emenda 295

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-lista ta' karatteristiċi essenzjali, rilevanti għall-użu maħsub ***tal-prodott*** kif stabbilit mill-manifattur u kif miftiehem bejn il-manifattur u l-organizzazzjoni tal-korpi VT, u l-metodi u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodott b'rabta ma' dawk il-karatteristiċi essenzjali.	(b) il-lista ta' karatteristiċi essenzjali, rilevanti għall-użu maħsub ***tat-tip jew tal-kategorija ta' prodott*** kif stabbilit mill-manifattur u kif miftiehem bejn il-manifattur u l-organizzazzjoni tal-korpi VT, u l-metodi u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodott b'rabta ma' dawk il-karatteristiċi essenzjali.

Emenda 296

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-prinċipji għall-kontroll applikabbli għall-produzzjoni fil-fabbrika li għandhom jiġu applikati għandhom jiġu stabbiliti fid-dokument Ewropew ta' valutazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet tal-proċess tal-manifattura ***tal-prodott*** ikkonċernat.	2. Il-prinċipji għall-kontroll applikabbli għall-produzzjoni fil-fabbrika li għandhom jiġu applikati għandhom jiġu stabbiliti fid-dokument Ewropew ta' valutazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet tal-proċess tal-manifattura ***tat-tip jew tal-kategorija ta' prodott*** ikkonċernat.

Emenda 297

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-prestazzjoni ta' xi wħud minn ċerti karatteristiċi essenzjali ***tal-prodott*** tkun tista' tiġi vvalutata kif xieraq b'metodi u kriterji stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew fid-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni, dawk il-metodi u l-kriterji eżistenti għandhom jiġu inkorporati bħala partijiet mid-dokument Ewropew ta' valutazzjoni***, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajbin biex wieħed jiddevja minn din ir-regola***.	3. Meta l-prestazzjoni ta' xi wħud minn ċerti karatteristiċi essenzjali ***tat-tip jew tal-kategorija ta' prodotti*** tkun tista' tiġi vvalutata kif xieraq b'metodi u kriterji stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew fid-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni, dawk il-metodi u l-kriterji eżistenti għandhom jiġu inkorporati bħala partijiet mid-dokument Ewropew ta' valutazzjoni.

Emenda 298

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni teknika Ewropea għandha tinħareġ minn korp VT, fuq it-talba ta' manifattur abbażi ta' dokument Ewropew ta' valutazzjoni ***stabbilit f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 37 u fl-Anness III***, li r-referenza tiegħu tkun ġiet iċċitata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 38.	***Valutazzjoni*** teknika Ewropea għandha tinħareġ minn korp VT, fuq it-talba ta' manifattur abbażi ta' dokument Ewropew ta' valutazzjoni, li r-referenza tiegħu tkun ġiet iċċitata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 38.

Emenda 299

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta ssir talba għal valutazzjoni teknika Ewropea, għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Anness IIIa.

Emenda 300

Proposta għal regolament

Artikolu 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 43	***imħassar***
Awtoritajiet tal-ħatra	
1. L-Istati Membri li jixtiequ jaħtru korpi tal-valutazzjoni teknika għandhom jaħtru awtorità waħda responsabbli mill-korpi tal-valutazzjoni teknika (minn hawn 'il quddiem: l-"awtorità tal-ħatra"). L-awtoritajiet tal-ħatra għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-awtoritajiet tan-notifika stabbiliti fl-Artikolu 48(1) u fl-Artikolu 49. L-awtorità tal-ħatra ma għandhiex tkun eliġibbli għall-ħatra f'konformità mal-Artikolu 44(1).	
2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-awtoritajiet tan-notifika u għall-proċeduri ta' notifika japplikaw ukoll għall-awtoritajiet tal-ħatra u għall-proċeduri tal-ħatra. Madankollu, l-Istati Membri ma jistgħux jużaw akkreditazzjoni.	

Emenda 301

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jaħtru Korpi tal-Valutazzjoni Teknika (Korpi VT) fit-territorji tagħhom għal qasam ta' prodott wieħed jew aktar elenkati ***fit-Tabella 1 tal-Anness IV***. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa*** li ***temenda din it-tabella permezz ta' atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 87 biex tadattaha għall-progress tekniku***.	L-Istati Membri jistgħu jaħtru Korpi tal-Valutazzjoni Teknika (Korpi VT) fit-territorji tagħhom għal qasam ta' prodott wieħed jew aktar elenkati ***fl-Anness IV, it-Tabella 1***. ***Meta Stat Membru jiddeċiedi*** li ***jaħtar korp VT, għandu jinnomina awtorità waħda unika responsabbli mill-korpi tal-valutazzjoni teknika (l-"awtorità maħtura")***.

Emenda 302

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ***li taħtar*** maħtura ***f'konformità mal-Artikolu 43*** għandha timmonitorja l-attivitajiet u l-kompetenza tal-korpi VT maħtura fl-Istat Membru rispettiv tagħhom u, ***fejn*** meħtieġ, is-sussidjarji u s-sottokuntratturi tagħhom, u tevalwahom b'rabta mar-rekwiżiti rispettivi stabbiliti f'dan il-Kapitolu. L-awtorità ***li taħtar*** għandha tagħti struzzjonijiet lill-korpi VT kull meta jkun hemm ksur tal-liġi jew tal-prattika komuni miftiehma bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Fil-każ ta' ksur ripetut tal-liġi, hija tista' tirrevoka l-ħatra tal-korp VT.	L-awtorità maħtura għandha timmonitorja l-attivitajiet u l-kompetenza tal-korpi VT maħtura fl-Istat Membru rispettiv tagħhom u, ***meta*** meħtieġ, is-sussidjarji u s-sottokuntratturi tagħhom, u tevalwahom b'rabta mar-rekwiżiti rispettivi stabbiliti f'dan il-Kapitolu. L-awtorità ***maħtura*** għandha tagħti struzzjonijiet lill-korpi VT kull meta jkun hemm ksur tal-liġi jew tal-prattika komuni miftiehma bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Fil-każ ta' ksur ripetut tal-liġi, hija tista' tirrevoka l-ħatra tal-korp VT.

Emenda 303

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni tista' tinvestiga l-konformità tal-korpi VT mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-kapitolu, kif ukoll l-issodisfar mill-awtoritajiet ***tal-ħatra*** responsabbli tal-obbligi ta' monitoraġġ tagħhom.	5. Il-Kummissjoni tista' tinvestiga l-konformità tal-korpi VT mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-kapitolu, kif ukoll l-issodisfar mill-awtoritajiet ***maħtura*** responsabbli tal-obbligi ta' monitoraġġ tagħhom.

Emenda 304

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-korpi VT għandhom, fuq talba tal-awtorità ***tal-ħatra*** rilevanti, jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha ***li huma*** meħtieġa sabiex l-awtorità, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jivverifikaw il-konformità.	6. Il-korpi VT għandhom, fuq talba tal-awtorità ***maħtura*** rilevanti, jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha***,*** meħtieġa sabiex l-awtorità, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jivverifikaw il-konformità.

Emenda 305

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) tiżgura li d-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni adottati u r-referenzi għall-valutazzjonijiet tekniċi Ewropej jinżammu disponibbli għall-pubbliku ***bil-lingwi kollha tal-UE***.	(i) tiżgura li d-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni adottati u r-referenzi għall-valutazzjonijiet tekniċi Ewropej jinżammu disponibbli għall-pubbliku.

Emenda 306

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni tista' tagħmel il-finanzjament tal-organizzazzjoni tal-korpi VT, irrispettivament minn permezz ta' għotjiet jew offerti pubbliċi, soġġett għall-issodisfar ta' ***ċerti*** rekwiżiti organizzattivi u ta' prestazzjoni, inkluż fir-rigward ta' distribuzzjoni ġeografika ġusta tal-korpi VT.	6. Il-Kummissjoni tista' tagħmel il-finanzjament tal-organizzazzjoni tal-korpi VT, irrispettivament minn ***jekk isirx*** permezz ta' għotjiet jew offerti pubbliċi, soġġett għall-issodisfar ta' rekwiżiti organizzattivi u ta' prestazzjoni, inkluż fir-rigward ta' distribuzzjoni ġeografika ġusta tal-korpi VT.

Emenda 307

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità tan-notifika għandu jkollha għadd suffiċjenti ta' persunal kompetenti u finanzjament suffiċjenti disponibbli għat-twettiq xieraq tal-kompiti tagħha. ***Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu numru minimu ta' ekwivalenzi full-time meqjusa bħala suffiċjenti għall-monitoraġġ xieraq tal-korpi notifikati, fejn xieraq b'rabta ma' kompiti speċifiċi ta' valutazzjoni tal-konformità. Fejn il-monitoraġġ jitwettaq minn korp nazzjonali ta' akkreditament jew korp imsemmi fl-Artikolu 48(3), dan in-numru minimu għandu japplika għal dak il-korp.***	L-awtorità tan-notifika għandu jkollha għadd suffiċjenti ta' persunal kompetenti u finanzjament suffiċjenti disponibbli għat-twettiq xieraq tal-kompiti tagħha.

Emenda 308

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88(2).	***imħassar***

Emenda 309

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun indipendenti ***mill-organizzazzjoni*** jew ***mill-prodott*** li jivvaluta.	Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun ***korp ta' parti terza*** indipendenti ***minn kull rabta kummerċjali tal-organizzazzjoni*** jew ***tal-prodott għall-bini*** li jivvaluta.

Emenda 310

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu jkun indipendenti minn kwalunkwe u kull rabta kummerċjali ma' organizzazzjonijiet li għandhom interess fil-prodotti li jivvaluta, mal-manifatturi, mas-sħab kummerċjali tagħhom jew mal-investituri azzjonarji tagħhom, kif ukoll ma' korpi notifikati oħrajn u mal-assoċjazzjonijiet kummerċjali tagħhom, mal-kumpaniji prinċipali jew mas-sussidjarji tagħhom. Dan ma jipprekludix lill-korp notifikat milli jwettaq attivitajiet ta' valutazzjoni u verifika għall-manifatturi li jikkompetu ma' xulxin.	***imħassar***

Emenda 311

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Korp li jappartjeni għal assoċjazzjoni ta' impriżi jew federazzjoni professjonali li tkun tirrappreżenta impriżi involuti fid-disinn, il-manifattura, il-forniment, l-assemblaġġ, l-użu jew il-manutenzjoni ta' prodotti li hija tivvaluta, jista', bil-kondizzjoni li jintwerew l-indipendenza tiegħu u n-nuqqas ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess, jitqies bħala tali korp indipendenti.	Korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità*** li jappartjeni għal assoċjazzjoni ta' impriżi jew federazzjoni professjonali li tkun tirrappreżenta impriżi involuti fid-disinn, il-manifattura, il-forniment, l-assemblaġġ, l-użu jew il-manutenzjoni ta' prodotti li hija tivvaluta, jista', bil-kondizzjoni li jintwerew l-indipendenza tiegħu u n-nuqqas ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess, jitqies bħala tali korp indipendenti.

Emenda 312

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Korp ***notifikat***, l-ogħla livell tal-maniġment tiegħu u l-persunal responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta' parti terza fil-proċess ta' valutazzjoni u verifika ma għandhomx ikunu d-disinjatur, il-manifattur, il-fornitur, l-importatur, id-distributur, l-installatur, ix-xerrej, is-sid, l-utent jew dak responsabbli mill-manutenzjoni tal-prodotti li jivvaluta, u lanqas ir-rappreżentant ta' xi waħda minn dawk il-partijiet. Dan ma għandux jipprekludi l-użu tal-prodotti vvalutati li huma meħtieġa għall-operazzjonijiet tal-korp ***notifikat*** jew l-użu tal-prodotti għal skopijiet personali.	Korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità***, l-ogħla livell tal-maniġment tiegħu u l-persunal responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta' parti terza fil-proċess ta' valutazzjoni u verifika ma għandhomx ikunu d-disinjatur, il-manifattur, il-fornitur, l-importatur, id-distributur, l-installatur, ix-xerrej, is-sid, l-utent jew dak responsabbli mill-manutenzjoni tal-prodotti li jivvaluta, u lanqas ir-rappreżentant ta' xi waħda minn dawk il-partijiet. Dan ma għandux jipprekludi l-użu tal-prodotti vvalutati li huma meħtieġa għall-operazzjonijiet tal-korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità*** jew l-użu tal-prodotti għal skopijiet personali.

Emenda 313

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Korp ***notifikat***, l-ogħla livell tal-maniġment tiegħu u l-persunal responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta' parti terza fil-proċess ta' valutazzjoni u verifika ma għandhomx ikunu involuti direttament fid-disinn, il-manifattura jew il-kostruzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, l-installazzjoni, l-użu jew il-manutenzjoni ta' dawk il-prodotti, u lanqas ma għandhom jirrappreżentaw lill-partijiet involuti f'dawk l-attivitajiet. Huma ma għandhom jinvolvu ruħhom fl-ebda attività li tista' tkun f'kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju u l-integrità tagħhom relatata mal-attivitajiet li għalihom ikunu ġew innotifikati u lanqas jipprovdu servizzi ta' konsulenza.	Korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità***, l-ogħla livell tal-maniġment tiegħu u l-persunal responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta' parti terza fil-proċess ta' valutazzjoni u verifika ma għandhomx ikunu involuti direttament fid-disinn, il-manifattura jew il-kostruzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, l-installazzjoni, l-użu jew il-manutenzjoni ta' dawk il-prodotti, u lanqas ma għandhom jirrappreżentaw lill-partijiet involuti f'dawk l-attivitajiet. Huma ma għandhom jinvolvu ruħhom fl-ebda attività li tista' tkun f'kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju u l-integrità tagħhom relatata mal-attivitajiet li għalihom ikunu ġew innotifikati u lanqas jipprovdu servizzi ta' konsulenza.

Emenda 314

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Korp ***notifikat*** għandu jiżgura li l-attivitajiet tal-kumpanija omm jew tal-kumpanija oħt tiegħu, tas-sussidjarji jew ***tas-subkuntratturi*** tiegħu ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività u l-imparzjalità tal-attivitajiet ta' valutazzjoni u/jew verifika tiegħu.	Korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità*** għandu jiżgura li l-attivitajiet tal-kumpanija omm jew tal-kumpanija oħt tiegħu, tas-sussidjarji jew ***tas-sottokuntratturi*** tiegħu ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività u l-imparzjalità tal-attivitajiet ta' valutazzjoni u/jew verifika tiegħu.

Emenda 315

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Korp ***notifikat*** u l-persunal tiegħu għandhom iwettqu l-kompiti ta' parti terza fil-proċess ta' valutazzjoni u verifika bl-ogħla grad ta' integrità professjonali u kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u thajjir, b'mod partikolari finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni u/jew verifika tagħhom, speċjalment minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.	5. Korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità*** u l-persunal tiegħu għandhom iwettqu l-kompiti ta' parti terza fil-proċess ta' valutazzjoni u verifika bl-ogħla grad ta' integrità professjonali u kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u thajjir, b'mod partikolari finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni u/jew verifika tagħhom, speċjalment minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.

Emenda 316

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Korp ***notifikat*** għandu jkun kapaċi jwettaq il-kompiti kollha ta' parti terza fil-proċess ta' valutazzjoni u verifika assenjati lilu f'konformità mal-Anness V, li b'rabta magħhom ikun ġie nnotifikat, kemm jekk dawk il-kompiti jitwettqu mill-korp ***notifikat innifsu***, kif ukoll jekk jitwettqu f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.	Korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità*** għandu jkun kapaċi jwettaq il-kompiti kollha ta' parti terza fil-proċess ta' valutazzjoni u verifika assenjati lilu f'konformità mal-Anness V, li b'rabta magħhom ikun ġie nnotifikat, kemm jekk dawk il-kompiti jitwettqu mill-korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità nnifsu***, kif ukoll jekk jitwettqu f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Emenda 317

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-persunal meħtieġ b'għarfien tekniku u esperjenza suffiċjenti u xierqa biex iwettaq il-kompiti ta' parti terza fil-proċess ta' valutazzjoni u verifika***. *Il-persunal responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni għandu jiġi impjegat mill-korp notifikat skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tan-notifika, ma għandu jkollu l-ebda obbligu ta' lealtà potenzjalment konfliġġenti ieħor jew konflitt ta' interess potenzjali, għandu jkun kompetenti biex jivverifika l-valutazzjonijiet magħmula minn persunal ieħor, esperti esterni jew sottokuntratturi. In-numru tiegħu għandu jkun biżżejjed biex jiżgura l-kontinwità tan-negozju u approċċ konsistenti għall-valutazzjonijiet tal-konformità*;**	(a) il-persunal ***kompetenti*** meħtieġ b'għarfien tekniku u esperjenza suffiċjenti u xierqa biex iwettaq il-kompiti ta' parti terza fil-proċess ta' valutazzjoni u verifika;

Emenda 318

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-deskrizzjoni meħtieġa tal-proċeduri li skonthom jitwettaq il-proċess ta' valutazzjoni, sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-kapaċità tar-riproduzzjoni ta' dawn il-proċeduri. ***Dan*** għandu ***jinkludi matriċi tal-kwalifiki li tqabbel il-persunal rilevanti, l-istatus u l-kompiti rispettivi tagħhom fi ħdan il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità mal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità li b'rabta magħhom il-korp bihsiebu jiġi nnotifikat;***	(b) id-deskrizzjoni meħtieġa tal-proċeduri li skonthom jitwettaq il-proċess ta' valutazzjoni, sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-kapaċità tar-riproduzzjoni ta' dawn il-proċeduri. Għandu ***jkollu stabbiliti politiki u proċeduri xierqa li jiddistingwu bejn il-kompiti li jwettaq bħala korp notifikat u attivitajiet oħrajn, u għandu jassenja l-persunal tiegħu għal dawk il-kompiti.***

Emenda 319

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-politiki u l-proċeduri xierqa fis-seħħ li jiddistingwu bejn il-kompiti li jwettaq bħala korp notifikat u attivitajiet oħrajn;	***imħassar***

Emenda 320

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Korp ***notifikat*** għandu jkollu l-mezzi meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tekniċi u amministrattivi konnessi mal-attivitajiet li għalihom ikollu l-ħsieb li jiġi nnotifikat b'mod xieraq u għandu jkollu aċċess għat-tagħmir jew il-faċilitajiet kollha meħtieġa.	Korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità*** għandu jkollu l-mezzi meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tekniċi u amministrattivi konnessi mal-attivitajiet li għalihom ikollu l-ħsieb li jiġi nnotifikat b'mod xieraq u għandu jkollu aċċess għat-tagħmir jew il-faċilitajiet kollha meħtieġa.

Emenda 321

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Korp ***notifikat*** għandu jagħmel assigurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili, sakemm ir-responsabbiltà ma tkunx preżunta mill-Istat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni u/jew għall-verifika mwettqa.	9. Korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità*** għandu jagħmel assigurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili, sakemm ir-responsabbiltà ma tkunx preżunta mill-Istat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni u/jew għall-verifika mwettqa.

Emenda 322

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-persunal tal-korp ***notifikat*** għandu jkun marbut li josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba waqt li jkun qed iwettaq il-kompiti tiegħu skont l-Anness V, ħlief b'rabta mal-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-attivitajiet tiegħu. Id-drittijiet ta' proprjetà għandhom ikunu protetti.	10. Il-persunal tal-korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità*** għandu jkun marbut li josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba waqt li jkun qed iwettaq il-kompiti tiegħu skont l-Anness V, ħlief b'rabta mal-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-attivitajiet tiegħu. Id-drittijiet ta' proprjetà għandhom ikunu protetti.

Emenda 323

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Korp ***notifikat għandu jiżgura li l-persunal tal-valutazzjoni tiegħu jkun informat bl-attivitajiet*** ta' standardizzazzjoni rilevanti ***u għandu jipparteċipa*** fl-attivitajiet tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-korp notifikat stabbilit skont dan ir-Regolament u jiżgura li l-persunal tal-valutazzjoni tiegħu jkun informat dwarhom, u għandu japplika bħala gwida ġenerali d-deċiżjonijiet amministrattivi u d-dokumenti prodotti bħala riżultat tax-xogħol ***ta' dak il-grupp***.	11. Korp ***ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jipparteċipa fl-attivitajiet*** ta' standardizzazzjoni rilevanti***,*** fl-attivitajiet tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-korp notifikat stabbilit skont dan ir-Regolament u jiżgura li l-persunal tal-valutazzjoni tiegħu jkun informat dwarhom, u għandu japplika bħala gwida ġenerali d-deċiżjonijiet amministrattivi u d-dokumenti prodotti bħala riżultat tax-xogħol.

Emenda 324

Proposta għal regolament

Artikolu 51 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Preżunzjoni ta' konformità	Preżunzjoni ta' konformità ***tal-korpi notifikati***

Emenda 325

Proposta għal regolament

Artikolu 53 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-korp notifikat għandu jerfa' r-responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa ***mis-subkuntratturi*** jew mis-sussidjarji, kull fejn dawn ikunu stabbiliti. ***Il-korpi notifikati rilevanti għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għall-monitoraġġ kontinwu tal-kompetenza, l-attivitajiet u l-prestazzjoni tas-subkuntratturi jew tas-sussidjarji tagħhom, filwaqt li jqisu l-matriċi tal-kwalifika msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 50(6).***	2. Il-korp notifikat għandu jerfa' r-responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa ***mis-sottokuntratturi*** jew mis-sussidjarji, kull fejn dawn ikunu stabbiliti.

Emenda 326

Proposta għal regolament

Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu, il-proċessi ta' valutazzjoni u/jew verifika li għalihom il-korp jafferma li huwa kompetenti, ***il-matriċi ta' kwalifika msemmija fil-punt (b) tal-***	2. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu, il-proċessi ta' valutazzjoni u/jew verifika li għalihom il-korp jafferma li huwa kompetenti, ċertifikat ta' akkreditazzjoni, fejn ikun jeżisti wieħed,

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 50(6), ċertifikat ta' akkreditazzjoni, fejn ikun jeżisti wieħed, maħruġ mill-korp nazzjonali ta' akkreditament skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li jattesta li l-korp jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 50. Iċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni għandu jkun relatat biss mal-korp speċifiku ta' valutazzjoni tal-konformità li japplika għan-notifika u ma għandux iqis il-kapaċitajiet jew il-persunal tal-kumpanija omm jew tal-kumpanija oħt. Huwa għandu jkun ibbażat, minbarra l-istandards armonizzati rilevanti, fuq ir-rekwiżiti speċifiċi u l-kompiti ta' valutazzjoni.	maħruġ mill-korp nazzjonali ta' akkreditament skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li jattesta li l-korp jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 50. Iċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni għandu jkun relatat biss mal-korp speċifiku ta' valutazzjoni tal-konformità li japplika għan-notifika u ma għandux iqis il-kapaċitajiet jew il-persunal tal-kumpanija omm jew tal-kumpanija oħt. Huwa għandu jkun ibbażat, minbarra l-istandards armonizzati rilevanti, fuq ir-rekwiżiti speċifiċi u l-kompiti ta' valutazzjoni.

Emenda 327

Proposta għal regolament

Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn awtorità tan-notifika tkun aċċertat jew tkun ġiet informata li korp notifikat ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 50, jew li jkun qed jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu, l-awtorità tan-notifika għandha tirrestrinġi, tissospendi jew tirtira n-notifika kif xieraq, skont kemm ikun serju n-nuqqas li jiġu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti jew li jitwettqu dawk l-obbligi.	1. Fejn awtorità tan-notifika tkun aċċertat jew tkun ġiet informata li korp notifikat ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 50, jew li jkun qed jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu, l-awtorità tan-notifika għandha tirrestrinġi, tissospendi jew tirtira n-notifika kif xieraq, skont kemm ikun serju n-nuqqas li jiġu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti jew li jitwettqu dawk l-obbligi. ***Din għandha minnufih tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn kif xieraq.***

Emenda 328

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta l-Kummissjoni ssib li korp notifikat ma jissodisfax, jew ma jissodisfax aktar, ir-rekwiżiti tan-notifika tiegħu, hija għandha tgħarraf b'dan lill-Istat Membru tan-notifika u titolbu jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa, inkluż l-irtirar tan-notifika, jekk ikun meħtieġ.

Emenda 329

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-korpi notifikati għandhom jiżguraw rotazzjoni bejn il-membri tal-persunal li jwettqu kompiti ta' valutazzjoni differenti.	***imħassar***

Emenda 330

Proposta għal regolament

Artikolu 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 62	***imħassar***
Atti ta' implimentazzjoni dwar l-obbligi u d-drittijiet tal-korpi notifikati	
Fejn dan ikun meħtieġ biex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament u sal-punt biss meħtieġ biex jiġu evitati prattiki diverġenti li jwasslu għal trattament mhux ugwali u biex jinħolqu kondizzjonijiet mhux ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi ekonomiċi, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprovdu dettalji dwar kif għandhom jiġu eżegwiti l-obbligi tal-korpi notifikati li jinsabu fl-Artikoli 60 u 61.	
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88(2).	

Emenda 331

Proposta għal regolament

Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu stabbiliti l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi notifikati skont l-Artikolu 47 u li dawn jitħaddmu kif suppost fil-forma ta' grupp ta' korpi notifikati. Il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-gruppi msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom l-għan li jiżguraw l-applikazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament.	Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu stabbiliti l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi notifikati skont l-Artikolu 47 u li dawn jitħaddmu kif suppost fil-forma ta' grupp ta' korpi notifikati. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi notifikati minnhom jipparteċipaw fil-ħidma ta' dak il-grupp, direttament jew permezz tar-rappreżentanti maħtura.*** Il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-gruppi msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom l-għan li jiżguraw l-applikazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament.

Emenda 332

Proposta għal regolament

Artikolu 63 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-korpi notifikati għandhom jipparteċipaw fil-ħidma ta' dak il-grupp, direttament jew permezz ta' rappreżentanti maħtura.	***imħassar***

Emenda 333

Proposta għal regolament

Artikolu 63 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-korpi notifikati għandhom ***japplikaw*** bħala gwida ġenerali d-deċiżjonijiet u d-dokumenti amministrattivi prodotti minn dak il-grupp.	Il-korpi notifikati għandhom ***iqisu*** bħala gwida ġenerali d-deċiżjonijiet u d-dokumenti amministrattivi prodotti minn dak il-grupp.

Emenda 334

Proposta għal regolament

Artikolu 64 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Manifattur jista' jissostitwixxi l-ittestjar tat-tip b'dokumentazzjoni teknika xierqa li turi li:	1. Manifattur jista' jissostitwixxi l-ittestjar tat-tip ***jew il-kalkolu tat-tip*** b'dokumentazzjoni teknika xierqa li turi li:

Emenda 335

Proposta għal regolament

Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għal wieħed jew aktar mill-karatteristiċi essenzjali tal-prodott, li l-manifattur iqiegħed fis-suq, dak il-prodott jitqies li jilħaq ċertu livell jew klassi ta' prestazzjoni mingħajr ittestjar jew kalkolu, jew mingħajr ittestjar jew kalkolu ulterjuri, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti għal dak l-għan fl-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata rilevanti ***jew f'att tal-Kummissjoni***; jew	(a) għal wieħed jew aktar mill-karatteristiċi essenzjali tal-prodott, li l-manifattur iqiegħed fis-suq, dak il-prodott jitqies li jilħaq ċertu livell jew klassi ta' prestazzjoni mingħajr ittestjar jew kalkolu, jew mingħajr ittestjar jew kalkolu ulterjuri, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti għal dak l-għan fl-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata rilevanti; jew

Emenda 336

Proposta għal regolament

Artikolu 64 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-prodott, kopert minn speċifikazzjoni teknika armonizzata, li l-manifattur iqiegħed fis-suq ikun sistema magħmula minn oġġetti, li l-manifattur debitament jimmonta skont ***struzzjonijiet*** preċiżi, inklużi kriterji tal-kompatibbiltà fil-każ ta' oġġetti individwali, mogħtija mill-fornitur ta' tali sistema jew ta' komponent tiegħu, li jkun diġà ttestja dik is-sistema jew dak l-oġġett għal waħda jew aktar mill-karatteristiċi essenzjali tagħhom f'konformità mal-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata rilevanti. Meta dawn il-kondizzjonijiet jiġu ssodisfati u meta l-manifattur ikun ivverifika b'mod partikolari li l-kriterji preċiżi ta' kompatibbiltà tal-fornitur huma ssodisfati, il-manifattur ikun intitolat li jiddikjara prestazzjoni li tikkorrespondi għar-riżultati kollha tat-test, jew għal parti minnhom, għas-sistema jew għall-oġġett ipprovdut ***lilu.***	(b) il-prodott, kopert minn speċifikazzjoni teknika armonizzata ***jew b'valutazzjoni teknika Ewropea***, li l-manifattur iqiegħed fis-suq ikun sistema magħmula minn oġġetti, li l-manifattur debitament jimmonta skont ***istruzzjonijiet*** preċiżi, inklużi kriterji tal-kompatibbiltà fil-każ ta' oġġetti individwali, mogħtija mill-fornitur ta' tali sistema jew ***mill-fornitur*** ta' komponent tiegħu, li jkun diġà ttestja dik is-sistema jew dak l-oġġett għal waħda jew aktar mill-karatteristiċi essenzjali tagħhom f'konformità mal-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata rilevanti ***jew mal-valutazzjoni teknika Ewropea***. Meta dawn il-kondizzjonijiet jiġu ssodisfati u meta l-manifattur ikun ivverifika b'mod partikolari li l-kriterji preċiżi ta' kompatibbiltà tal-fornitur huma ssodisfati, il-manifattur ikun intitolat li jiddikjara prestazzjoni li tikkorrespondi għar-riżultati kollha tat-test, jew għal parti minnhom, għas-sistema jew għall-oġġett ipprovdut ***lilhom; jew***

Emenda 337

Proposta għal regolament

Artikolu 64 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-prodott għall-bini, kopert minn standard armonizzat, li l-manifattur iqiegħed fis-suq jikkorrispondi mat-tip ta' prodott ieħor għall-bini, immanifatturat minn manifattur ieħor u li huwa diġà ttestjat f'konformità mal-istandard armonizzat rilevanti. Meta dawk il-kondizzjonijiet jiġu ssodisfati, il-manifattur ikollu d-dritt li jiddikjara prestazzjoni li tikkorrispondi għar-riżultati tat-testijiet kollha ta' dan il-prodott l-ieħor jew għal parti minnhom. Il-manifattur jista' juża r-riżultati tat-testijiet miksuba minn manifattur ieħor biss wara li jkun kiseb l-awtorizzazzjoni ta' dak il-manifattur, li jibqa' responsabbli għall-akkuratezza, l-affidabbiltà u l-istabbiltà ta' dawk ir-riżultati tat-testijiet.

Emenda 338

Proposta għal regolament

Artikolu 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 66	***imħassar***
Prodotti mhux f'serje magħmula skont l-ordni	
1. B'rabta mal-prodotti koperti minn speċifikazzjoni teknika armonizzata u li huma manifatturati individwalment jew magħmula skont l-ordni fi proċess mhux f'serje b'reazzjoni għal ordni speċifika, u li huma installati f'xogħol ta' kostruzzjoni identifikat wieħed mill-manifatturi li huma responsabbli wkoll għall-inkorporazzjoni sikura ta' dawk il-prodotti f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni, il-parti tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistema applikabbli, kif stabbilit fl-Anness V, tista' tiġi sostitwita mill-manifattur b'Dokumentazzjoni Teknika Speċifika li turi l-konformità ta' dak il-prodott mar-rekwiżiti applikabbli u li tipprovdi data ekwivalenti għal dik meħtieġa minn dan ir-Regolament u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati applikabbli. Tingħata ekwivalenza meta d-data kollha meħtieġa u r-rekwiżiti applikabbli għax-xogħol ta' kostruzzjoni partikolari u ż-żarmar futur tiegħu, inklużi l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-prodotti installati tiegħu, jiġu pprovduti jew issodisfati abbażi ta' metodi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku.	
2. Korp notifikat jew korp VT għandu, minbarra l-kompiti stabbiliti fl-Anness V, jivvaluta u jiċċertifika t-twettiq korrett tal-obbligi msemmija fil-paragrafu 1.	

Emenda 339

Proposta għal regolament

Artikolu 67 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Korp/i nnotifikat/i: (minn hawn 'il quddiem: korp notifikat li jirrikonoxxi) jista' joqgħod lura mill-valutazzjoni u l-verifika ta' ċertu oġġett li għandu jiġi vvalutat jew ivverifikat f'konformità ma' dan ir-Regolament u jirrikonoxxi l-valutazzjoni u l-verifika mwettqa minn korp notifikat ieħor għall-istess operatur ekonomiku fejn:	Korp/i nnotifikat/i: (minn hawn 'il quddiem: korp notifikat li jirrikonoxxi) jista' joqgħod lura mill-valutazzjoni u l-verifika ta' ċertu oġġett li għandu jiġi vvalutat jew ivverifikat f'konformità ma' dan ir-Regolament u jirrikonoxxi l-valutazzjoni u l-verifika mwettqa minn korp notifikat ieħor għall-istess operatur ekonomiku fejn ***japplika dan kollu li ġej***:

Emenda 340

Proposta għal regolament

Artikolu 67 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikun hemm ftehim fis-seħħ bejn iż-żewġ korpi notifikati li jobbligahom jikkondividu l-informazzjoni kollha rigward il-valutazzjoni u l-verifika u ċ-ċertifikati u r-rapporti rispettivi tagħhom;	***imħassar***

Emenda 341

Proposta għal regolament

Artikolu 68 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema li tippermetti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tikkondividi l-ilmenti jew ir-rapporti relatati ma' nuqqasijiet ta' konformità possibbli ma' dan ir-Regolament.	1. ***Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-operaturi ekonomiċi skont dan ir-Regolament u l-attivitajiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq skont ir-Regolament 2019/1020,*** il-Kummissjoni għandha***, barra minn hekk,*** tistabbilixxi sistema li tippermetti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tikkondividi l-ilmenti jew ir-rapporti relatati ma' nuqqasijiet ta' konformità possibbli ma' dan ir-Regolament.

Emenda 342

Proposta għal regolament

Artikolu 68 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-Kummissjoni tqis ilment jew rapport bħala rilevanti u sostanzjat, hija għandha tassenjah lil awtorità tas-sorveljanza tas-suq sabiex din tkun tista' ssegwi mal-persuna fiżika jew ġuridika rilevanti f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 11(7) tar-Regolament (UE) 2019/1020.	2. Meta l-Kummissjoni tqis ilment jew rapport bħala rilevanti u sostanzjat ***abbażi ta' kriterji definiti b'mod ċar***, hija għandha***, mingħajr dewmien żejjed,*** tassenjah lil awtorità tas-sorveljanza tas-suq sabiex din tkun tista' ssegwi mal-persuna fiżika jew ġuridika rilevanti f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 11(7) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Emenda 343

Proposta għal regolament

Artikolu 68 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-kriterji u l-iskeda ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 88(1).

Emenda 344

Proposta għal regolament

Artikolu 68 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Fir-rigward tal-prodotti għall-bini li jistgħu jippreżentaw riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata għandu jkollha l-possibbiltà li tinforma lill-Kummissjoni permezz ta' taqsima separata tal-Portal Safety Gate. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-informazzjoni li tirċievi u, wara verifika tal-akkuratezza tagħha, meta jkun xieraq, tibgħat tali informazzjoni lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru rilevanti mingħajr dewmien żejjed biex tiżgura li dawk l-ilmenti jiġu segwiti b'mod xieraq.

Emenda 345

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jaħtru, minn fost l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, l-"awtorità nazzjonali kompetenti" li hija l-punt ***fokali għall-kuntatti*** ma' Stati Membri oħrajn.	2. L-Istati Membri għandhom jaħtru, minn fost l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, l-"awtorità nazzjonali kompetenti" li hija l-punt ***uniku ta' kuntatt għal komunikazzjoni*** ma' Stati Membri oħrajn.

Emenda 346

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-awtoritajiet kompetenti maħtura għandu jkollhom is-setgħat kollha elenkati fl-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) 2019/1020. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dawn is-setgħat għandhom jiġu estiżi għall-operaturi ekonomiċi kollha koperti minn dan ir-Regolament.

Emenda 347

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Għall-fini tas-sorveljanza tas-suq, l-investigazzjoni u l-infurzar, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa li jitolbu mingħand awtoritajiet jew korpi pubbliċi oħra informazzjoni rilevanti fil-pussess tagħhom.

Emenda 348

Proposta għal regolament

Artikolu 70 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċedura biex ***jiġu ttrattati n-nuqqasijiet*** ta' konformità	Proċedura biex ***jiġi ttrattat nuqqas*** ta' konformità

Emenda 349

Proposta għal regolament

Artikolu 70 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta awtorità tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikollha raġuni suffiċjenti biex temmen li ċerti prodotti koperti minn ***standard tal-prodotti għall-bini*** jew li għalihom tkun inħarġet valutazzjoni teknika Ewropea, jew il-manifattur tagħhom, ma jkunux konformi, hija għandha twettaq evalwazzjoni b'rabta mal-prodotti u mal-manifattur ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti rispettivi stipulati minn dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.	Meta awtorità tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikollha raġuni suffiċjenti biex temmen li ċerti prodotti koperti minn ***speċifikazzjoni teknika armonizzata*** jew li għalihom tkun inħarġet valutazzjoni teknika Ewropea, jew il-manifattur tagħhom, ma jkunux konformi, hija għandha twettaq evalwazzjoni b'rabta mal-prodotti u mal-manifattur ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti rispettivi stipulati minn dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Emenda 350

Proposta għal regolament

Artikolu 70 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, matul dik l-evalwazzjoni, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li l-prodotti jew il-manifattur tagħhom ma jkunux konformi mar-rekwiżiti u l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament, hija għandha, mingħajr dewmien, titlob lill-operaturi ekonomiċi rilevanti jieħdu l-azzjonijiet korrettivi xierqa u proporzjonati kollha biex iġibu l-prodotti jew il-manifattur ***innifsu*** konformi ma' dawk ir-rekwiżiti u l-obbligi jew biex jirtiraw il-prodotti mis-suq, jew isejħulhom lura, dan kollu f'perjodu raġonevoli u b'mod proporzjonat man-natura u l-grad tan-nuqqas ta' konformità. L-azzjoni korrettiva meħtieġa li għandha tittieħed mill-operaturi ekonomiċi tista' tinkludi l-azzjonijiet elenkati fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2019/1020.	Meta, matul dik l-evalwazzjoni, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li l-prodotti jew il-manifattur tagħhom ma jkunux konformi mar-rekwiżiti u l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament, hija għandha, mingħajr dewmien, titlob lill-operaturi ekonomiċi rilevanti jieħdu l-azzjonijiet korrettivi xierqa u proporzjonati kollha biex iġibu l-prodotti jew il-manifattur ***tagħhom*** konformi ma' dawk ir-rekwiżiti u l-obbligi jew biex jirtiraw il-prodotti mis-suq, jew isejħulhom lura, dan kollu f'perjodu raġonevoli u b'mod proporzjonat man-natura u l-grad tan-nuqqas ta' konformità. L-azzjoni korrettiva meħtieġa li għandha tittieħed mill-operaturi ekonomiċi tista' tinkludi l-azzjonijiet elenkati fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Emenda 351

Proposta għal regolament

Artikolu 70 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fejn, fi żmien ***xahrejn*** mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni minn xi Stat Membru jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' xi miżura ***provviżorja*** meħuda minn Stat Membru b'rabta mal-prodott ikkonċernat, dik il-miżura għandha titqies bħala waħda ġustifikata.	7. Fejn, fi żmien ***tliet xhur*** mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni minn xi Stat Membru jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' xi miżura ***proviżorja*** meħuda minn Stat Membru b'rabta mal-prodott ikkonċernat, dik il-miżura għandha titqies bħala waħda ġustifikata.

Emenda 352

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn, mat-tlestija tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 70(4), jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew fejn il-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha ***tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat***, jekk il-miżura hijiex ġustifikata jew le.	Fejn, mat-tlestija tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 70(4), jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew fejn il-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha ***tadotta atti ta' implimentazzjoni, fi żmien erba' xhur min-notifika riċevuta skont l-Artikolu 70(4)***, ***fejn tistabbilixxi d-deċiżjoni tagħha*** jekk il-miżura hijiex ġustifikata jew le.

Emenda 353

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk il-miżura nazzjonali titqies li hija ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-prodott mhux konformi jiġi rtirat mis-swieq tagħhom, u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni kif xieraq. Jekk il-miżura nazzjonali titqies li ma hijiex ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira l-miżura.	2. Jekk il-miżura nazzjonali titqies li hija ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom***, mingħajr dewmien,*** jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-prodott mhux konformi jiġi rtirat mis-swieq tagħhom, u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni kif xieraq. Jekk il-miżura nazzjonali titqies li ma hijiex ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira l-miżura.

Emenda 354

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fejn il-miżura nazzjonali titqies li hija ġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-prodott għall-bini jkun attribwit għal nuqqasijiet fid-dokument Ewropew ta' valutazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 70(5), il-punt (c), il-Kummissjoni għandha tinforma l-organizzazzjoni tal-korpi VT dwar in-nuqqas u, jekk meħtieġ, titlob ir-reviżjoni tad-dokument Ewropew ta' valutazzjoni kkonċernat.

Emenda 355

Proposta għal regolament

Artikolu 73

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 73	***imħassar***
Kontrolli minimi u riżorsi umani minimi	
1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-għadd minimu ta' kontrolli li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' kull Stat Membru fuq prodotti speċifiċi koperti minn speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew b'rabta ma' rekwiżiti speċifiċi stabbiliti f'tali miżuri sabiex jiġi żgurat li l-kontrolli jitwettqu fuq skala adegwata biex jiġi ssalvagwardjat l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament. L-atti delegati jistgħu, fejn rilevanti, jispeċifikaw in-natura tal-kontrolli meħtieġa u l-metodi li għandhom jintużaw.	
2. Il-Kummissjoni għandha wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-riżorsi umani minimi li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq fir-rigward tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament.	

Emenda 356

Proposta għal regolament

Artikolu 74 – paragrafu 2– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) telabora linji gwida għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' rekwiżiti u obbligi stabbiliti ***fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(3) u (4) u fl-Artikolu 5(2)*** u ***(3) u fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 22(4)***, inklużi prattiki u metodoloġiji komuni għal sorveljanza effettiva tas-suq.	(d) telabora linji gwida għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' rekwiżiti u obbligi stabbiliti ***fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati adottati skont dan ir-Regolament***, inklużi prattiki u metodoloġiji komuni għal sorveljanza effettiva tas-suq***, bhan-numru u t-tipi ta' kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq;***

Emenda 357

Proposta għal regolament

Artikolu 74 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) telabora linji gwida għall-operaturi ekonomiċi dwar l-applikazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament.

Emenda 358

Proposta għal regolament

Artikolu 75 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandu jkollhom id-dritt li jirkupraw mingħand l-operaturi ekonomiċi li ***jkollhom fil-pussess tagħhom prodott mhux konformi jew mingħand il-manifattur*** il-kostijiet tal-ispezzjoni tad-dokumenti u tal-ittestjar fiżiku tal-prodott.	***Meta prodott jinstab li ma jkunx konformi,*** l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandu jkollhom id-dritt li jirkupraw mingħand l-operaturi ekonomiċi li ***jkunu qiegħdu jew għamlu disponibbli l-prodott fis-suq*** il-kostijiet tal-ispezzjoni tad-dokumenti u tal-ittestjar fiżiku tal-prodott***, b'ġustifikazzjoni tal-kostijiet***.

Emenda 359

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jużaw ***l-intelliġenza*** artifiċjali biex jidentifikaw prattiki diverġenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet.	8. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jużaw ***sistemi tal-intelliġenza*** artifiċjali biex jidentifikaw prattiki diverġenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Emenda 360

Proposta għal regolament

Artikolu 78

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 78	***imħassar***
Bażi tad-data jew sistema tal-UE dwar il-prodotti għall-bini	
1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 87, billi tistabbilixxi bażi tad-data jew sistema tal-Unjoni dwar il-prodotti għall-bini li tibni, sa fejn ikun possibbli, fuq il-Passaport Diġitali tal-Prodotti stabbilit bir-Regolament (UE) ... [Ir-Regolament dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli].	
2. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni kollha maħżuna f'dik il-bażi tad-data jew fis-sistema li tirrigwardjahom speċifikament. Huma jistgħu jitolbu li tiġi kkoreġuta l-informazzjoni skorretta.	
3. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħti aċċess għal din il-bażi tad-data jew is-sistema lil ċerti awtoritajiet ta' pajjiżi terzi li japplikaw dan ir-Regolament b'mod volontarju jew li għandhom sistemi regolatorji għall-prodotti għall-bini simili għal dan ir-Regolament, diment li dawn il-pajjiżi:	
(a) jiżguraw il-kunfidenzjalità,	
(b) ikunu sħab ta' mekkaniżmu għal trasferimenti legali ta' data personali konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 [48]***,***	
(c) jimpenjaw ruħhom li jinvolvu ruħhom b'mod attiv billi jinnotifikaw fatti li jistgħu jwasslu għall-ħtieġa ta' azzjoni mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, u	
(d) jimpenjaw ruħhom li jinvolvu ruħhom kontra operaturi ekonomiċi li jiksru dan ir-Regolament mit-territorju tagħhom.	
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 88(1).	
[48] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88).	

Emenda 361

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-operaturi ekonomiċi permezz ta' punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini. L-Istati Membri għandhom jaħtru u jżommu mill-inqas punt ta' kuntatt wieħed għall-prodotti għall-bini fit-territorju tagħhom u għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt tagħhom għall-prodotti għall-bini jkollhom setgħat suffiċjenti u riżorsi adegwati għat-twettiq xieraq tal-kompiti tagħhom ***u, bi kwalunkwe rata, mill-inqas ekwivalenza full-time waħda għal kull Stat Membru u ekwivalenza full-time waħda addizzjonali għal kull għaxar miljuni ta' abitanti***. Huma għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini jipprovdu s-servizzi tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1724 ([49]) u li jikkoordinaw mal-punti ta' kuntatt għar-rikonoxximent reċiproku stabbiliti mill-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 2019/515 ([50]).	1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-operaturi ekonomiċi permezz ta' punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini. L-Istati Membri għandhom jaħtru u jżommu mill-inqas punt ta' kuntatt wieħed għall-prodotti għall-bini fit-territorju tagħhom u għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt tagħhom għall-prodotti għall-bini jkollhom setgħat suffiċjenti u riżorsi adegwati għat-twettiq xieraq tal-kompiti tagħhom. Huma għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini jipprovdu s-servizzi tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1724 ([49]) u li jikkoordinaw mal-punti ta' kuntatt għar-rikonoxximent reċiproku stabbiliti mill-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 2019/515. ([50])
([49]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1-***38***).	([49]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).
([50]) Ir-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 1-***18***).	([50]) Ir-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 1).

Emenda 362

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini għandhom iwieġbu fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta jirċievu kwalunkwe talba skont il-paragrafu 3.	3. Il-punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini għandhom iwieġbu ***jew jipprovdu informazzjoni mingħajr ħlas*** fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta jirċievu kwalunkwe talba skont il-paragrafu 3.

Emenda 363

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-punti ta' kuntatt għall-prodotti għall-bini ma għandhom jitolbu l-ebda ħlas għall-għoti tal-informazzjoni skont il-paragrafu 3.	***imħassar***

Emenda 364

Proposta għal regolament

Kapitolu IXa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kapitolu IXa
	Passaport diġitali tal-prodotti għall-bini u reġistru tal-passaporti tal-prodotti
	Artikolu 81a
	Stabbiliment tal-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini
	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi passaport diġitali tal-prodotti għall-bini f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.
	Il-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini għandu jkun kompatibbli u interoperabbli mal-passaport diġitali tal-prodotti stabbilit mir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli], mingħajr ma tiġi kompromessa l-interoperabbiltà mal-Immudellar tal-Informazzjoni dwar il-Bini (BIM) billi jitqiesu l-karatteristiċi u r-rekwiżiti speċifiċi relatati mal-prodotti għall-bini.
	2. Il-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini għandu jikkonsisti minn:
	(a) id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni jew id-dikjarazzjoni kkombinata tal-prestazzjoni u tal-konformità;

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) l-informazzjoni tal-prodott stabbilita fl-Anness I, Parti D; u
	(c) id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikoli 64(1), 65(1), 66(1) u l-Anness II, punt 11(b).
	3. Il-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini għandu jkun aċċessibbli b'mezz elettroniku permezz ta' mezz ta' data.
	4. Il-mezzi ta' data li ġejjin jew mezzi simili jistgħu jintużaw biex jinkiseb aċċess għall-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini:
	(a) kodiċi QR;
	(b) barcode;
	(c) Ċippa RFID;
	(d) permalink.
	5. Il-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini għandu jkun aċċessibbli mingħajr ħlas għall-operaturi ekonomiċi, il-klijenti, l-utenti u l-awtoritajiet kollha permezz tal-mezz ta' data. Jistgħu jiġu pprovduti livelli differenti ta' aċċess filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, informazzjoni kummerċjali sensittiva jew li tiġi żgurata s-sikurezza tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni.
	6. Il-passaporti diġitali tal-prodotti għall-bini għandhom ikunu aċċessibbli fuq is-sit web jew il-bażi tad-data tal-manifattur jew fuq pjattaforma online magħżula mill-manifattur tal-prodotti rispettivi għal 10 snin wara t-tqegħid tal-aħħar prodott fis-suq. Wara dan il-perjodu ta' żmien, l-informazzjoni jew għandha tkompli tibqa' aċċessibbli mill-manifattur jew għandha tiġi ttrasferita lir-reġistru ċentralizzat tal-Kummissjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 81d.
	7. Il-manifattur għandu, tal-anqas kull sentejn, jivverifika l-korrettezza tal-informazzjoni li tinsab fil-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini.
	8. Ladarba prodott għall-bini jitqiegħed fis-suq, l-informazzjoni fil-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini konness miegħu tista' tiġi mmodifikata biss biex jiġu kkorreġuti żbalji klerikali. Kwalunkwe modifika għandha tkun disponibbli bl-użu tal-istess mezz tad-data u għandha tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-verżjoni l-ġdida u r-raġunijiet għall-aġġornament.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 81b
	Rekwiżiti ġenerali għall-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini
	1. Il-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:
	(a) għandu jkun konness permezz ta' mezz ta' data wieħed jew aktar mal-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku tat-tip ta' prodott;
	(b) il-mezz ta' data għandu jitwaħħal mal-prodott jew fuq tikketta mwaħħla miegħu b'mod li tkun tidher sewwa, tista' tinqara u ma titħassarx. Meta n-natura tal-prodott ma tippermettix jew ma tiggarantixxix dan, il-mezz ta' data għandu jiġi indikat fuq l-imballaġġ jew fuq id-dokumenti ta' akkumpanjament;
	(c) il-mezz ta' data għandu jikkonforma mal-istandard ("ISO/IEC") 15459:2015;
	(d) l-informazzjoni kollha inkluża fil-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini għandha tkun ibbażata fuq standards miftuħa, żviluppati b'format interoperabbli u għandha tkun strutturata , tista' tinqara u titfittex mill-magni, f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 81c. Id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 81a(2)(c) għandha tkun eżentata minn dan l-obbligu meta tkun iġġustifikata għal raġunijiet tekniċi;
	(e) l-informazzjoni inkluża fil-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini għandha tirreferi għall-prodott li jikkorrispondi għall-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku tat-tip ta' prodott.
	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 biex temenda l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku billi tissostitwixxi l-istandard imsemmi f'dak il-punt jew billi żżid standards Ewropej jew internazzjonali oħrajn li l-mezz ta' data u l-identifikaturi uniċi għandhom jikkonformaw magħhom għall-finijiet li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. L-operatur ekonomiku li jqiegħed il-prodott fis-suq għandu jipprovdi lill-operaturi ekonomiċi l-oħra b'kopja diġitali tal-mezz ta' data biex jippermetti lill-operaturi ekonomiċi l-oħra jagħmlu aċċessibbli għall-klijenti meta ma jkunux jistgħu jaċċessaw fiżikament il-prodott. L-operatur ekonomiku li jqiegħed il-prodott fis-suq għandu jipprovdi dik il-kopja diġitali mingħajr ħlas u fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mit-talba tal-operatur ekonomiku l-ieħor.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 81c
	Id-disinn tekniku u t-tħaddim tal-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini
	Id-disinn tekniku u t-tħaddim tal-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali li ġejjin:
	(a) il-passaporti tal-prodotti għall-bini għandhom ikunu kompletament interoperabbli ma' passaporti diġitali tal-prodotti għall-bini oħra fir-rigward tal-aspetti tekniċi, semantiċi u organizzattivi tal-komunikazzjoni minn tarf sa tarf u tat-trasferiment tad-data;
	(b) id-data inkluża fil-passaport diġitali tal-prodott għall-bini għandhom jaħżnuha l-manifatturi responsabbli għall-ħolqien tagħha jew l-operaturi awtorizzati biex jaġixxu f'isimhom;
	(c) jekk id-data inkluża fil-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini tinħażen jew tiġi pproċessata b'mod ieħor minn operaturi awtorizzati li jaġixxu f'isimhom, dawk l-operaturi ma għandhomx jitħallew ibigħu, jerġgħu jużaw jew jipproċessaw tali data, kompletament jew parzjalment, lil hinn minn dak meħtieġ għall-forniment tas-servizzi rilevanti tal-ħżin jew tal-ipproċessar;
	(d) il-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini għandu jibqa' disponibbli għal 10 snin mid-data tal-aħħar tqegħid fis-suq tal-prodott għall-bini rispettiv, inkluż wara insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloq il-passaport tal-prodott; wara dan il-perjodu ta' żmien, l-informazzjoni jew għandha tibqa' tkun aċċessibbli mill-manifattur jew għandha tiġi ttrasferita lir-reġistru ċentralizzat tal-Kummissjoni;
	(e) għandhom ikunu żgurati l-awtentikazzjoni, l-affidabbiltà u l-integrità tad-data;
	(f) il-passaporti diġitali tal-prodotti għall-bini għandhom jiġu disinjati u mħaddma b'mod li jiżgura livell għoli ta' sigurtà u privatezza u li jevita l-frodi.
	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 biex temenda r-rekwiżiti essenzjali speċifikati f'dan l-Artikolu fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 81d
	Reġistru ta' passaporti tal-prodotti għall-bini
	1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru li jaħżen l-informazzjoni inkluża fil-passaporti tal-prodotti għall-bini b'atti delegati adottati skont l-Artikolu 87.
	Ir-reġistru msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi tal-anqas:
	(a) lista tal-mezzi ta'data u l-identifikaturi uniċi tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 81b(1), il-punt (a);
	(b) l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 81a(2), kif trasferita mill-manifattur.
	Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni maħżuna fir-reġistru msemmi fl-ewwel subparagrafu tiġi pproċessata b'mod sigur u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, inklużi r-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali.
	2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 87 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-informazzjoni li, apparti li tkun inkluża fil-passaporti tal-prodotti, għandha tinħażen fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu tal-anqas il-kriterji li ġejjin:
	(a) il-ħtieġa li tkun tista' ssir il-verifika tal-awtentiċità tal-passaporti tal-prodotti;
	(b) ir-rilevanza tal-informazzjoni għat-titjib tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq u tal-kontrolli doganali fir-rigward tal-prodotti għall-bini;
	(c) il-ħtieġa li jkun evitat piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi ekonomiċi.
	3. Fir-rigward tar-responsabbiltà tagħha li tistabbilixxi u timmaniġġja r-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 u l-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali li tista' tirriżulta minn dik l-attività, il-Kummissjoni għandha titqies bħala kontrollur kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (8) tar-Regolament (UE) 2018/1725.
	4. L-operatur ekonomiku li jqiegħed il-prodott fis-suq għandu jtella', fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

Emenda 365

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwistjonijiet xjentifiċi, tekniċi u regolatorji, bl-għan li jittejbu s-sikurezza tal-prodotti jew il-ħarsien tal-ambjent;	(e) kwistjonijiet xjentifiċi, tekniċi u regolatorji, bl-għan li jittejbu s-sikurezza tal-prodotti jew il-ħarsien tal-ambjent ***jew tal-konsumaturi***;

Emenda 366

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Istati Membri dwar l-attivitajiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali li twettaq skont l-ewwel subparagrafu.

Emenda 367

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali b'informazzjoni magħżula ***mill-bażi tad-data tal-prodotti jew mis-sistema msemmija fl-Artikolu 78, għas-sistema*** msemmija fl-Artikolu 77 u għall-informazzjoni skambjata fost l-awtoritajiet skont dan ir-Regolament u tirċievi informazzjoni rilevanti dwar il-prodotti u dwar il-miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi meħuda minn dawn il-pajjiżi terzi jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tikkondividi tali informazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, fejn rilevanti.	2. Il-Kummissjoni***, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri,*** tista' tipprovdi lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali b'informazzjoni magħżula ***mis-sistema tal-passaport diġitali tal-prodotti għall-bini*** msemmija fl-Artikolu 77 u għall-informazzjoni skambjata fost l-awtoritajiet skont dan ir-Regolament u tirċievi informazzjoni rilevanti dwar il-prodotti u dwar il-miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi meħuda minn dawn il-pajjiżi terzi jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tikkondividi tali informazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, fejn rilevanti.

Emenda 368

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta l-ftehimiet ma' pajjiżi terzi jippermettu l-appoġġ reċiproku f'termini ta' infurzar, l-Istati Membri jistgħu, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jużaw is-setgħat stabbiliti fil-Kapitolu VIII ukoll għal azzjoni kontra operaturi ekonomiċi li jaġixxu b'mod illegali f'pajjiżi terzi jew fir-rigward tagħhom, sakemm il-pajjiżi terzi jirrispettaw il-valuri fundamentali msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluż l-istat tad-dritt. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lil pajjiżi terzi, permezz tal-Kummissjoni, biex jinfurzaw il-miżuri adottati skont il-Kapitolu VIII. Ma għandha ssehħ l-ebda kooperazzjoni skont dan il-Paragrafu fejn ma jkun hemm l-ebda reċiproċità de facto jew meta l-Kummissjoni tqajjem thassib ieħor, jiġifieri fir-rigward tal-kondizzjonijiet legali stabbiliti f'dan l-Artikolu jew il-kunfidenzjalità tad-data.	***imħassar***

Emenda 369

Proposta għal regolament

Artikolu 83 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Istati Membri jipprovdu inċentivi għal kategorija ta' prodotti koperta minn ***att delegat li jistabbilixxi l-klassijiet*** ta' prestazzjoni ***f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu*** 4***(4)*** jew ***"tikkettar tad-dawl tat-traffiku"*** f'konformità mal-Artikolu 22(5), dawk l-inċentivi għandhom jimmiraw lejn l-ogħla żewġ klassijiet ***popolati / kodiċijiet tal-kuluri, jew lejn klassijiet ogħla / kodiċijiet tal-kuluri aħjar.***	Meta l-Istati Membri jipprovdu inċentivi għal kategorija ta' prodotti koperta minn ***klassijiet*** ta' prestazzjoni ***stabbiliti f'konformità mal-Artikolu*** 4 jew ***tikketta*** f'konformità mal-Artikolu 22(5), dawk l-inċentivi għandhom jimmiraw lejn l-ogħla żewġ klassijiet.

Emenda 370

Proposta għal regolament

Artikolu 83 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ***att delegat jiddefinixxi*** l-klassijiet tal-prestazzjoni b'rabta ma' aktar minn parametru ta' sostenibbiltà wieħed, għandu jiġi indikat fih b'rabta ma' liema parametru ***jenħtieġ li*** jiġi implimentat dan l-Artikolu.	Meta l-klassijiet tal-prestazzjoni ***jiġu definiti*** b'rabta ma' aktar minn parametru ta' sostenibbiltà wieħed, għandu jiġi indikat fih b'rabta ma' liema parametru ***għandu*** jiġi implimentat dan l-Artikolu.

Emenda 371

Proposta għal regolament

Artikolu 83 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta ma jiġi adottat l-ebda att delegat skont l-Artikolu 4(4), il-Kummissjoni tista' tispeċifika fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4(3) liema livelli ta' prestazzjoni relatati mal-parametri tal-prodott għandhom jikkonċernaw l-inċentivi tal-Istati Membri. ***Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:*** ***(a) l-affordabbiltà relattiva tal-prodotti skont il-livell ta' prestazzjoni tagħhom;*** ***(b) il-ħtieġa li tiġi żgurata domanda suffiċjenti għal prodotti aktar sostenibbli mil-lat ambjentali.***	***imħassar***

Emenda 372

Proposta għal regolament

Artikolu 83 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll inċentivi għall-promozzjoni ta' prodotti għall-bini sostenibbli u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent li mhumiex koperti minn speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Emenda 373

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ***tissupplimenta dan ir-Regolament b'atti*** delegati ***skont l-Artikolu*** 87 billi ***tistabbilixxi*** rekwiżiti ta' sostenibbiltà ***applikabbli għall-kuntratti*** pubbliċi, ***inklużi*** l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' dawk ir-rekwiżiti mill-Istati Membri.	1. ***Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE,*** il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ***tadotta atti*** delegati ***f'konformità mal-Artikolu*** 87 ***li jissupplimentaw dan ir-Regolament*** billi ***jiġu stabbiliti*** rekwiżiti ta' sostenibbiltà ***li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri għal kuntratti*** pubbliċi ***li huma speċifikament offruti bħala kuntratti ta' akkwist pubbliku ekoloġiku***, ***inkluż*** l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' dawk ir-rekwiżiti mill-Istati Membri. ***L-ewwel att delegat għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2026. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jipprovdu assistenza teknika u finanzjarja lill-awtoritajiet kontraenti nazzjonali biex itejbu l-ħiliet u jħarrġu mill-ġdid lill-persunal inkarigat mill-akkwist pubbliku ekoloġiku.***

Emenda 374

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-rekwiżiti ***adottati*** skont il-paragrafu 1 għall-kuntratti ***pubbliċi*** mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE jew ***fil-punt*** (1) ***tal-Artikolu 3*** tad-Direttiva 2014/25/UE, jew mill-entitajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, jistgħu jieħdu l-forma ta' speċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji, kriterji tal-għażla, kriterji għall-għoti***,*** klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt, ***jew miri, kif xieraq***.	2. Ir-rekwiżiti ***ta' sostenibbiltà stabbiliti*** skont il-paragrafu 1 għall-kuntratti ***ta' akkwist pubbliku ekoloġiku*** mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE jew ***fl-Artikolu 3, il-punt*** (1) tad-Direttiva 2014/25/UE, jew mill-entitajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, jistgħu jieħdu l-forma ta' ***livelli ta' prestazzjoni jew*** speċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji, ***jew kif xieraq,*** kriterji tal-għażla, kriterji għall-għoti ***jew*** klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt, ***filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u r-restrizzjonijiet speċifiċi tal-awtoritajiet lokali żgħar u tal-SMEs***.

Emenda 375

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta tistabbilixxi ***r-rekwiżiti*** skont il-paragrafu 1 ***għall-kuntratti pubbliċi***, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:	3. Meta tistabbilixxi ***rekwiżiti ta' sostenibbiltà*** skont il-paragrafu 1 ***għal kuntratti ta' akkwist pubbliku ekoloġiku***, il-Kummissjoni għandha***, f'konformità mal-paragrafi 13 u 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, tikkonsulta esperti ddeżinjati minn kull Stat Membru u partijiet ikkonċernati rilevanti, twettaq valutazzjoni tal-impatt u*** tqis ***tal-anqas*** il-kriterji li ġejjin:

Emenda 376

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-benefiċċji ambjentali li jirriżultaw mill-użu ta' prodotti fl-ogħla żewġ klassijiet ta' prestazzjoni;

Emenda 377

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-fattibbiltà ekonomika għall-awtoritajiet kontraenti jew għall-entitajiet kontraenti biex jixtru prodotti aktar sostenibbli mil-lat ambjentali, mingħajr ma jinvolvu kostijiet sproporzjonati.	(c) il-fattibbiltà ekonomika għall-awtoritajiet kontraenti jew għall-entitajiet kontraenti biex jixtru prodotti aktar sostenibbli mil-lat ambjentali, mingħajr ma jinvolvu kostijiet sproporzjonati ***u filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' dawk il-prodotti fis-suq;***

Emenda 378

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri u l-kondizzjonijiet klimatiċi differenti;

Emenda 379

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) l-impatt fuq l-SMEs u l-ħtiġijiet tagħhom.

Emenda 380

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà stabbiliti skont il-paragrafu 1 għall-kuntratti ta' akkwist pubbliku ekoloġiku ma għandhomx jipprevjenu lill-Istati Membri milli jistabbilixxu rekwiżiti aktar ambizzjużi.

Emenda 381

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 3 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-Ekotikketta tal-UE u skemi oħra nazzjonali jew reġjonali tal-ekotikkettar EN ISO 14024 tat-tip I rikonoxxuti uffiċjalment f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) 66/2010 bħala kriterji tal-għażla, speċifikazzjonijiet tekniċi jew rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-kuntratt, f'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/24/UE.

Emenda 382

Proposta għal regolament

Artikolu 88 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tiġi ***assistita*** mill-Kumitat dwar il-Prodotti għall-Bini. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (proċedura konsultattiva).	1. Il-Kummissjoni għandha tiġi ***ggwidata*** mill-Kumitat dwar il-Prodotti għall-Bini. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (proċedura konsultattiva).

Emenda 383

Proposta għal regolament

Artikolu 89 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa mill-Artikolu 19(7), mill-Artikolu 21(3), mill-Artikoli 64 sa 66 u mill-Anness V tista' tiġi pprovduta fuq karta jew f'format elettroniku użat b'mod komuni u b'mod li jippermetti tniżżil permezz ta' links mhux modifikabbli (permalinks).	Id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa mill-Artikolu 19(7), mill-Artikolu 21(3), mill-Artikoli 64 sa 66 u mill-Anness V tista' tiġi pprovduta fuq karta jew f'format elettroniku użat b'mod komuni u b'mod li jippermetti tniżżil permezz ta' links mhux modifikabbli (permalinks ***jew minn mezzi ta' data oħra***).

Emenda 384

Proposta għal regolament

Artikolu 89 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-obbligi kollha ta' informazzjoni stabbiliti mill-Artikolu 7(3)***, (4)*** u (***6***), mill-Artikolu 19(1), (3), (5) u (6), mill-Artikolu ***20***(***2***) ***u*** (***3***), mill-Artikolu ***21***(***6) sa (9***), ***mill-punti*** (f) u (i) ***tal-Artikolu 22(2)***, mill-Artikolu 23(5), mill-Artikolu 24(6), mill-Artikolu 25(2), mill-Artikolu ***26***(***4***), mill-Artikolu ***27(2)***, mill-Artikoli ***28*** sa 39, mill-Artikolu 41(3), mill-Artikolu 44(3), (4), (6) u (7), mill-Artikolu 45(3), mill-Artikolu 46(2), mill-Artikolu 47, mill-Artikolu 49(5), mill-Artikolu 50(11), mill-Artikolu 53(1), mill-Artikolu 58(1), mill-Artikolu 59(2), mill-Artikolu 61, mill-Artikolu 70(1), (2), (4) u (6), mill-Artikolu 71(2), mill-Artikolu 72(1), (3) u (5), mill-Artikolu 76, mill-Artikolu 77, mill-Artikolu ***78(3), mill-Artikolu*** 79(2), mill-Artikolu 79(3), mill-Artikolu 80(2), mill-Artikolu 82(1) sa (3), (6) u (7) u mill-Artikolu 91 jistgħu jiġu ssodisfati b'mezzi elettroniċi. ***Madankollu, l-informazzjoni*** li għandha tiġi pprovduta f'konformità ***mal-Parti D tal-Anness I u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati li jispeċifikawha għandhom jiġu pprovduti fuq karta għall-prodotti mhux ittikkettati "mhux għall-konsumaturi" jew "għall-użu professjonali biss". Barra minn hekk, il-konsumaturi jistgħu jitolbu kwalunkwe informazzjoni oħra li għandha tiġi pprovduta fuq karta.***	L-obbligi kollha ta' informazzjoni stabbiliti mill-Artikolu 7(3) u (***4***), mill-Artikolu 19(1), (3), (5) u (6), mill-Artikolu ***21***(***6***) ***sa*** (***9***), mill-Artikolu ***22***(***2***), ***il-punti*** (f) u (i), mill-Artikolu 23(5), mill-Artikolu 24(6), mill-Artikolu 25(2), mill-Artikolu ***27***(***2***), mill-Artikolu ***28, mill-Artikolu 29, mill-Artikolu 31, mill-Artikolu 32***, mill-Artikoli ***34*** sa 39, mill-Artikolu 41(3), mill-Artikolu 44(3), (4), (6) u (7), mill-Artikolu 45(3), mill-Artikolu 46(2), mill-Artikolu 47, mill-Artikolu 49(5), mill-Artikolu 50(11), mill-Artikolu 53(1), mill-Artikolu 58(1), mill-Artikolu 59(2), mill-Artikolu 61, mill-Artikolu 70(1), (2), (4) u (6), mill-Artikolu 71(2), mill-Artikolu 72(1), (3) u (5), mill-Artikolu 76, mill-Artikolu 77, mill-Artikolu 79(2), mill-Artikolu 79(3), mill-Artikolu 80(2), mill-Artikolu 82(1) sa (3), (6) u (7) u mill-Artikolu 91 jistgħu jiġu ssodisfati b'mezzi elettroniċi. ***L-informazzjoni*** li għandha tiġi pprovduta f'konformità ***mal-Anness I Parti C3, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra, għandha tiġi pprovduta f'format stampat mingħajr ħlas fi żmien xahar, jekk tintalab mill-konsumatur fil-ħin tax-xiri.***

Emenda 385

Proposta għal regolament

Artikolu 90 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) nuqqas ta' divulgazzjoni ta' data jew dokumentazzjoni teknika li jistgħu jwasslu għas-sejħa lura tal-prodott għall-bini jew tal-komponenti tiegħu jew għar-rifjut jew l-irtirar tad-dikjarazzjoni ta' konformità;

Emenda 386

Proposta għal regolament

Artikolu 90 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) dikjarazzjonijiet foloz matul il-proċeduri ta' valutazzjoni u verifika li jkunu saru bil-ħsieb li jitfasslu d-dikjarazzjonijiet ta' prestazzjoni u konformità;

Emenda 387

Proposta għal regolament

Artikolu 90 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) falsifikazzjoni tar-riżultati ta' testijiet għal skopijiet ta' konformità jew sorveljanza tas-suq;

Emenda 388

Proposta għal regolament

Artikolu 90 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità ***mal-Parti D tal-Anness I*** u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati tkun nieqsa, mhux kompluta jew mhux korretta;	(g) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità ***mal-Anness I, il-Parti C3*** u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati tkun nieqsa, mhux kompluta jew mhux korretta;

Emenda 389

Proposta għal regolament

Artikolu 90 – paragrafu 2 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) is-servizzi tal-istampar 3D jiġu pprovduti bi ksur tal-Artikolu 28.	***imħassar***

Emenda 390

Proposta għal regolament

Artikolu 90 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament permezz ta' att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 87 sabiex tistabbilixxi penali minimi proporzjonati, immirati lejn l-operaturi ekonomiċi, il-korpi VT u l-korpi notifikati kollha involuti direttament jew indirettament fil-ksur tal-obbligi ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Emenda 391

Proposta għal regolament

Artikolu 91 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mhux aktar kmieni minn ***tmien*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-kontribut tiegħu għall-funzjonament tas-suq intern u għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-ambjent mibni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.	Mhux aktar kmieni minn ***ħames*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-kontribut tiegħu għall-funzjonament tas-suq intern u għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-ambjent mibni***. L-evalwazzjoni għandha fost l-oħrajn tivvaluta l-korrelazzjoni tar-Regolament rivedut dwar il-Prodotti għall-Bini mar-Regolament (UE) ... (ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli).*** Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

Emenda 392

Proposta għal regolament

Artikolu 92 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament (UE) 305/2011 jitħassar b'effett ***mill-1 ta' Jannar 2045***.	Ir-Regolament (UE) ***Nru*** 305/2011 jitħassar b'effett ***minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 2 sa 9, 11, 27 u 28, li jitħassru b'effett minn [10 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***.

Emenda 393

Proposta għal regolament

Artikolu 92 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Artikoli elenkati fl-ewwel subparagrafu se jkunu applikabbli biss għad-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni u għall-istandards armonizzati msemmija f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011 u mhux irtirati wara.

Emenda 394

Proposta għal regolament

Artikolu 93 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-istandards li ***ġejjin jibqgħu validi skont dan ir-Regolament, bħall-istandards imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2):***	3. L-istandards ***kollha*** li ***jkunu fis-seħħ fi [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] għandhom jibqgħu validi sakemm jiġu rtirati mill-Kummissjoni jew imħassra b'xi mod ieħor.***

Emenda 395

Proposta għal regolament

Artikolu 93 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a)	***imħassar***

Emenda 396

Proposta għal regolament

Artikolu 93 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b)	***imħassar***

Emenda 397

Proposta għal regolament

Artikolu 93 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) [għandhom jiddaħħlu matul in-negozjati tal-leġiżlaturi].	***imħassar***

Emenda 398

Proposta għal regolament

Artikolu 93 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni maħruġa ***qabel [sena (1) wara d-dħul*** fis-seħħ] jibqgħu validi sa [***3*** snin wara d-dħul fis-seħħ], sakemm ma jkunux skadew għal raġunijiet oħrajn. Il-prodotti mqiegħda fis-suq abbażi ta' dawn jistgħu jsiru disponibbli ulterjorment fis-suq għal ħames snin oħra.	4. Id-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni maħruġa ***sa [id-dħul*** fis-seħħ] jibqgħu validi sa [***5*** snin wara d-dħul fis-seħħ], sakemm ma jkunux skadew għal raġunijiet oħrajn. Il-prodotti mqiegħda fis-suq abbażi ta' dawn jistgħu jsiru disponibbli ulterjorment fis-suq għal ħames snin oħra.

Emenda 399

Proposta għal regolament

Artikolu 93 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċertifikati ***jew ir-rapporti tat-testijiet*** tal-korpi notifikati u l-valutazzjonijiet tekniċi Ewropej maħruġa skont ir-Regolament (UE) 305/2011 jibqgħu validi għal ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għall-familja jew il-kategorija ta' prodotti rispettiva adottata f'konformità mal-Artikolu 4(2), sakemm dawn id-dokumenti ma jkunux skadew għal raġunijiet oħrajn. Il-prodotti mqiegħda fis-suq abbażi ta' dawn id-dokumenti jistgħu jsiru disponibbli ulterjorment fis-suq għal ħames snin oħra.	5. Iċ-ċertifikati tal-korpi notifikati u l-valutazzjonijiet tekniċi Ewropej maħruġa skont ir-Regolament (UE) 305/2011 jibqgħu validi għal ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għall-familja jew il-kategorija ta' prodotti rispettiva adottata f'konformità mal-Artikolu 4(2), sakemm dawn id-dokumenti ma jkunux skadew għal raġunijiet oħrajn. Il-prodotti mqiegħda fis-suq abbażi ta' dawn id-dokumenti jistgħu jsiru disponibbli ulterjorment fis-suq għal ħames snin oħra.

Emenda 400

Proposta għal regolament

Artikolu 93a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 93a
	Pjan ta' ħidma għall-prijoritajiet tat-tranżizzjoni u tal-istandardizzazzjoni
	1. Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard minn [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ], tistabbilixxi pjan ta' ħidma li jkopri l-perjodu ta' tliet snin li jkun imiss.
	Il-Kummissjoni għandha tkun appoġġata minn grupp ta' esperti magħmul minn esperti ddeżinjati mill-Istati Membri u rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni u minn organizzazzjonijiet rilevanti Ewropej tal-partijiet ikkonċernati li jirċievu finanzjament mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ("il-Grupp ta' Esperti fuq l-Acquis dwar ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini").
	Ir-raġunijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni għandha ġġedded u taġġorna l-pjan ta' ħidma għall-perjodu ta' tliet snin ta' wara, sena qabel l-iskadenza tiegħu, sakemm dan ir-Regolament jibqa' applikabbli.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jekk il-Kummissjoni tqis li ma tistax tilħaq l-għanijiet stabbiliti fil-pjan ta' ħidma, hija għandha temendah kif xieraq mingħajr dewmien żejjed.
	2. Il-pjan ta' ħidma għandu jkun fih lista ta' familji jew kategoriji ta' prodotti li huma meqjusa bħala prijoritarji għall-iżvilupp ta' talbiet ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u l-ħruġ ta' talbiet ta' standardizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(2), l-Artikolu 4a u l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament. Din il-lista għandha tiġi aġġornata kull sena wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti fuq l-Acquis tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini.
	3. Fl-istabbiliment tal-prijoritajiet skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lis-sostituzzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri, kwistjonijiet dwar is-sikurezza relatati ma' xogħlijiet tal-kostruzzjoni u prodotti għall-bini u l-għanijiet tal-UE dwar il-klima u l-ekonomija ċirkolari. Il-Kummissjoni għandha tuża metodoloġija trasparenti u bbilanċjata ppubblikata flimkien mal-pjan ta' ħidma.
	4. Wara l-istabbiliment tal-pjan ta' ħidma, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-karatteristiċi essenzjali li jeħtieġu għall-familja jew il-kategorija ta' prodotti għall-bini rilevanti, inklużi l-metodi ta' valutazzjoni li japplikaw u kwalunkwe livell ta' limitu jew klassi ta' prestazzjoni li huma jqisu meħtieġa, kif ukoll rekwiżiti oħra tal-prodott.
	Meta l-Istati Membri jikkomunikaw il-ħtiġijiet regolatorji tagħhom lill-Kummissjoni skont l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tintegrahom fit-talba għall-istandardizzazzjoni fi żmien 12-il xahar. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi dikjarazzjoni tar-raġunijiet meta tirrifjuta li tintegra dawk il-ħtiġijiet regolatorji.
	5. Il-Kummissjoni għandha, darba fis-sena, tirrapporta lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma, inklużi t-talbiet għall-istandardizzazzjoni maħruġa u, meta xieraq, dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni u r-raġunijiet tiegħu. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-għadd ta' standards proposti mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, iż-żmien medju meħtieġ għall-valutazzjoni tal-istandards mill-Kummissjoni, u l-proporzjon bejn l-istandards aċċettati u rrifjutati mill-Kummissjoni.

Emenda 401

Proposta għal regolament

Anness I – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekwiżiti	Rekwiżiti ***għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni u prodotti għall-bini***

Emenda 402

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekwiżiti bażiċi għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni ***u l-karatteristiċi essenzjali li għandhom jiġu koperti***	Rekwiżiti bażiċi għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Emenda 403

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekwiżiti bażiċi għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni	***imħassar***

Emenda 404

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet ***kollha*** tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li t-tagħbijiet rilevanti kollha u kwalunkwe kombinament tagħhom jiġu sostnuti u trażmessi fl-art b'mod sikur u mingħajr ma jikkawżaw deflessjonijiet jew deformazzjonijiet ta' xi parti mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, jew moviment tal-art b'tali mod li titnaqqas id-durabbiltà, ir-reżistenza strutturali, ***is-servizzjar*** u r-robustezza tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni.	Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet ***rilevanti*** tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li t-tagħbijiet rilevanti kollha u kwalunkwe kombinament tagħhom jiġu sostnuti u trażmessi fl-art b'mod sikur u mingħajr ma jikkawżaw deflessjonijiet jew deformazzjonijiet ta' xi parti mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, jew moviment tal-art b'tali mod li titnaqqas id-durabbiltà, ir-reżistenza strutturali, ***il-kapaċità għas-servizz*** u r-robustezza tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

Emenda 405

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet ***kollha*** tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li avveniment ta' nirien jiġi evitat b'mod xieraq. F'każ ta' nirien, in-nirien għandhom jiġu identifikati u għandu jiġi attivat allarm jew għandha tiġi attivata twissija mingħajr dewmien. In-nirien u d-duħħan għandhom jitrażżnu u jiġu kkontrollati, u l-okkupanti tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għandhom jiġu protetti kontra n-nirien u d-duħħan. Għandu jkun hemm arranġamenti xierqa sabiex jiġu żgurati l-ħrib u l-evakwazzjoni b'mod sikur mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-okkupanti kollha tagħhom.	Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet ***rilevanti*** tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li avveniment ta' nirien jiġi evitat b'mod xieraq. F'każ ta' nirien, in-nirien għandhom jiġu identifikati u għandu jiġi attivat allarm jew għandha tiġi attivata twissija mingħajr dewmien. In-nirien u d-duħħan għandhom jitrażżnu u jiġu kkontrollati, u l-okkupanti tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għandhom jiġu protetti kontra n-nirien u d-duħħan. Għandu jkun hemm arranġamenti xierqa sabiex jiġu żgurati l-ħrib u l-evakwazzjoni b'mod sikur mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-okkupanti kollha tagħhom.

Emenda 406

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2– parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet kollha tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, ma ***jippreżentawx theddida akuta jew kronika għas-saħħa*** u ***għas-sikurezza*** tal-ħaddiema, ***okkupanti*** jew ***ġirien*** b'riżultat ta' xi punt minn dawn li ġejjin:	Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet kollha tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, ma ***jaffettwawx b'mod negattiv l-iġjene jew is-saħħa*** u ***s-sikurezza*** tal-ħaddiema, ***tal-okkupanti*** jew ***tal-ġirien*** b'riżultat ta' xi punt minn dawn li ġejjin:

Emenda 407

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-emissjonijiet ta' sustanzi perikoluż***i,*** ta' komposti organiċi volatili jew ta' partikoli perikoluż fl-arja ta' ġewwa;	(a) l-emissjonijiet ta' sustanzi perikoluż ta' komposti organiċi volatil***i, ta' rwejjaħ*** jew ta' partikoli perikoluż fl-arja ta' ġewwa;

Emenda 408

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) ir-rilaxx tal-mikroplastiċi;

Emenda 409

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) sa fejn ikun possibbli, ir-rilaxx ta' sustanzi ta' tħassib fl-arja ta' ġewwa jew fl-ilma;

Emenda 410

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-emissjonijiet ***perikoluż*i** fl-ambjent ta' barra tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni	L-emissjonijiet fl-ambjent ta' barra tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Emenda 411

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.7 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-rilaxx ta' sustanzi perikoluż*i* jew radjazzjoni fl-ilma ta' taħt l-art, fl-ilma baħar jew tal-wiċċ jew fil-ħamrija;	(a) ir-rilaxx ta' sustanzi perikoluż***i, mikroplastiċi,*** jew radjazzjoni ***fl-arja,*** fl-ilma ta' taħt l-art, fl-ilma baħar jew tal-wiċċ jew fil-ħamrija;

Emenda 412

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.7 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-rilaxx ta' emissjonijiet ***netti*** tal-gassijiet serra fl-atmosfera.	(d) ir-rilaxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera.

Emenda 413

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***l-użu*** ta' ***materja prima*** u ta' materja sekondarja ta' ***sostenibbiltà*** ambjentali għolja u b'hekk b'impronta ambjentali baxxa;	(a) ***il-massimizzazzjoni tal-użu effiċjenti tar-riżorsi*** ta' ***prodotti sekondarji*** u ta' materja sekondarja***, b'livell baxx*** ta' ***emissjonijiet tal-karbonju, b'bażi bijoloġika jew lokali miksuba b'mod sostenibbli kif ukoll materja prima b'sostenibbiltà*** ambjentali għolja u b'hekk b'impronta ambjentali baxxa;

Emenda 414

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***il-minimizzar*** tal-ammont globali ta' materja prima użata;	(b) ***il-minimizzazzjoni*** tal-ammont globali ta' materja prima użata ***u l-massimizzazzjoni tal-użu ta' materja sekondarja meta applikabbli***;

Emenda 415

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.8 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-minimizzazzjoni tal-volumi globali ta' skart iġġenerat;

Emenda 416

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 1 – punt 1.8 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) dekostruzzjoni faċli, użu ta' materjali minn sorsi sostenibbli, użati u riċiklati.

Emenda 417

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-karatteristiċi essenzjali ***li għandhom jiġu koperti***	***PARTI B: Il-karatteristiċi ambjentali essenzjali tal-prodotti għall-bini***

Emenda 418

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom***, sa fejn ikun possibbli,*** ikopru l-karatteristiċi essenzjali li ġejjin relatati mal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja:	L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom ikopru l-karatteristiċi essenzjali li ġejjin relatati mal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja:

Emenda 419

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***l-effetti tat-tibdil fil-klima*** (***obbligatorji***);	(a) ***it-total tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali*** (***obbligatorju***);

Emenda 420

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Il-Potenzjal ta' Tisħin Globali għall-fjuwils fossili (obbligatorju);

Emenda 421

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) Il-Potenzjal ta' Tisħin Globali għall-materjali bijoġeniċi (obbligatorju);

Emenda 422

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) Il-Potenzjal ta' Tisħin Globali għall-użu tal-art u t-tibdil fl-użu tal-art (obbligatorju);

Emenda 423

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***it-tnaqqis tal-ożonu;***	(b) ***il-potenzjal ta' tnaqqis tas-saff*** tal-ożonu ***stratosferiku (obbligatorju)***;

Emenda 424

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-potenzjal għall-aċidifikazzjoni;	(c) il-potenzjal għall-aċidifikazzjoni***, l-akkumulazzjoni ta' qabżiet fil-limitu (obbligatorju)***;

Emenda 425

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***l-ewtrofikazzjoni*** tal-ilma ħelu;	(d) ***il-potenzjal tal-ewtrofikazzjoni, il-frazzjoni tan-nutrijenti li jilħqu l-kompartiment finali*** tal-ilma ħelu ***(obbligatorju)***;

Emenda 426

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***l-ewtrofikazzjoni*** tal-ilma baħar;	(e) ***il-potenzjal tal-ewtrofikazzjoni, il-frazzjoni tan-nutrijenti li jilħqu l-kompartiment finali*** tal-ilma baħar ***(obbligatorju)***;

Emenda 427

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***l-ewtrofikazzjoni terrestri***;	(f) ***il-potenzjal għall-ewtrofikazzjoni, l-akkumulazzjoni ta' qabżiet fil-limitu (obbligatorju)***;

Emenda 428

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ***l-ożonu fotokimiku***;	(g) ***il-potenzjal ta' formazzjoni tal-ożonu troposferiku (obbligatorju)***;

Emenda 429

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) ***it-tnaqqis abijotiku – minerali, metalli;***	(h) ***il-potenzjal ta' tnaqqis abijotiku għal riżorsi mhux fossili;***

Emenda 430

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) it-tnaqqis abijotiku – ***fjuwils*** fossili;	(i) it-tnaqqis abijotiku ***għall-potenzjal tar-riżorsi*** fossili ***(obbligatorju)***;

Emenda 431

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) ***l-użu*** tal-ilma;	(j) ***il-potenzjal tad-deprivazzjoni tal-ilma (l-utent), il-konsum*** tal-ilma ***ponderat skont id-deprivazzjoni (obbligatorju)***;

Emenda 432

Proposta għal regolament

Anness I – Parti A – punt 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom jindikaw li ***għall-karatteristika*** essenzjali ***tal-effetti tat-tibdil fil-klima*** skont ***il-punt (a)***, huwa obbligatorju għall-manifattur li jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott kif stabbilit fl-Artikoli 11(2) u 22(1).	L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom jindikaw li***, għall-karatteristiċi*** essenzjali ***fl-ewwel subparagrafu*** skont ***il-punti (a) sa (j)***, huwa obbligatorju għall-manifattur li jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott kif stabbilit fl-Artikoli 11(2) u 22(1). ***Sa... [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], għandu jkun obbligatorju għall-manifattur li jiddikjara l-karatteristiċi essenzjali skont il-punti (k) sa (p).***

Emenda 433

Proposta għal regolament

Anness I – Parti B – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	PARTI C: Rekwiżiti tal-prodotti
PARTI ***B***: Rekwiżiti li jiżguraw il-funzjonament u l-prestazzjoni xierqa tal-prodotti	PARTI ***C1***: Rekwiżiti li jiżguraw il-funzjonament u l-prestazzjoni xierqa tal-prodotti

Emenda 434

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Parti C: Rekwiżiti inerenti tal-prodotti	PARTI C***2***: Rekwiżiti inerenti tal-prodotti

Emenda 435

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 1 – punt 1.2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fejn l-evitar tar-riskju ma jkunx possibbli, ir-riskji għandhom jitnaqqsu, jittaffew u jiġu indirizzati permezz ta' twissijiet dwar il-prodott, l-imballaġġ tiegħu u fl-istruzzjonijiet għall-użu;	(c) fejn l-evitar tar-riskju ma jkunx possibbli, ir-riskji għandhom jitnaqqsu, jittaffew u jiġu indirizzati permezz ta' twissijiet dwar il-prodott, l-imballaġġ tiegħu u fl-istruzzjonijiet għall-użu***, fejn tali twissijiet ma jkunux diġà meħtieġa minn atti legali applikabbli oħra tal-Unjoni***;

Emenda 436

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ambjent huwa relatat mal-estrazzjoni u mal-manifattura tal-materjali, mal-manifattura tal-prodott, mal-manutenzjoni tiegħu, mal-potenzjal tiegħu li jibqa' kemm jista' jkun fit-tul f'ekonomija ċirkolari u l-fażi ta' tmiem il-ħajja tiegħu.	L-ambjent huwa relatat mal-estrazzjoni u mal-manifattura tal-materjali, mal-manifattura tal-prodott, ***mat-trasport ta' materjali u prodotti,*** mal-manutenzjoni tiegħu, mal-potenzjal tiegħu li jibqa' kemm jista' jkun fit-tul f'ekonomija ċirkolari u l-fażi ta' tmiem il-ħajja tiegħu.

Emenda 437

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1. Il-prodotti għandhom ikunu ddisinjati, immanifatturati, u ppakkjati b'tali mod li l-aspetti inerenti ambjentali tal-prodott li ġejjin jiġu indirizzati ***f'konformità mal-oġħla livell ta' żvilupp tekniku***:	2.1. Il-prodotti għandhom ikunu ddisinjati, immanifatturati, u ppakkjati b'tali mod li l-aspetti inerenti ambjentali tal-prodott li ġejjin jiġu indirizzati ***kull fejn ikun possibbli mingħajr telf ta' sikurezza***:

Emenda 438

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-massimizzazzjoni tad-durabbiltà f'termini tal-ħajja medja mistennija, il-ħajja minima mistennija fl-aġħar ***kundizzjonijiet*** iżda xorta waħda realistiċi, u f'termini tar-rekwiżiti minimi tal-ħajja;	(a) il-massimizzazzjoni tad-durabbiltà ***u l-affidabbiltà tal-prodott jew tal-komponenti tiegħu kif espress permezz tal-ħajja garantita ta' prodott, l-indikazzjoni teknika tal-ħajja ta' informazzjoni dwar l-użu reali tal-prodott, ir-reżistenza għall-istress jew il-mekkaniżmi ta' tiqdim sabiex tiġi estiża l-ħajja tal-bini u l-fażi tal-użu tiegħu u*** f'termini tal-ħajja medja mistennija, il-ħajja minima mistennija fl-aġħar ***kondizzjonijiet*** iżda xorta waħda realistiċi, u f'termini tar-rekwiżiti minimi tal-ħajja***. L-emissjonijiet mill-estensjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja għandhom jiġu vvalutati u mqabbla mal-emissjonijiet ta' twaqqigħ u rikostruzzjoni permezz ta' awditi ta' qabel it-twaqqigħ***;

Emenda 439

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-massimizzazzjoni tal-kontenut ***riċiklat kull fejn possibbli mingħajr telf ta' sikurezza jew l-iskorriment tal-impatt ambjentali negattiv***;	(c) il-massimizzazzjoni tal-kontenut ***użat mill-ġdid, riċiklat, rinnovabbli, u tal-prodotti sekondarji;***;

Emenda 440

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-għażla ta' sustanzi sikuri u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;	(d) l-għażla ta' sustanzi sikuri***, sostenibbli mid-disinn,*** u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

Emenda 441

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-effiċjenza fir-riżorsi;	(f) ***il-materjali u*** l-effiċjenza fir-riżorsi***, inkluż il-massimizzazzjoni tal-użu ta' materjali rinnovabbli***;

Emenda 442

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) modularità;

Emenda 443

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ***it-tiswija*** matul il-ħajja mistennija;	(i) ***il-faċilità ta' tiswija*** matul il-ħajja mistennija;

Emenda 444

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) ***il-possibbiltà*** ta' manutenzjoni u ta' rinnovazzjoni matul il-ħajja mistennija;	(j) ***il-faċilità*** ta' manutenzjoni u ta' rinnovazzjoni matul il-ħajja mistennija;

Emenda 445

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(la) l-akkwist sostenibbli, kif muri mid-dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta u ċ-ċertifikazzjoni tal-akkwist sostenibbli, meta rilevanti;

Emenda 446

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(lb) il-minimizzazzjoni tal-proporzjon bejn il-prodott u l-imballaġġ;

Emenda 447

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(lc) ir-rilaxx ta' rwejjaħ jew sustanzi b'effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem fl-arja ta' ġewwa;

Emenda 448

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ld) ir-rilaxx tal-mikroplastik;

Emenda 449

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(le) ammonti ta' skart iġġenerat, b'mod partikolari skart perikoluż u skart mingħajr trattament ta' riċiklaġġ identifikat;

Emenda 450

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.1 – punt 1f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(lf) in-nuqqas ta' skart li b'xi mod ieħor jista' jerġa' jintuża jew jiġi riċiklat sar-rimi finali, inkluż l-inċinerazzjoni bl-irkupru tal-enerġija, jew mirdum.

Emenda 451

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom jispeċifikaw kif xieraq dawn ir-rekwiżiti inerenti ambjentali tal-prodott**,** li jistgħu jkunu relatati ***ma'***, ***iżda essenzjalment ikunu indipendenti mill-fażi*** tal-installazzjoni tal-prodott f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni.	***L-atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 5(2)*** għandhom jispeċifikaw**,** kif xieraq**,** dawn ir-rekwiżiti inerenti ambjentali tal-prodott ***għal familji jew kategoriji ta' prodotti***, li jistgħu jkunu relatati ***mal-fażi*** tal-installazzjoni tal-prodott f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni***, iżda essenzjalment ikunu indipendenti minnha***.

Emenda 452

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2– parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jiġu speċifikati r-rekwiżiti inerenti ambjentali tal-prodott, ***l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati*** għandhom tal-anqas ikopru l-elementi li ġejjin:	Meta jiġu speċifikati r-rekwiżiti inerenti ambjentali tal-prodott, ***l-atti delegati*** għandhom tal-anqas ikopru l-elementi li ġejjin:

Emenda 453

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***jekk ikun possibbli***, jiddefinixxu ***l-ogħla livell*** ta' ***żvilupp tekniku fl-indirizzar tal-aspetti ambjentali*** fir-rigward tal-kategorija rispettiva tal-prodott, inkluż il-kontenut minimu riċiklat;	(a) jiddefinixxu ***l-aspetti ambjentali f***ir-rigward tal-kategorija rispettiva tal-prodott, ***li mill-anqas għandha tinkludi l-emissjonijiet*** ta' ***gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu, l-effiċjenza tar-riżorsi***, inkluż il-kontenut minimu riċiklat***, u l-użu mill-ġdid***;

Emenda 454

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta dan ma jkunx jista' jiġi evitat, l-effetti u r-riskji negattivi għandhom jitnaqqsu, jittaffew u jiġu indirizzati permezz ta' twissijiet dwar il-prodott, l-imballaġġ tiegħu u fl-istruzzjonijiet għall-użu.	(c) meta dan ma jkunx jista' jiġi evitat, l-effetti u r-riskji negattivi ***derivati minn kwalunkwe tip ta' prestazzjoni tal-prodott*** għandhom jitnaqqsu, jittaffew u jiġu indirizzati permezz ta' twissijiet dwar il-prodott, l-imballaġġ tiegħu u fl-istruzzjonijiet għall-użu.

Emenda 455

Proposta għal regolament

Anness I – Parti C – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jiġu speċifikati r-rekwiżiti inerenti ambjentali tal-prodott, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn dawn f'konformità mal-klassijiet ta' prestazzjoni.	***L-atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 5(2) għandhom, meta applikabbli, jiddeterminaw il-livelli ta' limitu obbligatorji u l-klassijiet ta' prestazzjoni għal familji u kategoriji ta' prodotti partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti inerenti ambjentali tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 2.***

Emenda 456

Proposta għal regolament

Anness I – Parti D – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
PARTI ***D***: Rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prodott	Parti ***C3***: Rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prodott

Emenda 457

Proposta għal regolament

Anness I – Parti D – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prodotti għandhom ikunu akkumpanjati mill-informazzjoni li ġejja:	1. Il-prodotti għandhom ikunu akkumpanjati mill-informazzjoni li ġejja***, meta xieraq***:

Emenda 458

Proposta għal regolament

Anness I – Parti D – punt 1 – punt 1.3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.3. Regoli dwar it-trasport, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, id-dekostruzzjoni u t-twaqqigħ:	1.3. Regoli dwar it-trasport, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, id-dekostruzzjoni***, it-tneħħija mill-installazzjoni*** u t-twaqqigħ***, meta applikabbli***:

Emenda 459

Proposta għal regolament

Anness I – Parti D – punt 1 – punt 1.3 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Is-sikurezza matul it-trasport, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, id-dekostruzzjoni u t-twaqqigħ:	(a) Is-sikurezza matul it-trasport, l-installazzjoni, ***it-tneħħija mill-installazzjoni,*** il-manutenzjoni, id-dekostruzzjoni u t-twaqqigħ:

Emenda 460

Proposta għal regolament

Anness I – Parti D – punt 1 – punt 1.3 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) it-tip u l-frekwenza tal-ispezzjonijiet u tal-manutenzjoni meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza u, ***fejn*** xieraq, il-partijiet soġġetti għall-użu u l-kriterji għas-sostituzzjoni;	(ii) it-tip u l-frekwenza tal-ispezzjonijiet u tal-manutenzjoni meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza u ***durabbiltà u***, ***meta*** xieraq, il-partijiet soġġetti għall-użu u l-kriterji għas-sostituzzjoni;

Emenda 461

Proposta għal regolament

Anness I – Parti D – punt 1 – punt 1.6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fejn disponibbli, informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-prodott kif imkejla f'termini tar-rekwiżiti ambjentali inerenti tal-prodott tiegħu.

Emenda 462

Proposta għal regolament

Anness II – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-reġistrazzjoni(jiet) tal-prodotti tal-manifattur fil-bażijiet ta' data tal-UE***, u l-post preċiż fihom fejn jista' jinstab il-prodott,*** u s-sit web tal-preżentazzjoni tal-prodott tiegħu stess;	(a) ir-reġistrazzjoni(jiet) tal-prodotti tal-manifattur fil-bażijiet ta' data tal-UE u s-sit web tal-preżentazzjoni tal-prodott tiegħu stess;

Emenda 463

Proposta għal regolament

Anness II – punt 3 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali;	(h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali***, meta disponibbli***;

Emenda 464

Proposta għal regolament

Anness II – punt 4 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali;	(h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali***, meta disponibbli***;

Emenda 465

Proposta għal regolament

Anness II – punt 5 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali.	(h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali***, meta disponibbli***.

Emenda 466

Proposta għal regolament

Anness II – punt 6 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali.	(h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali***, meta disponibbli***.

Emenda 467

Proposta għal regolament

Anness II – punt 11 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-lista ta' karatteristiċi essenzjali, kif determinata fl-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata jew fid-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni għall-kategorija ta' prodotti rispettiva li għaliha tiġi ddikjarata prestazzjoni.	(a) il-lista ta' karatteristiċi essenzjali, kif determinata fl-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata jew fid-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni għall-kategorija ta' prodotti rispettiva li għaliha tiġi ddikjarata prestazzjoni. ***Meta ma tiġi ddikjarata l-ebda prestazzjoni għal karatteristika essenzjali waħda, isimha xorta jista' jiġi elenkat u l-post fejn il-prestazzjoni tista' tingħata jibqa' vojt.***

Emenda 468

Proposta għal regolament

Anness III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċedura ***għall-adozzjoni ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni***	Proċedura ***li tikkonċerna Valutazzjoni Teknika Ewropea***

Emenda 469

Proposta għal regolament

Anness III – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Fin-nuqqas ta' talba għal Valutazzjoni Teknika Ewropea, meta l-Kummissjoni tibda l-iżvilupp ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, hija għandha twassal lill-organizzazzjoni ***tat-TAB*** fajl tekniku li jiddeskrivi l-prodott, l-użu tiegħu u d-dettalji tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika sabiex isir applikabbli. ***Il-Kummissjoni tagħżel it-TAB sabiex jaġixxi bħala t-TAB responsabbli, wara li tikkonsulta l-organizzazzjoni tat-TAB***.	(c) Fin-nuqqas ta' talba għal Valutazzjoni Teknika Ewropea, meta l-Kummissjoni tibda l-iżvilupp ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, hija għandha twassal lill-organizzazzjoni ***tal-korpi VT*** fajl tekniku li jiddeskrivi l-prodott, l-użu tiegħu u d-dettalji tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika sabiex isir applikabbli. ***Il-korp VT responsabbli għall-iżvilupp tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni għandu jiġi nnominat mill-organizzazzjoni tal-korpi VT***.

Emenda 470

Proposta għal regolament

Anness III – punt 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Fin-nuqqas ta' talba għal Valutazzjoni Teknika Ewropea, l-organizzazzjoni tal-korpi VT tista' tniedi l-iżvilupp ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni. F'dan il-każ, hija għandha tagħti lill-grupp ta' ħidma responsabbli għall-iżvilupp tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni fajl tekniku li jiddeskrivi l-prodott, l-użu tiegħu u d-dettalji tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika li għandu jsir applikabbli. Il-korp VT responsabbli li jippresiedi l-grupp ta' ħidma għall-iżvilupp tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni għandu jiġi nnominat mill-organizzazzjoni tal-korpi VT.

Emenda 471

Proposta għal regolament

Anness III – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Programm ta' ħidma ***Wara l-konklużjoni tal-kuntratt mal-manifattur jew mal-Grupp, l-organizzazzjoni tat-TAB għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-programm ta' ħidma għat-tfassil tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, l-iskeda għall-eżekuzzjoni tiegħu u tindika l-programm ta' valutazzjoni. Din il-komunikazzjoni għandha ssir fi żmien tliet (3) xhur mill-wasla tat-talba għall-Valutazzjoni Teknika Ewropea.***	***imħassar***

Emenda 472

Proposta għal regolament

Anness III – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni ***L-organizzazzjoni tat-TAB għandha tiffinalizza abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni permezz tal-grupp ta' ħidma kkoordinat mit-TAB responsabbli u għandha tikkomunika dan l-abbozz lill-partijiet ikkonċernati fi żmien sitt (6) xhur mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun ġiet informata bil-programm ta' ħidma f'każijiet previsti fil-punti 1(a) u 1(b) jew mid-data li fiha l-Kummissjoni kkomunikat lit-TAB responsabbli l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-programm ta' ħidma fil-każ previst fil-punt 1(c).***	***imħassar***

Emenda 473

Proposta għal regolament

Anness III – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Parteċipazzjoni tal-Kummissjoni ***Rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jipparteċipa, bħala osservatur, fil-partijiet kollha tal-eżekuzzjoni tal-programm ta' ħidma. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-organizzazzjoni tat-TAB sabiex fi kwalunkwe stadju tabbanduna jew timmodifika l-iżvilupp ta' ċertu Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, inkluż l-amalgamazzjoni jew il-qsim tiegħu.***	***imħassar***

Emenda 474

Proposta għal regolament

Anness III – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Konsultazzjonijiet mal-Istati Membri ***Fil-każ previst fil-punt 1(c), il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar l-iżvilupp tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni wara l-finalizzazzjoni tal-programm ta' ħidma għalih. Meta jintalbu, l-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fejn xieraq fl-eżekuzzjoni tiegħu.***	***imħassar***

Emenda 475

Proposta għal regolament

Anness III – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Estensjoni u dewmien	***imħassar***
Kwalunkwe dewmien fir-rigward tat-termini stabbiliti fil-punti 1 sa 4 f'dan l-Anness għandu jiġi rrapportat mill-grupp ta' ħidma lill-organizzazzjoni tat-TAB u lill-Kummissjoni.	
Jekk estensjoni tat-termini għall-iżvilupp tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni tista' tkun iġġustifikata, speċjalment minnuqqas ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-sistema applikabbli ta' valutazzjoni u verifika għall-prodott jew mill-ħtieġa li jiġi żviluppat metodu ġdid ta' ttestjar, għandu jiġi stabbilit terminu estiż mill-Kummissjoni.	

Emenda 476

Proposta għal regolament

Anness III – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Emendi u adozzjoni tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni	***imħassar***
8.1. Fil-każijiet previsti fil-punti 1.(a) u 1.(b), it-TAB responsabbli għandu jikkomunika l-abbozz tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni lill-manifattur jew lill-Grupp, rispettivament, li għandu jkollu 15-il jum tax-xogħol sabiex jirreaġixxi għalih. Wara dan, l-organizzazzjoni tat-TAB għandha:	
(a) jekk applikabbli, tinforma lill-manifattur jew lill-Grupp, dwar kif ir-reazzjonijiet tagħhom ikunu ġew ikkunsidrati;	
(b) tadotta l-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni;	

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jibgħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni.	
8.2. Fil-każ prevista fil-punt 1.(c), it-TAB responsabbli għandu:	
(a) tadotta l-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni;	
(b) jibgħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni.	
Jekk fi żmien 30 jum tax-xogħol mill-wasla, il-Kummissjoni tikkomunika lill-organizzazzjoni tat-TAB l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, l-organizzazzjoni tat-TAB, wara li tkun ingħatat l-opportunità li tikkummenta, għandha temenda l-abbozz bix-xieraq u għandha tibgħat kopja tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni adottat fil-każijiet previsti fil-punti 1.(a) u 1.(b) lill-manifattur jew lill-Grupp, rispettivament, u fil-każijiet kollha lill-Kummissjoni.	

Emenda 477

Proposta għal regolament

Anness III – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni Finali li għandu jiġi ppubblikat	***imħassar***
L-organizzazzjoni tal-korpi VT għandha tadotta d-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni finali u għandha tintbagħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni, flimkien ma' traduzzjoni tat-titolu tiegħu bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, għall-pubblikazzjoni tar-referenza tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. L-organizzazzjoni tat-korpi VT għandha tippubblika d-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni.	

Emenda 478

Proposta għal regolament

Anness IIIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness IIIa
	Proċedura għall-adozzjoni ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni
	1. Programm ta' ħidma
	Fil-każijiet previsti mill-punti 1(a) u 1(b) tal-Anness III, wara ftehim mal-manifattur u mal-Grupp rispettivament, l-organizzazzjoni tal-korpi VT għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-programm ta' ħidma għat-tfassil tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, l-iskeda għall-eżekuzzjoni tiegħu u tindika l-programm ta' valutazzjoni. Din il-komunikazzjoni għandha ssir fi żmien tliet xhur minn meta tasal it-talba għal Valutazzjoni Teknika Ewropea minn korp VT, li għandu jibda l-proċedura kif stabbilit fl-Anness III, il-punti 1(a) u 1(b).
	Fil-każijiet koperti fl-Anness III, il-punt 1(c), l-organizzazzjoni tal-korpi VT għandha tissottometti lill-Kummissjoni l-programm ta' ħidma għat-tfassil tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni bl-istess kontenut u fl-istess skadenza kif indikat għall-każijiet msemmija fis-subparagrafu preċedenti. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tikkomunika lill-organizzazzjoni tal-korpi VT fi żmien 30 jum tax-xogħol l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-programm ta' ħidma. Il-korp VT responsabbli jew l-organizzazzjoni tal-korpi VT, rispettivament, wara li jkunu ngħataw l-opportunità li jikkummentaw, għandhom jemendaw il-programm ta' ħidma kif xieraq.
	Fil-każ previst fl-Anness III, il-punt 1(d), l-organizzazzjoni tal-korpi VT għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-programm ta' ħidma għat-tfassil tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, l-iskeda għall-eżekuzzjoni tiegħu u tindika l-programm ta' valutazzjoni.
	2. L-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni
	L-organizzazzjoni tal-korpi VT għandha tiffinalizza abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni permezz tal-grupp ta' ħidma kkoordinat mill-korp VT responsabbli u għandha tikkomunika tali abbozz lill-partijiet ikkonċernati fi żmien sitt (6) xhur mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun ġiet informata bil-programm ta' ħidma fil-każijiet previsti fl-Anness III, il-punti 1(a) u 1(b) jew mid-data li fiha l-Kummissjoni kkomunikat lill-korp VT responsabbli l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-programm ta' ħidma fil-każ previst fl-Anness III, il-punt 1(c).

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. Parteċipazzjoni tal-Kummissjoni
	Rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jipparteċipa, bħala osservatur, fil-partijiet kollha tal-eżekuzzjoni tal-programm ta' ħidma. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-organizzazzjoni tal-korpi VT sabiex fi kwalunkwe stadju timmodifika l-iżvilupp ta' ċertu Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, inkluż l-amalgamazzjoni jew il-qsim tiegħu.
	4. Konsultazzjonijiet mal-Istati Membri
	Fil-każ previst fl-Anness III, il-punt 1(c), il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar l-iżvilupp tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni wara l-finalizzazzjoni tal-programm ta' ħidma għalih. Meta jintalbu, l-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw meta xieraq fl-eżekuzzjoni tiegħu.
	L-osservazzjonijiet mill-Istati Membri għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni u ttrattati minnha. L-organizzazzjoni tal-korpi VT għandha tiġi infurmata mill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla fil-programm ta' ħidma, meħtieġa u maqbula mill-Kummissjoni, fil-perjodu ta' żmien mogħti lill-Kummissjoni biex tikkummenta dwar il-programm ta' ħidma qabel ma tibda l-iżvilupp tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni.
	5. Estensjoni u dewmien
	Kwalunkwe dewmien fir-rigward tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Anness III, il-punt 2 jew fil-punti 1 u 2 ta' dan l-Anness għandu jiġi rrapportat mill-grupp ta' ħidma lill-organizzazzjoni tal-korpi VT u lill-Kummissjoni.
	Jekk estensjoni tat-termini għall-iżvilupp tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni tista' tkun iġġustifikata, speċjalment minnuqqas ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-sistema applikabbli ta' valutazzjoni u verifika għall-prodott jew mill-ħtieġa li jiġi żviluppat metodu ġdid ta' ttestjar, għandu jiġi stabbilit terminu estiż mill-Kummissjoni.
	6. Emendi u adozzjoni tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni
	6.1 Fil-każijiet previsti fl-Anness III, il-punti 1(a) u 1(b), il-korp VT responsabbli għandu jikkomunika l-abbozz tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni lill-manifattur jew lill-Grupp, rispettivament, li għandu jkollhom 15-il jum tax-xogħol sabiex jirreaġixxu għalih. Wara dan, l-organizzazzjoni tal-korpi VT għandha:
	(a) jekk applikabbli, tinforma lill-manifattur jew lill-Grupp, dwar kif ir-reazzjonijiet tagħhom ikunu ġew ikkunsidrati;

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) tadotta l-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni; u
	(c) tibgħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni.
	6.2 Fil-każijiet previsti fl-Anness III, il-punti 1(c) u 1(d), il-korp VT responsabbli għandu:
	(a) jadotta l-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni; u
	(b) jibgħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni.
	Jekk fi żmien 30 jum tax-xogħol mill-wasla, il-Kummissjoni tikkomunika lill-organizzazzjoni tal-korp VT l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, l-organizzazzjoni tal-korpi VT, wara li tkun ingħatat l-opportunità li tikkummenta, għandha temenda l-abbozz kif xieraq u għandha tibgħat kopja tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni adottat fil-każijiet previsti fil-punti 1(a) u 1(b) lill-manifattur jew lill-Grupp, rispettivament, u fil-każijiet kollha lill-Kummissjoni.
	Jekk il-Kummissjoni ma tirċievi l-ebda kumment fi żmien xahrejn, id-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni għandu jkun meqjus li ġie aċċettat minnha.
	7. Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni Finali li għandu jiġi ppubblikat
	L-organizzazzjoni tal-korpi VT għandha tadotta d-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni finali u għandha tintbagħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni, flimkien ma' traduzzjoni tat-titolu tiegħu bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, għall-pubblikazzjoni tar-referenza tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni għandha ssir fi żmien 90 jum. L-organizzazzjoni tat-korpi VT għandha tippubblika d-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni.
	Għall-pubblikazzjoni tar-referenza ta' emenda ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li tissostitwixxi l-verżjoni msemmija qabel tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, l-organizzazzjoni tal-korpi VT għandha tipproponi perjodu ta' koeżistenza lill-Kummissjoni. In-notifiki tal-korpi notifikati bbażati fuq id-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni li qed issir referenza għalihom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ma jiskadux iżda jibqgħu validi skont il-kondizzjonijiet tal-Artikoli 58 u 59.

Emenda 479

Proposta għal regolament

Anness IV – tabella 1

Test propost mill-Kummissjoni

Tabella 1 – Oqsma tal-prodott

KODIĊI TAL-QASAM	QASAM TAL-PRODOTT
1	PRODOTTI TAL-KONKRIT ***MOGĦTIJA L-FORMA MINN QABEL NORMALI/ĦFIEF/LI JINQASMU WAĦEDHOM U MOGĦTIJA L-ARJA***.
2	BIBIEN, TWIEQI, XATERS, GRADI U AĊĊESSORJI RELATATI MAL-BINI.
3	MEMBRANI, INKLUŻI DAWK APPLIKATI BĦALA LIKWIDU U KITS (GĦALL-KONTROLL TAL-ILMA U/JEW TAL-FWAR MILL-ILMA).
4	PRODOTTI TA' ***IŻOLAMENT TERMALI***. KITS/SISTEMI KOMPOSTI TA' ***IŻOLAMENT***.
5	BERINGS STRUTTURALI. PINS GĦAL ĠONOT STRUTTURALI.
6	ĊMIENI, TROMBI TAGĦĦOM U PRODOTTI SPEĊIFIĊI.
7	PRODOTTI TAL-ĠIBS.
8	***ĠEOTESSILI***, ĠEOMEMBRANI, U PRODOTTI RELATATI.
9	KITTIJIET TA' ĦITAN MINN BARRA/KISI/SISTEMI TA' GLEJŻJAR SIĠILLANT STRUTTURALI.
10	TAGĦMIR FISS TAT-TIFI TAN-NAR (PRODOTTI TA' TWISSIJA F'KAŻ TA' ***TA'*** NAR/***RILEVAMENT*** TA' NAR, TAT-TIFI TAN-NAR ***FISS***, TA' KONTROLL TAN-NAR U D-DĦAĦEN U TA' TRAŻŻIN TA' SPLUŻJONIJIET)
11	PRODOTTI TAL-INJAM STRUTTURALI/ELEMENTI U PRODOTTI ANĊILLARI.
12	PANNELLI U ELEMENTI BBAŻATI FUQ L-INJAM.
13	SIMENT, ĠIR TAL-BINI U ***BINDERS*** IDRAWLIĊI OĦRAJN.
14	AZZAR TAR-RINFURZAR U PRESTRESSING GĦALL-KONKOS (U PRODOTTI ANĊILLARI). KITS TAL-POST TENSIONING.
15	BINI BIL-ĠEBEL U PRODOTTI RELATATI. UNITAJIET TA' BINI BIL-ĠEBEL, ***TIKĦIL*** U PRODOTTI ANĊILLARI.
16	PRODOTTI TAL-INĠINERIJA TAL-ILMA MORMI.
17	PAVIMENTAR.
18	PRODOTTI METALLIĊI STRUTTURALI U PRODOTTI ANĊILLARI.

KODIĊI TAL-QASAM	QASAM TAL-PRODOTT
19	KISI INTERN U ESTERN TAL-ĦITAN U TAS-SOQFA. KITS TA' DIVIŻJONI INTERNA.
20	KISI TAL-BJUT, TAMBOĊĊI, TWIEQI FIS-SOQFA U PRODOTTI ANĊILLARI. KITS GĦAS-SOQFA.
21	PRODOTTI GĦALL-BINI TAT-TOROQ.
22	AGGREGATI.
23	ADEŻIVI TAL-KOSTRUZZJONI.
24	PRODOTTI RELATATI MAL-KONKRIT, ***TIKĦIL*** U MAL-***GROUTING***.
25	TAGĦMIR LI JSAĦĦAN L-AMBJENT.
26	PAJPIJIET-TANKIJIET U PRODOTTI ANĊILLARI LI MA HUMIEX F'KUNTATT MA' ILMA MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM.
27	PRODOTTI TA' ĦĠIEĠ ĊATT, ĦĠIEĠ PROFILAT U BLOKOK TAL-ĦĠIEĠ.
28	KEJBILS TAL-ELETTRIKU, TA' KONTROLL U TA' KOMUNIKAZZJONI.
29	SIĠILLANTI GĦALL-ĠONOT.
30	FISSANTI.
31	KITS TAL-BINI, UNITAJIET U ELEMENTI PREFABBRIKATI.
32	PRODOTTI TA' TWAQQIF TA' NIRIEN, SIĠILLANTI TAN-NIRIEN U PRODOTTI GĦALL-PROTEZZJONI KONTRA N-NIRIEN. PRODOTTI ***LI JITTARDJAW IN-NIRIEN***.
33	PRODOTTI ***TAL-KOSTRUZZJONI*** MHUX INKLUŻI FL-OQSMA TAL-PRODOTTI TA' HAWN FUQ.

Emenda

Tabella 1 – Oqsma tal-prodott

KODIĊI TAL-QASAM	QASAM TAL-PRODOTT
1	PRODOTTI TAL-KONKRIT ***PREFABBRIKAT NORMALI/ĦAFIF/AWTOKLAVAT ARJAT***
2	BIBIEN, TWIEQI, XATERS, GRADI U AĊĊESSORJI RELATATI MAL-BINI.
3	MEMBRANI, INKLUŻI DAWK APPLIKATI BĦALA LIKWIDU U KITS (GĦALL-KONTROLL TAL-ILMA U/JEW TAL-FWAR MILL-ILMA).
4	PRODOTTI TA' ***IŻOLAZZJONI TERMIKA***. KITS/SISTEMI KOMPOSTI TA' ***IŻOLAZZJONI***.

KODIĊI TAL-QASAM	QASAM TAL-PRODOTT
5	BERINGS STRUTTURALI. PINS GĦAL ĠONOT STRUTTURALI.
6	ĊMIENI, TROMBI TAGĦĦOM U PRODOTTI SPEĊIFIĊI.
7	PRODOTTI TAL-ĠIBS.
8	***ĠEOTESSUTI***, ĠEOMEMBRANI, U PRODOTTI RELATATI.
9	***ĦAJT PURTIERA/TLIBBIS/ARMAR TAL-ĦĠIEĠ BIS-SIĠILLANT STRUTTURALI***.
10	TAGĦMIR FISS TAT-TIFI TAN-NAR (PRODOTTI TA' TWISSIJA F'KAŻ TA' NAR/***DETEZZJONI*** TAN-NAR, ***PRODOTTI TAT-TIFI*** TAN-NAR ***FISSI***, ***PRODOTTI TA'*** KONTROLL TAN-NAR U D-DĦAĦEN U TA' TRAŻŻIN TA' SPLUŻJONIJIET).
11	PRODOTTI TAL-INJAM STRUTTURALI/ELEMENTI U PRODOTTI ANĊILLARI.
12	PANNELLI U ELEMENTI BBAŻATI FUQ L-INJAM.
13	SIMENT, ĠIR TAL-BINI U ***LEGANTI*** IDRAWLIĊI OĦRAJN.
14	AZZAR TAR-RINFURZAR U PRESTRESSING GĦALL-KONKOS (U PRODOTTI ANĊILLARI). KITS TAL-POST TENSIONING.
15	BINI BIL-ĠEBEL U PRODOTTI RELATATI. UNITAJIET TA' BINI BIL-ĠEBEL, ***TAJN*** U PRODOTTI ANĊILLARI.
16	PRODOTTI TAL-INĠINERIJA TAL-ILMA MORMI.
17	PAVIMENTAR.
18	PRODOTTI METALLIĊI STRUTTURALI U PRODOTTI ANĊILLARI.
19	KISI INTERN U ESTERN TAL-ĦITAN U TAS-SOQFA. KITS TA' DIVIŻJONI INTERNA.
20	KISI TAL-BJUT, TAMBOĊĊI, TWIEQI FIS-SOQFA U PRODOTTI ANĊILLARI. KITS GĦAS-SOQFA.
21	PRODOTTI GĦALL-BINI TAT-TOROQ.
22	AGGREGATI.
23	ADEŻIVI TAL-KOSTRUZZJONI.
24	PRODOTTI RELATATI MAL-KONKRIT, ***MAT-TAJN*** U MAL-***GROUT***.
25	TAGĦMIR LI JSAĦĦAN L-AMBJENT.
26	PAJPIJIET-TANKIJIET U PRODOTTI ANĊILLARI LI MA HUMIEX F'KUNTATT MA' ILMA MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM.
27	PRODOTTI TA' ĦĠIEĠ ĊATT, ĦĠIEĠ PROFILAT U BLOKOK TAL-ĦĠIEĠ.
28	KEJBILS TAL-ELETTRIKU, TA' KONTROLL U TA' KOMUNIKAZZJONI.

KODIĊI TAL-QASAM	QASAM TAL-PRODOTT
29	SIĠILLANTI GĦALL-ĠONOT.
30	FISSANTI.
31	KITS TAL-BINI, UNITAJIET U ELEMENTI PREFABBRIKATI.
32	PRODOTTI TA' TWAQQIF TA' NIRIEN, SIĠILLANTI TAN-NIRIEN U PRODOTTI GĦALL-PROTEZZJONI KONTRA N-NIRIEN. PRODOTTI ***RITARDANTI TAN-NAR***.
32a	***SLIELEM IMDENDLIN***
33	PRODOTTI ***GĦALL-BINI*** MHUX INKLUŻI FL-OQSMA TAL-PRODOTTI TA' HAWN FUQ.

Emenda 480

Proposta għal regolament

Anness V – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifattur għandu jiddetermina b'mod korrett it-tip ta' prodott skont l-Artikolu 3(31), u l-kategorija tal-prodott korrispondenti abbażi tal-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata applikabbli. Meta korp notifikat ikun involut fil-valutazzjoni u fil-verifika, il-korp notifikat għandu jivverifika dawn id-determinazzjonijiet***, inkluża l-verifika li l-ebda oġġett identiku ma jiġi ddikjarat li huwa ta' tip differenti***.	Il-manifattur għandu jiddetermina b'mod korrett it-tip ta' prodott skont l-Artikolu 3(31), u l-kategorija tal-prodott korrispondenti abbażi tal-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata applikabbli. Meta korp notifikat ikun involut fil-valutazzjoni u fil-verifika, il-korp notifikat għandu jivverifika dawn id-determinazzjonijiet.

Emenda 481

Proposta għal regolament

Anness V – punt 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Il-korp notifikat għandu joħroġ iċ-ċertifikat ta' prestazzjoni u ta' konformità abbażi ta':	(b) Il-korp notifikat għandu joħroġ iċ-ċertifikat ***ta' kostanza*** ta' prestazzjoni u ta' konformità abbażi ta':

Emenda 482

Proposta għal regolament

Anness V – punt 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodott abbażi tal-ittestjar tat-tip (inkluż il-kampjunar tal-oġġett(i) li għandu/ għandhom jittieħed/jittieħdu bħala rappreżentattiv(i) tat-tip), il-kalkolu tat-tip jew il-valuri tabulati u, f'dawn il-każijiet kollha, ir-rieżami tad-dokumentazzjoni tal-prodott;	(ii) valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodott abbażi tal-ittestjar tat-tip (inkluż il-kampjunar tal-oġġett(i) li għandu/ għandhom jittieħed/jittieħdu bħala rappreżentattiv(i) tat-tip), il-kalkolu tat-tip jew il-valuri tabulati ***jew id-dokumentazzjoni deskrittiva tal-prodott*** u, f'dawn il-każijiet kollha, ir-rieżami tad-dokumentazzjoni tal-prodott;

Emenda 483

Proposta għal regolament

Anness V – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Il-korp notifikat għandu jipprovdi sorveljanza, valutazzjoni u evalwazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika. ***F'din l-okkażjoni, huwa għandu jwettaq kontroll ta' 50 punt aleatorju li jaqgħu taħt il-paragrafi (a) (ii) sa (iv) u għandu jirtira ċ-ċertifikat f'każ li jsib aktar minn 2 nuqqasijiet ta' konformità jew ta' nuqqas ta' konformità partikolarment gravi, fost dawn il-50 punt u l-verifiki l-oħrajn li jridu jsiru f'konformità ma' dan il-paragrafu.***	(c) Il-korp notifikat għandu jipprovdi sorveljanza, valutazzjoni u evalwazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika.

Emenda 484

Proposta għal regolament

Anness V – punt 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Il-korp notifikat għandu joħroġ iċ-ċertifikat ta' prestazzjoni u ta' konformità abbażi ta':	(b) Il-korp notifikat għandu joħroġ iċ-ċertifikat ***ta' kostanza*** ta' prestazzjoni u ta' konformità abbażi ta':

Emenda 485

Proposta għal regolament

Anness V – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Il-korp notifikat għandu jipprovdi sorveljanza, valutazzjoni u evalwazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika. ***F'din l-okkażjoni, huwa għandu jwettaq kontroll ta' 40 punt aleatorju li jaqgħu taħt l-entrati (a) (ii) sa (iv) u għandu jirtira r-rapport jew iċ-ċertifikat f'każ li jsib aktar minn 2 nuqqasijiet ta' konformità jew nuqqas ta' konformità partikolarment gravi wieħed, fost dawn l-40 punt u l-verifiki l-oħrajn li għandhom isiru f'konformità ma' dan il-paragrafu.***	(c) Il-korp notifikat għandu jipprovdi sorveljanza, valutazzjoni u evalwazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika.

Emenda 486

Proposta għal regolament

Anness V – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Il-korp notifikat għandu jipprovdi sorveljanza, valutazzjoni u evalwazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika. ***F'din l-okkażjoni, huwa għandu jwettaq kontroll ta' 30 punt aleatorju li jaqgħu taħt il-paragrafi (a) (iii) sa (v) u għandu jirtira ċ-ċertifikat f'każ li jsib aktar minn 2 nuqqasijiet ta' konformità jew nuqqas ta' konformità partikolarment gravi, fost dawn it-30 punt u l-verifiki l-oħrajn li għandhom isiru f'konformità ma' dan il-paragrafu.***	(c) Il-korp notifikat għandu jipprovdi sorveljanza, valutazzjoni u evalwazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika.

Emenda 487

Proposta għal regolament

Anness V – punt 5 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodott abbażi tal-ittestjar (inkluż il-kampjunar tal-oġġett(i) li għandu/għandhom jittieħed/jittieħdu bħala rappreżentattiv(i) tat-tip), il-kalkolu tat-tip, il-valuri tabulati jew id-dokumentazzjoni deskrittiva ta' dak il-prodott;	***imħassar***

Emenda 488

Proposta għal regolament

Anness V – punt 5 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ***konferma tad-determinazzjoni korretta tat-tip ta' prodott u tal-kategorija tal-prodott u konferma tal-valutazzjoni korretta*** tal-prestazzjoni ***tal-prodott*** abbażi tal-ittestjar ***tat-tip*** (abbażi tal-kampjunar imwettaq mill-manifattur), il-kalkolu ***tat-tip jew*** il-valuri tabulati ***u, f'dawn il-każijiet kollha, ir-rieżami tad-dokumentazzjoni*** tal-prodott;	(i) ***valutazzjoni*** tal-prestazzjoni abbażi tal-ittestjar ***imwettaq minn laboratorju għall-ittestjar notifikat*** (abbażi tal-kampjunar imwettaq mill-manifattur), il-kalkolu***,*** il-valuri tabulati ***jew id-dokumentazzjoni deskrittiva*** tal-prodott ***għall-bini***;

Emenda 489

Proposta għal regolament

Anness V – punt 5 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) it-twettiq ta' kontroll ta' 20 punt aleatorju li jaqgħu taħt il-paragrafi (a) (iii) u (iv) u r-rifjut tal-ħruġ ta' ċertifikat f'każ li jsib aktar minn 2 nuqqasijiet ta' konformità jew nuqqas ta' konformità partikolarment gravi, fost dawn l-20 punt u l-verifiki l-oħrajn li għandhom isiru f'konformità ma' dan il-paragrafu.	(ii) ***konferma tad-determinazzjoni korretta tat-tip ta' prodott u tal-kategorija tal-prodott;***

Emenda 490

Proposta għal regolament

Anness V – punt 7 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-ispezzjoni tal-impjant tal-manifattura għandha tkopri l-parti teknika kollha tal-impjant, tal-anqas fir-rigward ***tal-elementi*** li ***ġejjin***, li ***għandhom jiżguraw*** proċess ta' manifattura kontinwu u ***kkontrollat***:	(a) ***Fil-każ tas-sistemi 1+, 1 u 2+,*** l-ispezzjoni tal-impjant tal-manifattura għandha tkopri l-parti teknika kollha tal-impjant, tal-anqas fir-rigward ***tal-element*** li ***ġej***, li ***għandu jiżgura*** proċess ta' manifattura kontinwu u ***ordnat***:

Emenda 491

Proposta għal regolament

Anness V – punt 7 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-kompetenza xierqa tal-persunal;	(i) il-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika li jispeċifika l-miżuri u l-frekwenzi previsti biex tiġi żgurata l-kostanza tal-prestazzjoni inklużi l-parametri kritiċi għall-prestazzjoni.

Emenda 492

Proposta għal regolament

Anness V – punt 7 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-adegwatezza tat-tagħmir tekniku;	***imħassar***

Emenda 493

Proposta għal regolament

Anness V – punt 7 – punt a – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-adegwatezza tal-faċilitajiet u kundizzjonijiet oħrajn li jinfluwenzaw il-manifattura;	***imħassar***

Emenda 494

Proposta għal regolament

Anness V – punt 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Il-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika għandu jkopri l-proċess mill-wasla tal-materja prima u l-komponenti sad-dispaċċ tal-prodott ladarba l-produzzjoni tkun bdiet (approċċ "minn bieb sa bieb"). ***Huwa*** għandu jivvaluta jekk dan il-proċess huwiex iddisinjat u ottimizzat fid-dawl tal-għan li l-prodotti jikkonformaw mat-tip ta' prodott u għalhekk jilħqu l-prestazzjonijiet iddikjarati fid-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni u li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jew taħtu.	(b) Il-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika għandu jkopri l-proċess mill-wasla tal-materja prima u l-komponenti sad-dispaċċ tal-prodott ladarba l-produzzjoni tkun bdiet (approċċ "minn bieb sa bieb") ***u jinkludi bħala minimu l-parametri kritiċi għall-prestazzjoni. Fil-każ tas-sistemi 1+, 1 u 2+, il-korp notifikat*** għandu jivvaluta jekk dan il-proċess huwiex iddisinjat u ottimizzat fid-dawl tal-għan li l-prodotti jikkonformaw mat-tip ta' prodott u għalhekk jilħqu l-prestazzjonijiet iddikjarati fid-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni u li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jew taħtu.

Emenda 495

Proposta għal regolament

Anness V – punt 7 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***Il-verifika tal-entrati għandha, sa 50 %, tinkludi entrati fil-mira li x'aktarx ikun fihom nuqqasijiet u, għal 50 % oħra, entrati fil-mira magħżula b'mod aleatorju.***	(d) ***Fil-każ tas-sistema 3+, il-verifika għandha tikkonsisti fil-verifika tal-kalkoli u d-data tal-input kollha. F'dak il-kuntest, il-korp notifikat għandu jivverifika jekk ir-regoli applikabbli dwar l-immudellar u l-kalkolu stabbiliti fl-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata jew il-metodoloġija applikabbli pprovduti mill-Kummissjoni humiex segwiti u jekk il-mudell tal-kalkolu u d-data tal-input jirriflettux il-proċess tal-produzzjoni. F'każ li tintuża għodda tal-IT ivverifikata jew waħda pprovduta mill-Kummissjoni, il-verifika tiffoka fuq l-użu korrett tal-għodda. Fejn tintuża data sekondarja, il-korp notifikat għandu jivverifika jekk jintużawx is-settijiet korretti tad-data, preskritti mir-regoli ta' kalkolu applikabbli speċifiċi għall-prodott li jinsabu fl-ispeċifikazzjoni teknika jew fil-metodoloġija armonizzata applikabbli pprovduta mill-Kummissjoni. Meta tintuża data speċifika għall-kumpanija, l-affidabbiltà ta' dik id-data għandha tiġi vverifikata. Għal dak il-għan, il-korp notifikat jista' jwettaq awditu tal-impjant tal-manifattura, li d-data tirreferi għalih, u għandu jeżamina d-dokumentazzjoni biex jivverifika l-affidabbiltà tad-data.***

Emenda 496

Proposta għal regolament

Anness V – punt 7 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) Meta ***r-rati*** ta' ***ħsara msemmija hawn fuq ikunu ġew imsaħħa jew meta jkun ġie identifikat żball gravi*** jew ***intenzjoni ta' qerq***, il-korp notifikat għandu jirrifjuta l-ħruġ ta' ċertifikat għal mill-anqas sena jew għandu jirtira ċ-ċertifikat filwaqt li jippermetti l-ħruġ ta' wieħed ġdid biss wara ***sena***.	(f) Meta***, fil-każ*** ta' ***sistema 1+, 1 u 3, ikun hemm evidenza li l-manifattur ma jkunx wettaq il-kompitu tiegħu kif suppost*** jew ***il-prestazzjonijiet tal-prodott ma jikkonformawx mal-prestazzjonijiet iddikjarati***, il-korp notifikat għandu jirrifjuta l-ħruġ ta' ċertifikat għal mill-anqas sena jew għandu jirtira ċ-ċertifikat filwaqt li jippermetti l-ħruġ ta' wieħed ġdid biss wara ***li n-nuqqasijiet ikunu ġew rimedjati***.